# Rapport Annwali 2004









Uffiċċju tal-Kummissarju għat-tfal

# **Rapport Annwali** 2004

Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, Malta
Tel: (+356) 2590 3105 • Fax: (+356) 2590 3101
Email: sonia.camilleri@gov.mt

Frar 2005

# Werrej


## i Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal — vii

i.a Introduzzjoni — vii
i.b Il-ħatra tal-Kummissarju għat-Tfal — ix
i.c Għanijiet — ix
i.d Il-Perjodu ta' dan ir-Rapport — ix
i.e Il-Kunsill għat-Tfal — ix
i.f L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal — x

## 1 Rapport ta' l-Attivitajiet tal-Kummissarju — 1

1.1 Edukazzjoni u Informazzjoni Pubblika — 3
- 1.1.1 Televiżjoni — 4
- 1.1.2 Programmi Radju — 4
- 1.1.3 Gazzetti — 5
- 1.1.4 Parteċipazzjoni f'seminars, etc. — 8
- 1.1.5 Żjarat u laqgħat ma' entitajiet pubbliċi, u mhux governattiv — 9
- 1.1.6 Id-Drittjiet tat-Tfal għal adulti, professjonisti, għaqdiet, u oħrajn — 10

1.2 Parteċipazzjoni u Konsultazzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fix-Xogħol ta' l-Uffiċċju — 11
- 1.2.1 Laqgħat fl-iskejjel — 11
- 1.2.2 Laqgħat mat-tfal u maż-żgħażagħ — 13
- 1.2.3 Ambaxxaturi tad-Drittijiet tat-Tfal — 14
- 1.2.4 Għażla tar-rappreżentanti fuq il-Kunsill għat-Tfal — 15

1.3 Jum il-ħajja 2004 — 16

1.4 Proġett tal-Logo tal-Kummissarju għat-Tfal — 16

1.5 Jum Dinji tat-Tfal, 20 ta' Novembru 2004 — 17

1.6 Qasam Internazzjonali 18

1.7 Qasam tar-Riċerka u Policy 21

2 Deskrizzjoni ġenerali tal-qagħda tat-tfal f'Malta u survey ta' l-iżviluppi li laqtuhom 23

2.a It-tfal u l-edukazzjoni 25
2a.1 L-eżamijiet 28
2a.2 L-istreaming 29
2a.3 Iċ-ċertifikati 29
2a.4 Il-Kurrikulu... u l-Privat 30
2a.5 L-Illitteriżmu 33
2a.6 Ghajnuna lill-istudenti li jehtieġuha 33
2a.7 Bullying 34
2a.8 Servizzi soċjali fl-iskejjel 35
2a.9 Konklużjoni 36

2.b. It-tfal u l-ġustizzja 37
2b.1 Il-Qorti tal-Minorenni (Juvenile Court) 37
2b.2 Il-Qorti Kriminali 38
2b.3 Il-Qorti tal-Familja 38
2b.4 Is-Sezzjoni għat-tfal u żgħażagħ ġewwa il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (YOURS) 39
2b.5 Sistemi alternattivi għar-riabilitazzjoni ta' "young offenders" 40

2.c. It-tfal u s-saħħa 41
2c.1 Tipjip 41
2c.2 It-Tarbija fil-Ġuf 41
2c.3 Il-Breastfeeding 42
2c.4 Is-saħħa tat-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-iskola (Rapport imħejji mill-WHO ) 42
2c.5 Iż-Żgħażagħ u d-droga 44
2c.6 L-Imġieba Sesswali 45
2c.7 Il-Qasam taż-Żgħażagħ fl-iSptar Monte Karmeli (YPU) 46

d. It-tfal u s-servizzi li jeħtieġu 49

3. Rakkommandazzjonijiet dwar il-ħtieġa ta' bidla ta' leġiżlazzjoni u policies 53

3.a. Il-Liġi tat-Tfal (Children Act) 55

3.b. It-tfal u ż-żgħażagħ immigranti 57

3b.1 Is-sitwazzjoni preżenti, u l-iżviluppi li saru f'dan il-qasam

3b.1.1 Minuri mhux akkumpanjati mill-familja tagħhom (Unaccompanied Minors) 57

3b.1.2 Minuri akkumpanjati 59

3b.2 Reazzjonijiet tal-Kummissarju għat-Tfal għad-dokument 'Il-Politika tal-Gvern dwar l-Immigranti Irregolari, Refuġjati u Integrazzjoni' 61

4. Reazzjonijiet li saru lill-Uffiċċju tal-Kummissarju skond l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal 63

Referenzi 67

Appendiċi 68

Dokument A Preżentazzjoni tal-Logo tal-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004, minn Francesca Bezzina 68

Dokument B Messaġġ tal-Kummissarju għat-Tfal għall-Jum Dinji tat-Tfal 2004 69

Dokument Ċi Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004 għall-iskejjel Sekondarji 71

Dokument Ċii Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004 għall-iskejjel Primarji 73

Dokument D Messaġġ għall-Jum Dinji tat-Tfal, minn Mark Anthony Sammut 75

Dokument E Liġijiet u Politika Internazzjonali li ntużaw fil-kapitlu 3b: it-tfal u żgħażagħ immigranti 76

# i. Messaġġ mill-**Kummissarju**

## i.a Introduzzjoni

Għadni kif spiċċajt l-ewwel sena tiegħi bħala l-ewwel Kummissarju għat-Tfal f'Malta.

Kienet sena sabiħa ħafna, sena fejn iltqajt ma' ħafna tfal fl-iskejjel, fid-djar tat-tfal, fl-isptar, fl-uffiċċju tiegħi, fl-għaqdiet tat-tfal u ż-żgħażagħ, fil-Kunsilli Lokali, kif ukoll fid-detenzjoni u fiċ-ċentri miftuħa ta' l-immigranti.

It-tfal u ż-żgħażagħ huma sbieħ kullimkien, u laqgħuni bi tbissima kull fejn mort!

Kelli dejjem nispjegalhom illi jiena mhux pulizija… (ħaġa li huma jassoċjaw mal-kelma 'kummissarju'), u li x-xogħol tiegħi hu li nkabbar l-għarfien dwar id-drittijiet tat-tfal kollha li hawn f'Malta, sakemm huma jagħlqu t-tmintax-il sena, u nara li jiġu mħarsa.

Dejjem semgħu bl-akbar attenzjoni dak li kelli x'ngħidilhom dwar il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, u fejn kellna l-ħin, huma kienu lesti jiddiskutu bl-akbar serjetà t-tifsira ta' diversi drittijiet u kif dawn jiġu affermati f'kuntest fejn kulħadd għandu d-drittijiet tiegħu, inkluż il-ġenituri u l-għalliema tagħhom.

Kienet sena sabiħa wkoll għaliex iltqajt ma' ħafna nies, f'kull settur, illi jaħdmu mat-tfal, u fost dawn sibt ħafna dedikazzjoni, impenn, u mħabba. Tassew illi l-akbar riżors li għandna f'Malta huwa l-ħaddiema Maltin stess. Għad għandna ħafna għalliema, reliġjużi, ħaddiema soċjali, counsellors, tobba u nfermiera, ħaddiema fil-korp tal-pulizija u fil-qrati, kif ukoll voluntiera, illi lesti joffru lit-tfal servizz mill-aqwa.

Naturalment ma jistax jonqos illi ltqajt ukoll ma' strutturi, servizzi, programmi u liġijiet illi għadhom lura ħafna minn dak illi jixirqilhom it-tfal, speċjalment fid-dawl ta' dak li titlob il-Konvenzjoni. Iltqajt ukoll ma' min qed jisfrutta lit-tfal f'kull aspett ta' ħajjithom; kultant dawn kienu l-ġenituri taghhom stess.

Forsi kien għalhekk illi nħass il-bżonn ta' Kummissarju għat-Tfal.

Issa li dan ix-xogħol qed jindara, tajjeb ngħid illi hawn min għadu ma fehemx il-kariga tiegħi u jistenna illi noffri servizzi illi m'humiex imsemmijja fil-Liġi. Huwa għalhekk illi tul din is-sena jiena ħassejt il-bżonn illi jkun hawn Dipartiment tat-Tfal, fi ħdan il-Ministeru tal-Familja, illi jkun inkarigat jiġbor u joffri kull informazzjoni u statistika dwar it-tfal f'Malta, u jikkoordina ħafna xogħol simili illi qed isir minn numru ta' NGOs, il-Knisja u Dipartimenti tal-Gvern. Mudell ta' dan jista' jkun in-National Children's Office ta' l-Irlanda li joffri servizz differenti minn dak tal-Kummissarju tat-Tfal.

Żewġ affarijiet oħra illi hemm bżonn huma:

- illi jiġi rimedjat in-nuqqas ta' provvediment fil-Liġi tal-Kummissarju għat-Tfal, għal Segretarjat għall-istess Kummissarju. Dan tħalla barra kompletament, bil-konsegwenza illi qed ikun diffiċli ħafna għalija illi ngħaqqad ma' l-Uffiċċju tiegħi tim ta' persuni illi hemm bżonn.

- Illi jingħata' lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal budget realistiku. Bir-riżorsi li hemm bħalissa m'hemmx flus għall-istaff, għall-ispejjes ta' l-Uffiċċju, u fuq kollox għal dawk il-proġetti li jridu jsiru biex l-għarfien tad-Drittijiet tat-Tfal u l-ħarsien tagħhom ikun jista' jitwettaq. S'issa dak li għamilna sar bl-għajnuna loġistika u finanzjarja tal-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali. Din id-dipendenza però ma tgħinx biex il-Kummissarju jkollu l-awtonomija mixtieqa fil-qadi ta' dmirijietu.

Nirringrazzja lil kull min ħadem biex tinħoloq il-kariga ta' Kummissarju għat-Tfal u lil dawk illi matul din is-sena offrew l-għajnuna tagħhom.

Nirringrazzja fuq kollox lil dawk li ħadmu miegħi minn Mejju li għadda meta ftaħna l-Uffiċċju tagħna, sew iż-żewġ impjegati, l-għalliem li ġie misluf ġentilment mid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, il-konsulent legali u d-diversi voluntiera li tawna x-xogħol tagħhom.

Huwa b'entużjażmu illi issa nibda t-tieni sena tiegħi f'din il-pożizzjoni.

Sonia Camilleri

Sonia Camilleri
Kummissarju għat-Tfal

## i.b Il-ħatra tal-Kummissarju għat-Tfal

Il-Liġi tal-Kummissarju għat-Tfal għaddiet mill-Parlament u daħlet fis-seħħ fil-5 ta' Diċembru 2003. Is-Sinjura Sonia Camilleri ġiet maħtura bħala l-ewwel Kummissarju għat-Tfal fid-19 ta' Diċembru 2003.

## i.c Għanijiet

Ix-xogħol tal-Kummissarju għat-Tfal huwa mqassam f'erbgħa:

1. Protezzjoni tat-tfal u żgħażagħ
2. Promozzjoni tad-drittijiet tat-tfal
3. Proviżjoni ta' servizzi għat-tfal u żgħażagħ
4. Parteċipazzjoni tat-tfal u żgħażagħ

Il-Kummissarju għat-Tfal għandha wkoll il-kompitu li tagħmel monitoring ta' l-iżviluppi fil-qasam tat-tfal f'Malta.

## i.d Il-Perjodu ta' dan ir-Rapport

Dan ir-rapport ikopri s-sena 2004, li hija l-ewwel sena ta' operat tal-Kummissarju għat-Tfal.

F'Mejju 2004 beda jiġi stabbilit l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal f' Palazzo Ferreria, Valletta.

## i.e Il-Kunsill għat-Tfal

Il-membri tal-Kunsill għat-Tfal huma:

- il-Kummissarju għat-Tfal, li hija c-Chairperson ta' dan il-Kunsill
- sitt membri appuntati minn Ministri differenti u mill-Kumitat tal-Parlament għall-Affarijiet Soċjali

- żewġ membri oħra li huma esperti u għandhom esperjenza fil-qasam tat-tfal u ż-żgħażagħ u li ġew co-opted mill-Kunsill
- żewġt itfal u żgħażagħ ta' 11 u 14-il sena eletti mill-grupp ta' l-Ambaxxaturi tad-Drittijiet tat-Tfal u li ġew co-opted mill-Kunsill
- żagħżugħa ta' 16-il sena nominata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità, u li ġiet co-opted mill-Kunsill.

## i.f L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal minn Mejju 2004 huwa magħmul minn:

| | |
|---|---|
| Daniela DeBono | Uffiċjal fuq ir-Riċerka, Żvillupp u Relazzjonijiet Internazzjonali |
| Carmen Cassar | Segretarja |
| Manuel Fenech [1] | Uffiċjal fuq l-Edukazzjoni |
| Dr Ruth Farrugia | hija l-konsulent legali tal-Kummissarju u tiġi l-Uffiċċju għal sagħtejn fil-ġimgħa. |

[1] Jaħdem b'mod part time ma' l-Uffiċċju u huwa misluf mill-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi

# 1. Rapport ta' l-**attivitajiet** tal-**Kummissarju**



# 1. Rapport ta' l-**Attivitajiet** tal-**Kummissarju**

## 1.1 Edukazzjoni u Informazzjoni Pubblika

L-edukazzjoni u l-informazzjoni pubblika huwa qasam importanti għall-Kummissarju għat-Tfal. Dan għaliex, skond il-liġi, il-Kummissarju għandha tippromwovi kull għarfien tad-drittijiet tat-tfal kif ukoll tippromwovi għarfien tal-ħidma tal-Kummissarju għat-Tfal.

Għaldaqstant fl-ewwel sena ta' operat tal-Kummissarju għat-Tfal, ir-relazzjonijiet pubbliċi kienu mogħtija importanza. Partikolarment biex it-tfal, iż-żgħażagħ u persuni oħra speċjalment dawk involuti f'xogħol mat-tfal u għat-tfal, isiru jafu bil-Kummissarju għat-Tfal u l-irwol tagħha. Ġew ippubblikati stickers bil-logo tal-Kummissarju għat-Tfal inkluż in-numru tat-telefon u l-indirizz ta' l-email biex inħeġġu lit-tfal u żgħażagħ jikkorrispondu mal-Kummissarju. Ms. Camilleri ipparteċipat f'seminars u konferenzi, għamlet taħdidiet u mexxiet diskussjonijiet fost tfal, żgħażagħ u adulti, kemm fl-iskejjel kif ukoll fil-komunità.

F'din l-ewwel sena wkoll, hija żammet preżenza kontinwa fuq il-medja (TV, Radju, Gazzetti u Fuljetti tat-Tfal). Il-Kummissarju ħarġet ukoll diversi stqarrijiet għall-istampa u kienu organizzati wkoll konferenzi stampa. Il-Medja kienet mistiedna għall-attivitatjiet partikolari organizzati mill-Kummissarju. Uffiċjali oħra mill-Uffiċċju u membri mill-Kunsill għat-Tfal ukoll ħadu sehem f'diversi programmi fuq il-mezzi tax-xandir.

### 1.1.1 Televiżjoni

| | | |
|---|---|---|
| 17.01.04 | Bla Agenda | Super One TV |
| 10.02.04 | Xarabank | TVM |
| 04.03.04 | Mini Bugz | Net TV |
| 13.03.04 | Bang! | Super One |
| 15.04.04 | Mill-Parroċċi | Smash TV |
| 19.08.04 | Sajf Flimkien | Super One |
| 06.09.04 | Minn ġidd għal ġidd | Net TV |
| 02.11.04 | Siesta | Net TV |
| 09.11.04 | Siesta | Net TV |
| 10.11.04 | Owkej? | TVM |
| 17.11.04 | Sijju | Net TV |
| 17.11.04 | A70 | Net TV |
| 20.11.04 | Taf x'Niftakar Jien? | Net TV |
| 22.11.04 | Croatian National TV | |
| 14.12.04 | L-Istrina | TVM |

### 1.1.2 Programmi Radju

| | | |
|---|---|---|
| 24.01.05 | Mhux kelma bejn tnejn — L-irwol tal-Kummissarju għat-Tfal Radju Malta | |
| 17.08.04 | Nitgħallmu bl-avventura | RTK |
| 16.09.04 | Għalina Lkoll | RTK |
| 23.09.04 | Għalina Lkoll | RTK |
| 06.10.04 | Bieb Miftuħ – Id-Drittijiet tat-Tfal | RTK |
| 20.10.04 | Bieb Miftuħ – Child Labour | RTK |
| 03.11.04 | Bieb Miftuħ – Id-Dritt għall-Logħob | RTK |
| 17.11.04 | Bieb Miftuħ – Il-Jum Dinji tat-Tfal | RTK |
| 01.12.04 | Bieb Miftuħ – Id-Dritt għall-Edukazzjoni | RTK |
| 03.12.04 | Love and Salvation | Bastjaniżi FM |
| 15.12.04 | Bieb Miftuħ – Id-Dritt tal-Parteċipazzjoni | RTK |
| 15.12.04 | Love and Salvation | Bastjanizi FM |
| 29.12.04 | Bieb Miftuħ – Id-Dritt għal postijiet xierqa ta' rikrejazzjoni | RTK |

### 1.1.3 Gazzetti

**Artikli mibgħuta mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal:**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Marzu 2004 | Ħatra ġdida fl-Interess tat-Tfal | | Saghtar |
| 18.10.04 | L-Oriġini tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal u x-Xogħol tal-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal | Manuel Fenech | In-Nazzjon |
| 31.10.04 | Child Commissioner at ENOC meeting in Cardiff | Sonia Camilleri | Sunday Times of Malta |
| Ottubru 2004 | Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal | Sonia Camilleri | Taghna t-Tfal |
| 12.11.04 | Il-Konvenzjoni tad Drittijiet tat-Tfal: Stedina biex inħarsu lejn it-Tfal minn lenti differenti | Manuel Fenech | In-Nazzjon |
| 20.11.04 | L-Edukazzjoni – Dritt Fundamentali tat-Tfal | Manuel Fenech | Orizzont |
| 20.11.04 | Children's Participation: A Learning Process | Marianne Muscat Azzopardi | Times of Malta |
| 21.11.04 | World Children's Day and Welfare Reform | Marianne Muscat Azzopardi | The Sunday Times |
| 03.12.04 | Il-Pedamenti li fuqhom hija mibnija l-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal | Manuel Fenech | In-Nazzjon |
| 30.12.04 | Children in Need | Marie Testa | Times of Malta |

**Rappurtaġġ fuq il-Kummissarju għat-Tfal**

| | | |
|---|---|---|
| 11.01.04 | Children, here's your representative | The Malta Independent |
| 23.01.04 | Children's Commissioner outlines plans | Times of Malta |
| 25.01.04 | Children's Commissioner invites young citizens for discussion on life | The Malta Independent |
| 12.01.04 | Għat-Tfal Biss | L-Orizzont |
| 26.01.04 | Il-Ħajja Sabiħa | Fuq ix-Xarabank |
| 31.01.04 | Ghada Malta tiċċelebra Jum il-Hajja | Il-Gens illum |
| 02.02.04 | Malta tiċċelebra Jum il-ħajja | In-Nazzjon |
| 02.02.04 | Life Celebrated | Times of Malta |
| 02.02.04 | Protecting the young against smoking | Times of Malta |
| 23.02.04 | A breath of fresh air | Times of Malta |

| | | |
|---|---|---|
| Marzu 2004 | Ħatra ġdida fl-interess tat-tfal | Saghtar |
| 04.03.04 | APCCS back child commissioner on smoking ban | The Malta Independent |
| 19.04.04 | Beyond the smoke | Times of Malta |
| 08.05.04 | Il-Kummissarju għat-Tfal u ta' Kana | Il-ġens illum |
| 09.05.04 | To thine own self be true | Times of Malta |
| 10.05.04 | Il-Kummissarju għat-Tfal | Times of Malta |
| 15.05.04 | Il-Kummissarju titlob 'feedback' mill-ġenituri | In-Nazzjon |
| 15.05.04 | Children's Commissioner visits college | Times of Malta |
| 20.05.04 | Il-Kummissarju għat-Tfal u l-Moviment ta' Kana | In-Nazzjon |
| 27.06.04 | Nevitaw it-Traġedji | It-Torċa |
| 28.06.04 | Konferenza dwar id-drittijiet, il-protezzjoni u l-iżvilupp tat-tarbija fil-ġuf ta' l-omm | In-Nazzjon |
| 28.06.04 | Conference discusses the Unborn Child | Times of Malta |
| 02.07.04 | Children must be supervised at all times | The Malta Independent |
| 12.07.04 | Children Corner | Times of Malta |
| 19.07.04 | Selection procedures for Children Council | Di-ve |
| 20.07.04 | Boy and girl elected to Children's Council | Times of Malta |
| 20.07.04 | Studenti fuq il-Kunsill tat-Tfal: Apatija mill-Iskejjel Governattivi | L-Orizzont |
| 20.07.04 | Eletti fil-Kunsill tat-Tfal | In-Nazzjon |
| 28.07.04 | Children's Participation | Junior News, Times of Malta |
| 29.07.04 | Appell f'Waqtu | Kulħadd |
| 01.08.04 | Rights of the Unborn Child | Sunday Times of Malta |
| 04.08.04 | The Children's Champion | Junior News, Times of Malta |
| 14.08.04 | Saqaf diċenti għall-immigranti illegali | Il-ġens illum |
| 13.08.04 | Volunteers create summer of fun for refugee children | Times of Malta |
| 13.08.04 | Mingħajr post fejn inpoġġu tfal klandestini | L-Orizzont |
| 26.08.04 | VAT għat-tfal li jmorru l-iskola tas-sajf | L-Orizzont |
| 14.09.04 | Children's Commissioner heaps praise on Caritas | The Malta |
| | Independent | |
| 18.09.04 | The Children's Protector | Child Magazine |
| 25.09.04 | Imnedija kompetizzjoni ta' disinn ta' logo mit-tfal għat-tfal | L-Orizzont |
| 25.09.04 | Society 'failing' youths with antisocial behaviour | Times of Malta |
| 29.09.04 | Design a logo competition | Times of Malta |
| 30.09.04 | School counselling | Times of Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 28.09.04 | Kompetizzjoni għall-aħjar 'logo' | In-Nazzjon |
| 06.10.04 | Design a logo competition | Junior News, Times of Malta |
| 13.10.04 | Signs of the times | Times of Malta |
| 13.10.04 | Intervista mal-Kummissarju għat-Tfal | In-Nazzjon |
| 20.10.04 | Kompetizzjoni fost it-tfal biex jintgħażel 'logo' għall-Kummissarju għat-Tfal | In-Nazzjon |
| 31.10.04 | Child Commissioner at ENOC meeting in Cardiff | The Sunday Times |
| 07.11.04 | New logo for Commissioner for Children | The Malta Independent |
| 07.11.04 | 600 children compete for best logo | The Sunday Times |
| 07.11.04 | Saret il-votazzjoni għal-aħjar 'logo' tal-Kummissarju għat-Tfal | In-Nazzjon |
| 10.11.04 | Call for action plan to curb human trafficking | Times of Malta |
| 10.11.04 | 600 parteċipant – riżultat fl-20 ta' Novembru | In-Nazzjon |
| 14.11.04 | An invitation for children and young people | The Malta Independent on Sunday |
| 14.11.04 | Combating violence and trafficking | The Malta Independent on Sunday |
| 14.11.04 | Alcohol abuse more problematic than drug abuse | The Malta Independent on Sunday |
| 17.11.04 | Stedina biex inħarsu lejn it-tfal minn lenti differenti | In-Nazzjon |
| 17.11.04 | Lots of logos | Junior News, Times of Malta |
| 8.11.04 | Children have rights too | Times of Malta |
| 20.11.04 | Young students celebrate World Children's Day | Times of Malta |
| 20.11.04 | Il-Jum Dinji tat-Tfal | In-Nazzjon |
| 20.11.04 | Overwhelming attendance at World Children's Day concert | The Malta Independent |
| 20.11.04 | Ħsibijiet għall-Jum it-Tfal | Għalik Tfal, L-Orizzont |
| 21.11.04 | Fl-interess tat-Tfal | Il-Mument |
| 21.11.04 | Ghandhom ikunu diskussi proposti għal-Liġi tat-Tfal | Il-Mument |
| 21.11.04 | Launch of Official Logo for Commissioner for Children | The Malta Independent on Sunday |
| 21.11.04 | Children's Commissioner calls for second Family Court judge | The Sunday Times |
| 21.11.04 | Imfakkar il-Jum Universali tat-Tfal | It-Torċa |
| 23.11.04 | Malta wkoll iċċelebrat il-Jum Dinji tat-Tfal | In-Nazzjon |
| Diċembru 2004 | Il-Jum Dinji tat-Tfal | Saghtar |
| 01.12.04 | A sign to inspire | Junior News, Times of Malta |

| | | |
|---|---|---|
| 01.12.04 | How the logo developed | Junior News, Times of Malta |
| 12.12.04 | Mixja biex titqajjem kuxjenza fil-Jum tad-Drittijiet tal-Bniedem | Il-Mument |
| 15.12.04 | Daqqa Kultant: Tfal | L-Orizzont |

### 1.1.4 Parteċipazzjoni f'seminars, etc.

| | |
|---|---|
| 20.01.04 | Family and Work — Kummissjoni Nazzjonali Familja |
| 28.01.04 | Substance Abuse Awareness — St. Joseph School, Blata l-Bajda |
| 31.01.04 | Senza Figli non c'è Futuro — Dar Gużeppa Debono |
| 04.03.04 | Fl-Interess tat-Tfal — Għaqda Nisa Giljaniżi |
| 05.04.04 | How does the world treat our children? — Dr Applevard, Medical School, University of Malta |
| 12.04.04 | Iż-Żgħażagħ u l-Kriminalità — Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli |
| 27.04.04 | Help Against Illiteracy — Poalo Freire Institute |
| 29.04.04 | Protecting Abused Children: The Maltese Context — APPOĠĠ |
| 21.05.2004 | Forum ta' Riċerka. L-Apprendistat f'Malta — Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ |
| 24.05.04 | Lejn Appoġġ Aħjar għal Tfal bi Problemi — Fondazzjoni Mikiel Anton Vassalli |
| 07.07.04 | Drugs and Children's Rights — SEDQA |
| 21.07.04 | Attachment, Trauma and Resilience: therapeutic caring for children — APPOĠĠ |
| 23.07.04 | Varar tal-Proġett Pilota: Kunsilli Lokali taż-Żgħażagħ — Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ |
| 24.07.04 | Contact 2004: The Illegal Odyssey<br>Workshop:Refugee Women and Children — Pulse |
| 02.09.2004 | Exclusive Breastfeeding: The Golden Standard: Safe, Sound and Sustainable — Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa |
| 03.09.04 | Refugees in Malta: Forward Together — APPOĠĠ |
| 24.09.04 | Young People with Anti-Social Behaviour — APPOĠĠ |
| 30.09.04 | Forum ta' Diskussjoni fuq Proposta ta' Linji Gwida għall-Persuni Vulnerabbli — PBS u Awtorita' tax-Xandir |
| 02.10.04 | Counselling Young People – the Ethical Issues — Malta Association for the Counselling Profession |
| 10.11.04 | Drug Trafficking and Drug Sharing — Sessjoni tal-Kumitat għall-Affarijiet Soċjali tal-Parlament |
| 11.11.04 | Victims of Crime in Malta — Criminal Justice Bureau |
| 17.11.04 | Laqgħa tas-Sotto Kumitat tal-Familja — Kunsill Lokali Żejtun |

## 1.1.5 Żjarat u laqgħat ma' entitajiet pubblici, u mhux governattiv

| | | |
|---|---|---|
| 16.01.04 | Laqgħa | YMCA – Valletta |
| 19.01.04 | Laqgħa | Institute of Health Care, University of Malta |
| 21.01.04 | Laqgħa | Kumitat ta' l-Affarijiet Soċjali, Parlament |
| 23.01.04 | Laqgħa | Moviment għad-Drittijiet tal-Persuni b'Diżabilità |
| 30.01.04 | Laqgħa | Dar l-Emigrant |
| 02.02.04 | Laqgħa | Childcare Technical Committee |
| 02.02.04 | Laqgħa | Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità |
| 11.02.04 | Laqgħa | Democracy in Schools |
| 11.02.04 | Laqgħa | Kunsill Nazzjonali taż-Żgħażagħ |
| 13.02.04 | Laqgħa | Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni |
| 16.02.04 | Laqgħa | ETC (Skemi ta' Apprendistat) |
| 18.02.04 | Laqgħa | Dipartiment għall-ħarsien tal-Familja |
| 18.02.04 | Laqgħa | APPOGG |
| 18.02.04 | Laqgħa | Kunsill Nazzjonali tan-Nisa |
| 25.02.04 | Laqgħa | Malta Union of Teachers |
| 01.03.04 | Laqgħa | Anti-Bullying Section |
| 08.03.04 | Laqgħa | ETC – Gender Issues |
| 17.03.04 | Laqgħa | Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità |
| 19.03.04 | Laqgħa | Indirizz lill-Girl Guides — Professionalism, Team Work & Dedication |
| 22.03.04 | Gozo Education Day | Secretariat for Catholic Education, Commissioner for Children, Association of Parents of Children in Church Schools |
| 26.03.04 | Laqgħa | Dipartiment Ħarsien tal-Familja |
| 30.03.04 | Laqgħa | Kunsill Lokali tat-Tfal, Kunsill Lokali, Pietà |
| 31.03.04 | Laqgħa | Role of the Commissioner for Children, Porziuncola Retreat House, San Girgor Catechists |
| 06.04.04 | Laqgħa | Kummissjoni Nazzjonali Familja |
| 07.04.04 | Laqgħa | Ir-Riforma tal-Welfare, Ċentru Fidi u Ġustizzja |
| 26.04.04 | Żjara | Dar is-Sliem, Fejda, Jeanne Antide, Fondazzjoni Vincenzo Bugeja |
| 28.04.04 | Żjara waqt Attività | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa |
| 01.05.04 | Żjara | Dar San Ġużepp, Sta Venera |
| 02.05.04 | Laqgħa | Social Programme for Teens, Dar San Ġużepp |
| 03.05.04 | Żjara waqt Attività | Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa |
| 04.05.04 | Laqgħa | Fostering - APPOĠĠ |

| | | |
|---|---|---|
| 13.05.04 | Laqgħa | Department of Social Policy & Social Work, University of Malta |
| 21.05.04 | Laqgħa | European Unit Programmes Unit |
| 27.05.04 | Żjara | Angela House, Ursuline Sisters, G'Mangia |
| 27.05.04 | Laqgħa għal koppji separati | Grupp ta' Kana |
| 31.05.04 | Laqgħa | Uffiċċju ta' l-Ombudsman |
| 09.06.04 | Żjara | Il-Kamp ta' Detenzjoni ta' Safi u Lyster Barracks |
| 08.07.04 | Smigħ ta' seduta | Juvenile Court |
| 14.07.04 | Żjara | Il-Kurja ta' l-Isqof ta' Għawdex |
| 29.07.04 | Osservazzjoni ta' Case Conference | Family Court |
| 12.08.04 | Skola tas-Sajf għal tfal immigranti | Servizz tal-Ġiżwiti għar-Rifuġjati |
| 13.08.04 | Osservazzjoni ta' Intervista għall-Verifika ta' l-Età | Ċentru ta' Detenzjoni ta' Ħal Safi |
| 25.08.04 | Laqgħa | EU Affairs Directorate on Audio Visuals |
| 15.09.04 | Żjara | YOURS, Faċilità Korrettiva ta' Kordin |
| 29.09.04 | Laqgħa | Cares for Children |
| 09.10.04 | Żjara | Dar Merħba Bik |
| 20.10.04 | Laqgħa | Youth Section, Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi |
| 26.10.04 | Żjara | Dar San Ġużepp |
| 27.10.04 | Żjara | Young People's Unit (YPU), Sptar Monte Karmeli, Attard |
| 08.12.04 | Laqgħa | Kunsill Lokali taż-Żgħażagħ, Żejtun |
| 10.12.04 | Żjara | Young People's Unit (YPU), Sptar Monte Karmeli, Attard |
| 22.12.04 | Laqgħa | Fakultà ta' l-Edukazzjoni, Università ta' Malta |

### 1.1.6 Id-Drittjiet tat-Tfal għal adulti, professjonisti, għaqdiet, u oħrajn

Fuq quddiem fl-aġenda tal-Kummissarju għat-Tfal hemm il-kuntatt ma' dawk kollha li jaħdmu mat-tfal. Ghalhekk l-Uffiċċju ħadem biex ikun hemm opportunita' li jsiru laqgħat ma' l-għalliema u nitkellmu ma' xi wħud minnhom dwar l-idea tad-Drittijiet għat-Tfal. Xi wħud minnhom deheru perplessi quddiem l-idea li nitkellmu dwar id-"drittijiet" tat-tfal. Madankollu ħareġ ċar ħafna li l-mod kif wieħed jispjega d-drittijiet huwa ta' importanza kbira. Meta nippreżentaw id-drittijiet tat-tfal aħna nfehmu li kulħadd ghandu d-drittijiet. Ghaldaqstant il-kunċetti ta' rispett u responsabilità jmorru id f'id mad-drittijiet.

Dawn l-istess reazzjonijiet ħarġu matul ħafna mill-laqgħat li l-Kummissarju għat-Tfal u uffiċjali oħra kellhom mal-ġenituri kif ukoll ma' persuni oħra li jaħdmu mat-tfal u ż-żgħażagħ.

Jidher ċar li trid issir ħafna aktar ħidma ma' l-adulti biex nedukaw għal stil ta' ħajja fejn it-tfal ikunu mismugħa aktar, meħuda b'aktar serjeta' u mogħtija ċ-ċans li jipparteċipaw f'dak kollu li jirrigwarda lilhom.

## 1.2 Parteċipazzjoni u Konsultazzjoni tat-Tfal u ż-Żgħażagħ fix-Xogħol ta' l-Uffiċċju

Matul din is-sena l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal impenja ruħu biex it-tfal ikollhom leħen u jkollhom sehem attiv f'ħafna mill-għażliet u d-deċiżjonijiet li ttieħdu mill-Uffiċċju. Il-ħtieġa ta' dan l-impenn tidher ċar f'artikli 12 u 13 ta Konvenzjoni li jeżiġu li t-tfal ikunu meħuda bis-serjetà mismugħa tajjeb u mogħtija l-ispazju mistħoqq biex jitkellmu fuq affarijiet li jirrigwardaw lilhom.

### 1.2.1 Laqgħat fl-iskejjel

Xi wħud mill-iskejjel kienu minn ta' quddiem nett li stiednu lill-Kummissarju għat-Tfal biex iżżur l-iskola. Din kienet opportunita fejn il-Kummissarju mhux biss rat l-ambjent li fih qed jgħixu għal ħin twil il-maġġor parti tat-tfal, imma wkoll kellha ċ-ċans titkellem mat-tfal.

Il-laqgħat u l-istediniet li l-Kummissarju u xi uffiċjali oħra kellhom fl-iskejjel ħadu diversi xejriet. Minn dawk fejn konna mistiedna għal xi preżentazzjoni jew jum il-premjazzjoni, għal oħrajn fejn kellna ċ-ċans nindirizzaw lit-tfal u ż-żgħażagħ u nwieġbu għall-mistoqsijiet tagħhom. Dawn ta' l-aħħar kienu ferm aktar effettivi.

Iż-żjajjar tal-Kummissarju u xi uffiċjali oħra fl-iskejjel tawna wkoll iċ-ċans biex inkunu nistgħu nitkellmu mal-kunsill ta' l-istudenti. Stajna nindunaw kemm għandna tfal u żgħażagħ li minkejja d-diffikultajiet li xi drabi jkunu qed jiltaqgħu magħhom huma stess kemm fid-dar kif ukoll fl-iskola, fl-istess ħin ikunu kapaċi joffru mill-ħin tagħhom biex ikunu ta' servizz għal sħabhom. Dan huwa ġest verament mill-isbaħ.

**Żjajjar fl-iskejjel**

| | |
|---|---|
| 28.01.04 | St. Joseph School — Blata l-Bajda |
| 30.01.04 | Għożża, Schoolgirl's Mothers Unit — Floriana |
| 04.02.04 | Skola Sekondarja tas-Subien Vincenzo Bugeja — Sta. Venera |
| 09.02.04 | Skola Primarja Dom Mauro Inguanez — Isla |
| 11.02.04 | Skola Maria Tereża Nuzzo — Ħamrun |
| 08.03.04 | De La Salle College — Bormla |
| 10.03.04 | Skola Primarja — Mqabba |
| 23.03.04 | MCAST – School of Art and Design — Mosta |
| 30.03.04 | Skola San Miguel — Pembroke |
| 01.04.04 | Junior Lyceum u Skola Sekondarja tat-Tfajliet Agius de Soldanis — Għawdex |
| 19.04.04 | St. Monica School — Gżira |
| 26.04.04 | St. Monica School — Gżira |
| 05.05.04 | St. Edward's College — Bormla |
| 11.05.04 | Skola Primarja A — Mosta |
| 12.05.04 | St.Edward's College — Isla |
| 21.05.04 | St. Monica School — Gżira |
| 24.05.04 | Skola Primarja B Santa Bernardette — San Ġwann |
| 04.06.04 | Skola Primarja — Għaxaq |
| 15.06.04 | Skola San Miguel — Pembroke |
| 22.06.04 | Skola Primarja San Pawl il-Baħar — San Pawl il-Baħar |
| 22.06.04 | St. Patrick's School — Sliema |
| 25.08.04 | Junior Lyceum tal-Bniet Sta. Theresa — Imrieħel |
| 25.08.04 | Skola Primarja Dun Xand Cortis — Sta. Venera |
| 27.09.04 | Skola Primarja A Carmela Sammut — Mosta |
| 28.09.04 | Junior Lyceum tal-Bniet Carlo Diacono — Żejtun |
| 05.10.04 | Skola Primarja Birżebbuġa — Birżebbuġa |
| 06.10.04 | Skola Primarja San Ġorġ — Qormi |
| 06.10.04 | Skola Primarja San Bastjan — Qormi |
| 11.10.04 | Kulleġġ San Elija — Sta. Venera |
| 11.10.04 | Skola Primarja Dun Xand Cortis — Sta Venera |
| 11.10.04 | Skola Sekondarja tas-Subien Vincenzo Borg Brared — Sta. Venera |
| 13.10.04 | Kulleġġ San Albert il-Kbir — Valletta |
| 15.10.04 | Skola Sekondarja tal-Bniet Maria Regina — Blata l-Bajda |
| 27.10.04 | Skola Sekondarja tas-Subien Ġużè Galea — Qormi |
| 28.10.04 | Garendon School — Żebbuġ |
| 28.10.04 | MCAST — Raħal Ġdid |
| 08.11.04 | Skola Sekondarja tal-Bniet Erin Serracino Inglott — Bormla |
| 12.11.04 | Skola Primarja Dun Frans Camilleri — Ħamrun |

| | |
|---|---|
| 18.11.04 | Sacred Heart Minor Seminary — Għawdex |
| 22.11.04 | Skola Mater Dei — Msida |
| 22.11.04 | Kulleġġ San Elija — Sta. Venera |
| 26.11.04 | Skola Sekondarja tal-Bniet Sir Luigi Preziosi — St. Andrews |
| 06.12.04 | Skola Sekondarja tal-Bniet Maria Regina — Blata l-Bajda |
| 21.12.04 | Skola San Miguel — Pembroke |

**Jum il-Premjazzjoni**

| | |
|---|---|
| 25.03.04 | St. Monica School — Birkirkara |
| 26.03.04 | St. Joseph School — Blata l-Bajda |
| 29.04.04 | Skola Sekondarja għas-Subien Vincenzo Bugeja — Sta. Venera |
| 17.06.04 | Skola Primarja Patri ġuże Delia — Siġġiewi |
| 27.11.04 | Kulleġġ San Alwiġi — Birkirkara |
| 10.12.04 | St. Monica School — Gżira |
| 15.12.04 | Skola Primarja Carmelo Caruana — Safi |
| 21.12.04 | St. Martin School — Imselliet |

## 1.2.2 Laqgħat mat-tfal u maż-żgħażagħ

Minn dawn il-laqgħat ħareġ ċar kemm it-tfal u żgħażagħ, meta jkollhom iċ-ċans li jesprimu ruħhom u jkollhom min jgħinhom, jafu jitkellmu b'mod ċar fuq dak li jkunu għaddejjin minnu.

Dawn il-laqgħat servew mhux biss biex nidentifikaw x'inhuma x-xewqat l-aktar profondi ta' xi wħud mit-tfal, imma wkoll biex nindunaw bil-potenzjal li għandna f'ħafna mit-tfal u ż-żgħażagħ ta' pajjiżna.

Saħansitra għandna tfal u żgħażagħ li fl-għaqdiet rispettivi tagħhom qed jaħdmu biex iġibu 'l quddiem l-istess drittijiet għat-tfal, waqt li oħrajn għandhom id-determinazzjoni li jorganizzaw u jmexxu l-post li jista' joffrilhom rikrejazzjoni.

Kienu diversi l-inizjattivi li wasslu biex inħolqu rabtiet bejn l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal u t-tfal.

**Malta Skaters United (MSU)**

Il-Malta Skaters United hija għaqda ta' skateboarders. Il-membri tagħha huma fil-maġġoranza tagħhom tfal u żgħażagħ ta' bejn il-11 u s-17-il sena. Huma jiltaqgħu regolarment fis-Subway ta' l-Imsida biex jipprattikaw dan l-isport fuq rampi li tellgħu huma stess.

Ix-xogħol ta' l-għaqda MSU jikkonsisti ukoll f'tindif regolari tal-post fejn jagħmlu skateboarding, jiżbgħu fuq kliem ħażin u graffiti li minn żmien għal żmien jagħmlulhom persuni oħra (is-Subway ta' l-Imsida miftuħ għal kulħadd), u jorganizzaw attivitajiet biex ikabbru l-għarfien ta' skateboarding bħala sport u mezz ta' rikrejazzjoni alternattiva.

L-MSU bħalissa qed tistenna risposta mingħand l-awtorijiet konċernati tal-gvern għal talba li għamlet biex tiżviluppa s-Subway ta' l-imsida f'post li huwa aktar adattat għal tfal u żgħażagħ li jixtiequ jipprattikaw dan l-isport.

L-MSU kienu l-ewwel għaqda taż-żgħażagħ li ġiet titlob l-għajnuna lill-Kummissarju uffiċjalment. Il-Kummissarju għat-Tfal għenet lil MSU fejn kien hemm bżonn f'diversi aspetti organizzativi, partikolarment fl-indikazzjoni ta' l-uffiċċji rilevanti tal-gvern sabiex japplikaw għal permessi meħtieġa.

Iżjed informazzjoni fuq l-għaqda u l-proġett tagħhom jista' jinkiseb minn fuq il-website www.maltaskatersunited.org

**Girl Guides Association**

Il-Girl Guides Association fis-sena 2003 ingħaqdu mal-World Girl Guides Association f'kampanja internazzjonali ta' promozzjoni tad-drittijiet ta-tfal li qed issir fuq medda ta' tlett snin: Our Rights, Our Responsibilities. Il-Kummissarju għat-Tfal tat is-sapport kollu tagħha lil din il-kampanja li qed titħaddem f'kuntest lokali u għaliha qed jipparteċipaw kemm il-leaders kif ukoll il-memberi kollha b'diversi attivitajiet li qed jorganiżżaw. Il-Kummissarju pparteċipat f'seminars u programm tar-radju, fuq l-istedina ta' l-Għaqda, filwaqt li għenet fit-tfassil ta' kodiċi ta' etika tal-Malta Girl Guides Association.

## 1.2.3 Ambaxxaturi tad-Drittijiet tat-Tfal

Il-kuntatt mat-tfal u żgħażagħ li applikaw għall-Kunsill għat-Tfal wassal biex l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal jibda ħidma ma' l-ewwel grupp ta' tfal u żgħażagħ, tant li ġew organizzati żewġ laqgħat. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien kemm biex noħolqu forum ta' diskussjoni dwar

id-Drittijiet għat-Tfal, imma wkoll biex nibdew nedukaw l-ewwel grupp ta' tfal u żgħażagħ li jistgħu jkunu ambaxxaturi tat-tfal fl-iskejjel u fl-irħula rispettivi tagħhom.

Fl-ewwel laqgħa saru diskussjonijiet mat-tfal dwar il-bullying fl-iskejjel. ġew ippreżentati tlett stejjer ta' tfal u żgħażagħ li għaddew minn sitwazzjoni simili u flimkien identifikajna liema drittijiet kienu qegħdin jinkisru. Waqt din il-laqgħa ħareġ ċar kemm il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal tgħin biex it-tfal u ż-żgħażagħ isibu l-forza ħalli jieħdu diversi deċiżjonijiet li jtejbu kemm il-ħajja tagħhom kif ukoll l-ambjent li jgħixu fih.

Fit-tieni laqgħa saret diskussjoni biex jiġu magħżula t-tfal u ż-żgħażagħ għal fuq il-Kunsill għat-Tfal. Wara li ġew identifikati min huma dawk li jistgħu jkunu fuq il-Kunsill għat-tfal, bdiet diskussjoni fejn it-tfal u ż-żgħażgħ tkellmu ma' sħabhom qabel ma vvutaw għal tlieta minnhom biex ikunu fuq il-Kunsill imsemmi. Mill-mistoqsijiet li għamlu xi wħud minnhom ġie identifikat kemm dawn it-tfal u ż-żgħażagħ, minkejja l-limitazzjonijiet ta' l-Uffiċċju, kienu assimilaw il-mod ta' ħsieb ta' kif iħarsu lejn id-Drittijiet tat-Tfal. Wara saret l-elezzjoni bejniethom. Il-proċess ta' l-elezzjoni mexxewh kollu huma b'ħafna maturita' u serjeta'.

L-għażla tal-Logo għall-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal kienet opportunita' oħra biex il-Kummissarju u l-Uffiċjal inkarigat mill-affarijiet ta' l-edukazzjoni jiltaqgħu ma'diversi tfal u żgħażagħ fi skejjel differenti. Ma' dawn it-tfal ġew diskussi d-Drittijiet tat-Tfal u x-xogħol tal-Kummissarju għat-Tfal. Matul dawn iż-żjajjar ġie diskuss ukoll l-oriġini tal-konvenzjoni u kif Malta waslet biex irratifikat l-istess Konvenzjoni għad-Drittijiet tat-Tfal.

## 1.2.4 Għażla tar-rapprezentanti fuq il-Kunsill għat-Tfal

L-ewwel inizjattiva kienet meta it-tfal u ż-żgħażgħ ta' Malta ġew mistiedna biex japplikaw sabiex ikunu membri tal-Kunsill għat-Tfal. Applikaw madwar 40 tifel u tifla. Parti kbira mill-applikanti kienu bniet u ġejjin minn skejjel tal-Knisja waqt li l-etajiet kienu varji.

Matul l-ewwel laqgħa saru jafu lil xulxin u ġiet miftehma data għat-tieni laqgħa sabiex issir l-għażla tal-membri tal-Kunsill għat-Tfal. F'dan il-perjodu kemm il-Kummissarju kif ukoll l-uffiċjali kellhom iċ-ċans li jaraw l-applikazzjonijiet tat-tfal fid-dettal, jisimgħuhom jitkellmu u jagħżlu xi wħud minnhom li jkunu tajba għal fuq il-Kunsill għat-Tfal.

Madankollu l-enfasi kienet li jkunu t-tfal u ż-żgħażagħ stess li jagħżlu min minnhom ser ikun fuq il-Kunsill. Għalhekk fit-tieni laqgħa it-tfal stess ħatru membri minn fosthom li mexxew elezzjoni biex jiġu maħtura dawk li ser ikunu fuq il-Kunsill għat-Tfal. Minn fost it-tfal ġew magħżula Annabelle Muscat  ta' 14-il sena u Mark Anthony ta' 11-il sena.

Maria Seguna hi t-tielet żagħżugħa li giet co-opted fuq il-Kunsill għat-Tfal billi kienet innominata mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità.

## 1.3 Jum il-ħajja 2004

Għal Jum il-ħajja li jiġi ċċelebrat fl-1 ta' Frar 2004, il-Kummissarju għat-Tfal, flimkien mal-Onorevoli Ministru Dolores Cristina, marret iżżur lit-trabi li kienu għadhom kif twieldu fl-Isptar San Luqa, u lill-ommijiethom.

Il-Kummissarju ukoll ħadet din l-okkażjoni biex tiltaqa mat-tfal u żgħażagħ u tisma' l-ħsibijiet tagħhom fuq is-suġġett. Għalhekk hija stiednet lil numru ta' studenti minn skejjel differenti biex jipparteċipaw f'forum ta' diskussjoni ġewwa il-Kavallier ta' San ġakbu fejn ġew diskussi diversi aspetti ta' Jum il-ħajja.

## 1.4 Proġett tal-Logo tal-Kummissarju għat-Tfal

Il-prinċipju gwida ta' dan il-proġett kienu l-parteċipazzjoni tat-tfal u żgħażagħ f'kull stadju tal-kompetizzjoni – fid-disinn, għażla u tmexxija tal-votazzjoni nnifisha.

F'Settembru 2004, il-Kummissarju għat-Tfal nediet kompetizzjoni pubblika għal tfal u żgħażagħ ta' taħt it-18 il sena sabiex joħorġu b'disinn għall-logo tal-'Kummissarju għat-Tfal'. Din il-kompetizzjoni ġiet miftuħa u mfissra waqt konferenza stampa fis-27 ta' Settembru 2004. Il-konferenza stampa kienet indirizzata mill-Kummissarju kif ukoll mit-tfal li qegħdin fuq il-Kunsill għat-Tfal li fissru l-importanza ta' l-irwol tal-Kummissarju għat-Tfal mill–perspettiva tagħhom u ħeġġew lit-tfal u żgħażagħ kollha sabiex jipparteċipaw. Waqt il-konferenza stampa ġie ppreżentat ukoll il-poster li ġie mqassam fl-iskejjel, Kunsilli Lokali u għaqdiet tat-tfal u ż-żgħażagħ kollha.

Din il-kompetizzjoni qajjmet ħafna interess fid-drittijiet tat-tfal. Kien hemm ukoll xi għaxar skejjel, primarji u sekondarji, li stiednu lill-Kummissarju sabiex tmur fl-iskejjel tispjega x-xogħol tagħha u d-drittijiet tat-tfal. Kien hemm diversi għalliema fi skejjel oħra li ċemplu u ġew l-Uffiċċju għal aktar informazzjoni fuq id-drittijiet tat-tfal, u ddiskutew magħna l-aħjar mod kif jippreżentaw id-drittijiet tat-tfal. Kellna ukoll persuni minn għaqdiet mhux governattivi li jaħdmu mat-tfal u ż-żgħażagħ, kif ukoll ġenituri u żgħażagħ individwali li ġew jitolbu iżjed tagħrif dwar il-Kummissarju. Għalhekk din il-kompetizzjoni ħadet iżjed sura ta' proġett milli kompetizzjoni ta' disinn. Il-parteċipanti kellhom jifhmu x'inhuwa ir-rwol tal-Kummissarju u d-Drittijiet tat-Tfal

biex jipparteċipaw, minħabba li ma' kull disinn li bagħtu kellhom jiktbu wkoll it-tifsira tiegħu. Għal din il-kompetizzjoni ħadu sehem madwar 650 parteċipant minn Malta u Għawdex. Minn fost dawn it-tpinġijiet intgħażlu numru iżgħar biex jiffaċilita' il-votazzjoni mit-tfal u ż-żgħażagħ, minn Bord ad hoc imexxi mill-Kummissarju.

Is-Sibt, 6 ta' Novembru 2004, it-tfal u ż-żgħażagħ kollha li pparteċipaw fil-kompetizzjoni ġew mistiedna personalment biex jiġu jivvutaw għat-tpinġija li l-aktar tolqothom. Il-proċess kollu tal-votazzjoni, mill-ispjega tal-karta tal-vot sa l-għadd tal-voti, kien immexxi minn grupp ta' tfal u żgħażagħ bl-għajnuna tal-membri ta' l-Uffiċċju.

It-tpingija li rebħet kienet ta' żagħżugħa ta' 14-il sena, Francesca Bezzina, li ppreżentat il-ħsieb wara l-logo fil-Konferenza Stampa fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal.

L-ispjega tal-Logo kif ġiet ippreżentatat minn Francesca Bezzina fil-konferenza stampa fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal hija annessa ma' dan ir-Rapport, Dok. A.

## 1.5 Jum Dinji tat-Tfal, 20 ta' Novembru 2004

Intbagħtet ittra theġġeġ lill-għaqdiet tat-tfal u ż-żgħażagħ u kunsilli lokali biex jorganizzaw attivitajiet fl-okkazzjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal, bil-parteċipazzjoni sħiħa tat-tfal u ż-żgħażagħ.

Il-Kummissarju għat-Tfal ħejjiet sensiela ta' laqgħat ma' tfal vulnerabbli propju fil-ġimgħa ta' qabel il-Jum Dinji tat-Tfal. Hija kellha l-opportunità tgħaddi ftit żmien magħhom u tisma' lilhom. Hija kellha laqgħa mat-tfal li joqgħodu d-Dar tal-Providenza u ma' tfal fostered f'Dar San Gużepp. Hija wkoll attendiet għal ċelebrazzjoni tat-Tfal fl-okkażjoni ta' Kristu Re, li ħabtet ukoll fil-Jum Dinji tat-Tfal. Din l-attività kienet organizzata mid-Djoċesi fl-Istitut Kattoliku l-Furjana.

### Messaġġ tal-Kummissarju għat-Tfal lill-iSkejjel

Il-Kummissarju għat-Tfal ħarġet żewġ messaġġi għat-tfal biex jinqraw fl-iskejjel. Dawn il-messaġġi, wieħed għall-istudenti tal-Primarja u ieħor għall-istudenti tas-sekondarja, intbagħatu fl-iskejjel kollha ta' Malta u Għawdex inkluż dawk privati, tal-knisja, skejjel speċjali u skejjel post-sekondarji. (Ara l-messaġġi annessi, Dok. B u Ċ).

Attività għall-iStudenti fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal b'kollaborazzjoni ma' l-Aġenzija APPOĠĠ u entitajiet oħra

Il-messaġġ ewlieni li f'din l-attività kien 'It-Tfal għandhom id-Drittijiet Ukoll!' (Children Have Rights too!). Attendew 'il fuq minn 1000 student għal din l-attivita fis-Sala tal-Kulleġġ tas-Soċjetà Missjunarja ta' San Pawl.

Il-programm kien jikkonsisti f'kunċert ta' siegħa u nofs ta' kant, żfin u reċtar fejn l-atturi prinċipal kienu tfal ta' etajiet differenti. Wara l-kunċert, l-istudenti kienu mistiedna jieħdu sehem f'attività Ċaqlaq għal Saħħtek, organizzata mid-Dipartiment għall-Promozzjoni tas-Saħħa u l-Kunsill Malti għall-Isport.

Għaqdiet oħra li taw is-sehem tagħhom f'din l-attività kienu Sedqa, l-iScouts Association u l-Girl Guides Association

**Programm għall-Jum Dinji tat-Tfal b'kollaborazzjoni ma' Poeżija Plus**

Saru workshops ta' kreattività għal tfal u żgħażagħ. L-għan ta' dawn il-workshops kienu li jistiednu lit-tfal u ż-żgħażagħ jesprimu b'mod krejattiv il-ħsibijiet tagħhom dwar id-drittijiet tat-tfal.

**Konferenza Stampa**

L-20 ta' Novembru huwa l-Jum Dinji tat-Tfal. Għal din l-okkażjoni l-Kummissarju għat-Tfal flimkien ma' żewġt itfal indirizzaw l-istampa bil-messaġġi tagħhom għan-nazzjon.

It-tlett messaġġi għall-okkażjoni ta' Jum it-Tfal kienu dak tal-Kummissarju għat-Tfal, messaġġ ieħor minn Marc Anthony Sammut [ara dokument D], tifel ta' ħdax-il sena li kien elett mill-Ambaxxaturi tad-Drittijiet tat-Tfal biex ikun ir-rappreżentant tat-tfal fuq il-Kunsill għat-Tfal, u Francesca Bezzina li spjegat il-logo [ara dokument A].

## 1.6 Qasam Internazzjonali

Dan il-qasam huwa importanti għall-Uffiċċju tagħna sabiex:

- l-Uffiċċju jżomm ruħu nfurmat fuq kif Kummissarji għat-Tfal ta' pajjiżi oħra qed joperaw, u l-isfidi li qed jiffaċċjaw;
- l-Uffiċċju jippromwovi iżjed għarfien tar-realitajiet tat-tfal u ż-żgħażagħ f'pajjiżi oħra;
- l-Uffiċċju jżomm ruħu aġġornat ma' issues u ksur tad-drittijiet tat-tfal fil-qasam internazzjonali;
- l-Uffiċċju jżomm ħaj l-aspett universali tal-Konvenzjoni u tad-drittijiet tat-tfal.

**Parteċipazzjoni f'attivitajiet internazzjonali**

- L'Europe de l'Enfance
  Permanent Intergovernmental Group
  EU Irish Presidency in collaboration with the Irish National Children's Office
  Dublin, Ireland
  22 sa 24 ta' Marzu, 2004

L-għan tal-grupp L'Europe de l'Enfance huwa li jipprovdi struttura fejn l-istati membri ta' l-Unjoni Ewropea jistgħu jaqsmu l-esperjenzi tagħhom u informazzjoni relatata ma' policies li jaffettwaw lit-tfal fl-Unjoni Ewropea.

F'din il-laqgħa li għaliha attendiet Ms. Sonia Camilleri, Kummissarju għat-Tfal, ġew diskussi primarjament:

a) il-parteċipazzjoni tat-tfal f'oqsma differenti
b) il-vuċi tat-tfal fi proċeduri legali, u
c) l-iżvilupp ta' politika nazzjonali tal-logħob u rikrejazzjoni.

Għal din il-laqgħa kienu mistiedna ukoll il-grupp ChildONEurope li għamlu preżentazzjoni ta' l-attivitajiet tagħhom.

- Żjajjar lill-UNICEF u għaqdiet internazzjonali oħra
  Londra, Ingilterra
  21 – 23 Ġunju 2004

Bejn il-21 u t-23 ta' ġunju 2004, Manuel Fenech, li huwa l-uffiċjal responsabbli għall-affarijiet ta' Edukazzjoni fl-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, ġie mistieden biex jattendi programm ta' laqgħat ma' diversi persuni li jaħdmu mat-tfal f'Londra.

Il-kuntatti li għamilna f'dawn il-ġranet għenuna biex nifhmu il-mod kif jaħdmu wħud mill-aġenziji u l-materjal varjat li jipproduċu biex jippromwovu l-istess drittijiet. Fost l-organiżżazzjonijiet li ltqajna magħhom tkellimna mal-Kap fuq l-Edukazzjoni tal-Unicef f'Londra, mal-persuna nkarigata biex tipproduċi programmi għall-kampanja tad-Drittijiet tat-Tfal fuq il-BBC, u wkoll ma' persuni oħra nvoluti fit-tfassil ta' politka favur it-tfal.

Il-Unicef tawna wkoll l-opportunita' li nsegwu 'Programm ta' Żvilupp għall-Għalliema' minn wieħed mill-uffiċjali tal-Unicef bil-għan li dawn l-għalliema jkunu konxji tad-Drittijiet għat-Tfal u japplikawhom fil-mod kif jitrattaw mat-tfal fl-iskola tagħhom.

Il-kuntatti, it-tfassil u l-finanzjament ta' dan il-programm sar mill-Aġenzija APPOĠĠ.

▶ ENOC (European Network of Ombudsmen for Children) Annual Meeting
Welsh Commissioner for Children
Cardiff, Wales
12 – 15 Ottubru 2004

Il-Kummissarju għat-tfal, Ms. Sonia Camilleri, flimkien ma' l-assistenta tagħha, Ms. Daniela DeBono, kellhom laqgħa ta' tlett ijiem ġewwa Cardiff, fejn huma ltaqgħu għall-ewwel darba mal-Kummissarju għat-Tfal ta' 25 pajjiż ieħor fl-Ewropa. L-HSBC Cares for Children Fund ħa ħsieb l-iffinanzjar tal-parteċipazzjoni ta' Ms. Daniela DeBono.

Malta, flimkien ma' l-Irlanda, ingħaqdu mall-grupp għall-ewwel darba. Kienu milqugħa b'mod tajjeb u pparteċipaw kemm fl-iskambju ta' idejat kif ukoll fil-preżentazzjoni tar-rapporti ta' ħidma.

Huwa nteressanti li d-diffikultajiet li għaddejjin minnhom it-tfal Maltin jixbħu ħafna dawk ta' tfal f'pajjiżi oħra. Dawn huma: bullying, tbatijiet fi ħdan familji separati, programmi ta' studju fl-iskejjel li ma jinteressawhomx, mezzi tax-xandir li jisfruttawhom, moda li tkaxkarhom, u oħrajn.

L-esperjenzi li għaddew minnhom pajjiżi oħra, però, kienu ta' għajnuna kbira għal min kien qed ifittex tweġibiet għal dawn il-problemi. Kienet ħaġa sabiħa fil-fatt, illi l-materjal li nġabar mill-pajjiżi kollha dwar kwistjonijiet li jkunu ħadmu fuqhom huma, tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' kulħadd, kemm waqt il-laqgħa kif ukoll permezz tal-website ta' l-ENOC www.ombudsnet.org.

Ma setax jonqos li tfal u żgħażagħ ikunu preżenti għall-laqgħa. Fil-fatt, il-kummissarji ltaqgħu ma' rappreżentanti mill-assemblea tat-tfal ta' Wales magħrufa bħala l-'Funky Dragon', li ppreparawlhom xi attivitajiet biex jieħdu sehem fihom.

▶ Children and forms of Violence: Integrated policies and local authorities in Europe
French National Commission for UNESCO & Council of Europe
Strasbourg, France
29 – 30 ta' Diċembru 2004

Dan is-seminar ittella' b'kollaborazzjoni bejn il-Kummissjoni Nazzjonali Franċiża ta' l-UNESCO u l-Kunsill ta' l-Ewropa bħala parti mill-proġett integrat tal-Kunsill ta' l-Ewropa stess, 'Responses to violence in everyday life in a democratic society'.

L-għanijiet prinċipali tas-seminar kienu:

- li jkattru l-informazzjoni ta' policies fil-pajjiżi Ewropej u l-ħidma li qed issir fil-qasam tal-prevenzjoni ta', u protezzjoni minn, forom differenti ta' vjolenza li jiffaċċjaw persuni minuri, kemm minn adulti kif ukoll minn persuni minuri oħra;

- li jigi eżaminat l-impatt ta' linji ta' gwida Ewropej u nazzjonali fuq komunitajiet lokali;
- li tigi eżaminata r-relazzjoni bejn l-implimentazzjoni ta' policies integrati u kemm jiġu preservati r-relazzjoni soċjali;
- li jinkoraġġixxi skambju ta' informazzjoni u ta' miżuri proposti għall-bidla f'dan il-qasam.

Wieħed mill-iżjed punti interessanti li ħarġu minn dan is-seminar huwa in-nuqqas u/jew l-inadegwatezza tal-liġijiet, policies u servizzi tal-pajjiżi Ewropej rappreżentati f'din il-laqgħa meta jiġu biex jittrattaw każijiet ta' vjolenza mwettqa fuq persuna minuri minn persuna minuri oħra.

Ms. Daniela DeBono ġiet nominata bħala esperta indipendenti mis-Sezzjoni taż-Żgħażagħ fi ħdan il-Ministeru għall-Edukazzjoni, Żgħażagħ u Impjiegi maċ-Ċentru Ewropew taż-Żgħażagħ (European Youth Centre) tal-Kunsill ta' l-Ewropa, u ġiet magħżula bħala rappreżentanta ta' l-istess Ċentru f'dan is-seminar.

## 1.7 Qasam tar-Riċerka u Policy

### L-Użu ta' l-Internet mit-Tfal u ż-Żgħażagħ

L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal ġie mistieden mill-Uffiċċju ta' l-Istatistika Nazzjonali biex jifforma parti minn working group biex tiġi ppjanata riċerka dwar l-użu ta' l-internet mit-tfal u ż-żgħażagħ.

Din ir-riċerka ġiet żviluppata mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika bil-kollaborazzjoni tal-Ministeru ta' l-Edukazzjoni, il-Ministeru għall-Informazzjoni, Teknoloġija u Investiment, l-Awtorita' Maltija għall-Komunikazzjoni, id-Dipartiment tal-Pulizija u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal.

Wara diversi laqgħat u korrispondenza mal-partijiet kollha bejn Marzu u Settembru 2004, ġie mfassal l-istħarriġ li kellu jitqassam lil grupp ta' madwar 5,000 student minn 59 skola differenti madwar Malta u Għawdex.

Dan l-istħarriġ tmexxa fl-iskejjel magħżula mill-għalliema ta' l-Informazzjoni Teknoloġika. Ir-riżultati ta' dan l-istħarriġ waslu biex jiġu ppublikati.

**Il-Tfal u l-Media**

Dan il-working group li huwa magħmul minn uffiċjal ta' l-Awtorita' tax-Xandir u minn persuni mill-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, beda jiltaqa' bil-għan li jiddiskuti l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Minuri fil-Media. Mid-diskussjonijiet ħargu żewġ mistoqsijiet:

- Ir-regolamenti u liġijiet eżistenti tal-media kemm qegħdin verament jipproteġu lil minuri minn sfruttament ta' diversi tipi?
- Għaliex il-kwalita' ta' programmi tat-tfal u żgħażagħ hija daqshekk baxxa fuq l-istazzjonijiet tat-televiżjoni?

Wara diversi laqgħat ma' professjonisti fil-qasam, il-grupp iddeċieda li l-ewwel jiffoka il-ħidma tiegħu fuq il-kwalita' ta' programmi għat-tfal u żgħażagħ f'Malta. Dan għaliex kemm il-professjonisti, studji li saru dawn l-aħħar snin kif ukoll reazzjonijet ta' tfal, żgħażagħ u ġenituri, urew ix-xewqa li jkun hemm programmi ta' kwalita aħjar speċjalment minħabba l-potenzjal edukattiv (fis-sens wiesgħa) li għandhom dawn il-programmi. Għalhekk il-grupp qed jesplora possibilitajiet differenti ta' riċerka fuq dawn il-programmi bil-għan li joħorgu linji gwida għal min jipproduċi dawn il-programmi.

# 2

# Deskrizzjoni ġenerali tal-**qagħda tat-tfal** f'Malta u survey ta' **l-iżviluppi li laqtuhom**



# 2. Deskrizzjoni ġenerali tal-**qagħda** tat-tfal f'Malta u **survey** ta' l-**iżviluppi li laqtuhom**

## a. It-**tfal** u l-**edukazzjon**i

L-Artiklu 29 tal-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal jgħid li t-tfal kollha għandhom dritt għal edukazzjoni ħolistika, jiġifieri illi kull tifel u tifla jkollhom mezz kif jiżviluppaw b'mod l-aktar sħiħ l-intelliġenza u kull talent u kapaċità li għandhom.

L-artiklu jgħid ukoll illi l-edukazzjoni li jirċievu għandha tippreparahom għall-ħajja.

Il-KMN (Kurrikulu Minimu Nazzjonali) jafferma bil-kbir dawn id-drittijiet. Fl-istess dokument taħt it-titlu 'It-Tweġiba Edukattiva Għall-Isfidi Kulturali, Soċjali u Ekonomiċi' nsibu li:

> *Il-validità ta' l-esperjenza kurrikulari tistrieħ fuq kemm is-sistema edukattiva jirnexxilha twieġeb għar-realtajiet u l-isfidi tas-soċjetà Maltija f'dinja li kull ma tmur qiegħda ssir aktar*

*kumplessa, globali u interdipendenti. Mill-proċess ta' konsultazzjoni, jidher li hemm qbil fost il-komunità edukattiva dwar x'għandhom ikunu l-parametri ta' sistema edukattiva li tħejji lill-istudenti biex jgħixu u jaħdmu f'dinja li qiegħda tinbidel b'ritmu daqshekk mgħaġġel. B'mod ġenerali, il-komunità edukattiva qiegħda taqbel li kurrikulu dinamiku u ħaj għandu jipprovdi esperjenza edukattiva li:*

1. *tħarreġ lill-istudenti f'valuri fundamentali;*
2. *tgħinhom jiżviluppaw b'mod sħiħ;*
3. *timmotivahom u tħejjihom biex ikunu jistgħu jkomplu l-vjaġġ edukattiv tul ħajjithom;*
4. *tgħinhom jgħixu b'mod produttiv f'dinja li qed issir "raħal wieħed"; u*
5. *tħejjihom għad-dinja tax-xogħol, fejn il-bidla hija parti mid-diskors ta' kuljum.*

(KMN pġ 23)

Matul dawn l-aħħar snin kien hemm diversi inizjattivi pożittivi fis-sistema edukattiva ta' pajjiżna, kemm dawk li wasslu għat-tfassil tad-dokument tal-Kurrikulu Minimu Nazzjonali fl-1999, kif ukoll dawk li saru b'riżultat ta' l-impenn li hemm marbut ma t-twettieq ta' dan id-dokument.

Minn dawn l-inizjattivi ggwadanjaw t-tfal.

Fost dawn ta' min isemmi l-impenn li sar u li għadu jsir biex f'pajjiżna t-tfal u ż-żgħażagħ ikollhom:

- skejjel li joffru l-protezzjoni meħtieġa u ambjent li jikkontribwixxi għat-tagħlim u l-iżvilupp sħiħ tagħhom
- programmi w inizattivi li jkunu qed iwieġbu għall-bżonnijiet speċifiċi tat-tfal u ż-żgħażagħ, f'dik il-komunità partikolari
- għalliema aġġornati u ppreparati mhux biss biex jgħallmu f'setturi u livelli differenti s-suġġett tagħhom, imma wkoll li jkunu lesti li b'kuraġġ u kura jindirizzaw il-problemi soċjali li t-tfal u ż-żgħażagħ qed jieħdu magħhom fl-iskejjel u l-istituzzjonijiet edukattivi
- servizzi professjonali li matul il-proċess edukattiv ikunu qed joffru gwida jew għajnuna lil dawk kollha li jitolbuha.

B'mod partikolari dan l-isforz jidher ċar fid-dokumenti u r-rapporti li ġew ippublikati matul din is-sena. Dawn jinkludu:

- Early Childhood Development and Care, 2004
- Knowing Our Schools, 2004, materjal intenzjonat li jiffaċilita l-evalwazzjoni ta' l-iskola biex jiġi mplimentat il-pjan ta' żvilupp għall-iskola.
- Quality Education for All, The Realities and Challenges facing Boys' and Girls' Secondary Schools in Malta, 2004

- Strategic Master Plan, State School Buildings, Extensions, Upgrading and Refurbishment, including High Level Cash Flow Projections, 2004
- Understanding Social Studies, A Guide to Social Studies at SECE Level, 2004
- The Realities and Challenges facing Boys' and Girls' Secondary Schools in Malta, 2004
- National Action Plan on Employment, 2004
- Annual Reports of the Departments in the Education Division
- Junior Lyceum Entrance Examinations Report, pubblikazzjoni annwali
- Student Tracer Study Report, pubblikazzjoni annwali
- Ministry for Education, Youth and Employment web-site - Materjal informattiv maħruġ minn diversi dipartimenti u sezzjonijiet tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni.

Pubblikazzjonijiet oħra:

- Eduforum
- Resources
- Mathsline
- Lo Stivale

Madankollu waqt li għaddejjin dawn l-inizjattivi kollha, ma nistax ma nikkummentax fuq ir-realtajiet illi t-tfal u ż-żgħażagħ ta' pajjiżna qed jesperjenzaw fl-iskejjel u jgħixu ta' kuljum.

L-KMN ta spinta sew f'din id-direzzjoni lill-edukazzjoni f'Malta. Madankollu ħafna mill-prinċipji u għanijiet li nsibu f'dan id-dokument għadhom mhux qed jiġu mplimentati b'mod sħiħ.

Min-naħa l-oħra, f'dawn l-aħħar snin, iddaħħlu diversi programmi ġodda sew lokali, kif ukoll Ewropej, illi qed jgħinu lill-istudenti, kemm f'xi diffikultajiet li jista' jkollhom, (bħal ngħidu aħna dak fil-qari u l-kitba) kif ukoll biex ikollhom l-opportunità jaħdmu ma' studenti ta' pajjiżi oħra fuq proġetti illi huma ta' interess għalihom ilkoll. Eżempju ta' dan huma l-programmi edukattivi bħal Comenius u oħrajn li qed jagħtu l-opportunità lill-istudenti biex saħansitra jkollhom esperjenzi ta' tagħlim barra minn pajjiżna.

Madankollu, minkejja li l-istudenti f'Malta għandhom diversi għajnuniet u opportunitajiet ġodda, fil-kuntatt personali li kelli ma' studenti ta' etajiet differenti, minn dawk tal-kindergartens, sa dawk ta' skejjel post-sekondarji, kif ukoll mal-ġenituri u għalliema tagħhom, rajt illi hemm diversi affarijiet illi għadhom qed jitolbu soluzzjoni.

## 2a.1 L-eżamijiet

Fit-taqsima tad-dokument tal-KMN li titkellem dwar 'Il-Livelli Differenti Tas-Sistema Edukattiva' insibu mniżżel b'mod ċar li kemm fuq livell Primarju kif ukoll f'dak Sekondarju, il-politika ta' l-assessjar tkun taqbel mal-prinċipji ta' l-edukazzjoni ħolistika u dak ta' l-edukazzjoni għad-diversità (KMN pġ 78 u 82). F'dan ir-rigward id-dokument jissuġerixxi li jkun hemm it-tiżwiġ tas-sistema summattiva ma' sistema formattiva.

Sa llum, l-eżami tal-Junior Lyceum, kif ukoll dak tal-Common Entrance, huma magħrufin għall-istress kbir li jġibu fuq it-tfal u l-familji tagħhom. L-eta ta' 10 snin saret waħda li l-familji jibżgħu minnha, għax ifisser li wasal l-eżami. Sena minn ħajjet it-tfal tagħna qed tiġi miċħuda lilhom hekk kif ikollhom jinqatgħu minn sports, logħob u attivitajiet oħra f'età hekk żgħira, biex jistudjaw, jekk mhux ukoll biex imorru l-privatijiet.

Huma kkunsidrati xxurtjati dawk it-tfal li laħqu għaddew għal skola tal-Knisja jew daħlu f'waħda privata fejn jistgħu jgħaddu mingħajr l-eżami.

Sistema alternattiva għal dan l-eżami għada ma nstabitx, pero xorta ma nistgħux nibqgħu b'dak li għandna, mhux biss minħabba l-pressjoni li ġġib fuq it-tfal, imma wkoll minħabba li r-riżultat jittimbra lit-tfal għal għomorhom, u jiddetermina l-futur akkademiku, soċjali u psikoloġiku tagħhom. F'dan il-kuntest il-ġenituri għandhom parti mportanti ħafna, fis-sens li jridu jkunu minn ta' quddiem li ma jżidux pressjoni fuq it-tfal.

Jiena nfurmata li bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar riforma fis-sistema edukattiva u għandi fiduċja illi l-awtoritajiet kompetenti ser jindirizzaw u jevalwaw is-sitwazzjoni u l-effetti tagħha.

L-Eżami tas-SEC qed jiġi kmieni wisq fil-ħames sena tas-sekondarja, tant li qed nisirqu terz mill-aħħar sena ta' l-iskola ta' l-istudenti. Barra minn hekk, minħabba li l-ħames sena tas-sekondarja spiċċat tant qasira, ħafna għalliema mhux qed jilħqu jlestu s-sillabu, u parti kbira mill-istudenti jkollhom imorru għall-privat.

Is-sistema ta' l-eżamijiet qed tkompli tgħarraq ż-żgħożija tat-tfal tagħna b'xogħol esaġerat, illi pajjiżi oħra jiskantaw bih. Dan ħareġ ċar ħafna mir-rapport ta' l-Għaqda Dinjija tas-Saħħa (WHO, Nov 2004) dwar it tfal ta' 11, 13 u 15-il sena. Malta ġiet fost l-ewwel tlett pajjiżi fejn it-tfal iħossuhom 'stressed' bix-xogħol ta' l-iskola, u l-aktar li jingħataw xogħol ta' l-iskola għad-dar.

Is-sistema ta' l-għażla bejn li jersqu għal Paper A jew Paper B, ukoll tidher li mhux qiegħda tkun ġusta għal kollox, speċjalment meta jiġri li ż-żewġ karti jkunu qrib ħafna ta' xulxin fil-livell.

## 2a.2 L-istreaming

Din hija sistema illi l-iskejjel tal-Knisja u xi skejjel indipendenti sejrin tajjeb mingħajra. Ma narax għalfejn allura sa minn eta ta' 8 snin it-tfal fl-iskejjel ta' l-istat qed jgħaddu minn dan il-proċess b'dannu għal mod kif jibdew iħarsu lejhom infushom, lejn sħabhom, u anke kif il-ġenituri tagħhom stess iħarsu lejhom.

Hija kontradizzjoni illi lil dawn it-tfal inkellmuhom fuq l-importanza ta' "self-estem" u mbagħad nittimbrawhom aħna meta jkunu għadhom qed jiżviluppaw. L-istreaming imur kontra d-drittijiet tagħhom u, fl-opinjoni tiegħi, għandu jitneħħa. Fl-istess waqt, l-istreaming qiegħed jikkontradixxi dak li hemm imniżżel fil-KMN, fejn dan id-dokument ipoġġi bħala wieħed mill-prinċipji l-'Edukazzjoni Inklussiva' u fejn kontinwament jisħaq dwar sistema li tirrispetta il-kapaċità ta' kull persuna f'kuntest inklużiv.

## 2a.3 Iċ-ċertifikati

Waqt li lkoll nieħdu pjaċir meta studenti li huma ntellettwalment kapaċi, u li jkunu studjaw ukoll, jgħaddu minn ħafna eżamijiet u jġibu ċ-ċertifikati tagħhom, ma nistax inħalli barra lil numru sew ta' studenti, li qed jispiċċaw biss bi 'School Leaving Certificate'. Il-parti l-kbira ta' dawn l-istudenti ġejjin l-aktar minn skejjel 'area secondary'.

Dan iċ-ċertifikat bl-ebda mod ma jkun qiegħed jirrifletti l-ħiliet li kisbu l-istudenti. Għalhekk dan iċ-ċertifikat waħdu ftit li xejn għandu siwi. Ħadd ma jitlobulhom meta japplikaw għax-xogħol, avolja huwa meqjus bħala neċessarju biex jidħlu għal korsijiet l-aktar bażiċi.

Quddiem din is-sitwazzjoni inħoss li għandna ssir valutazzjoni serja ta' x'qed iwassal biex numru daqstant konsiderevoli ta' studenti fl-'area secondary' ma jgħaddu minn ebda eżami jew iġibu marki relattivament baxxi.

Huwa pass ferm pożittiv li ser issir valutazzjoni mill-'Matsec Review Board' u li l-konklużjonijiet se jkunu ppubblikati f'Novembru 2005. F'dan ir-rapport għandu jkun hemm identifikata, fost oħrajn, il-problema taċ-ċertifikazzjoni f'dawn l-iskejjel.

Bħalma hemm indikat fil-KMN is-sistema ta' l-eżamijiet finali ma għandix tibqa' waħda bbażata biss fuq eżamijiet summattivi, imma tajjeb li tingħata kunsiderazzjoni għall-kisbiet li l-istudenti jkunu għamlu bix-xogħol fil-klassi matul is-snin tagħhom fl-iskola.

Importanti wkoll li ssir valutazzjoni tas-suġġetti li l-istudenti qed ikunu mitluba li jistudjaw, il-kontenut li qed jingħata lill-istudenti u l-proċess li bih qiegħed jitwassal dan il-kontenut fil-klassijiet.

Għandi tama illi dawn il-problemi ser jiġu ndirizzati fir-"Review" li qed jitħejja mill-Ministeru u d-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni dwar is-sitwazzjoni edukattiva.

## 2a.4 Il-Kurrikulu... u l-Privat

Illum l-istudenti tagħna għandhom għażla kbira ta' suġġetti biex jistudjaw. Hija ħasra pero' illi hawn ġenituri li jħeġġu lit-tfal tagħhom jersqu għal 13 jew 14-il eżami fl-eta ta' 15-il sena.

- Fejn marret iż-żgħożija ta' dawn it-tfal?
- X'ser jiftakru meta jikbru?
- Kif ser jitneħħa dan iċ-ċirku vizzjuż ta' lezzjonijiet doppji f'kull suġġett?

Il-lezzjoni tal-klassi qed tiġi ripetuta fil-'privat' li ma jkun privat xejn għax in-numru ta' studenti kultant huwa daqs dawk fil-klassi jew akbar. Kemm-il darba wkoll, ikun l-istess għalliem tal-klassi li jkun qed jagħti l-privat. Jidher li jew il-lezzjoni tal-klassi mhix valida, jew din is-sistema tant drajnieha illi l-ġenituri jibgħatu lit-tfal tagħhom għall-privat sempliċement biex ma jkunux anqas minn sħabhom, bir-riżultat illi l-istudenti tant ikollhom x'jagħmlu illi x-xogħol tal-iskola jispiċċa jbati.

L-artiklu 31 tal-Konvenzjoni għad-Drittijiet tat-Tfal jgħid li t-tfal għandhom dritt għal ħin ta' rikreazzjoni, iżda ta' sikwit ikunu l-għalliema jew il-ġenituri stess illi jħeġġu lit-tfal biex fl-aħħar sentejn tas-sekondarja jaqtgħu kull attività extra-kurrikulari biex "jikkonċentraw fuq l-eżamijiet". Din hija s-sitwazzjoni f'ħafna Junior Lyceums u skejjel tal-Knisja.

### IL-PSD (Personal and Social Development)

Il-PSD, lezzjoni li fiha l-istudenti jistgħu jitkellmu fuq dak li għaddej f'ħajjithom, u jitgħallmu kif jaffaċċjaw ir-realtajiet tal-ħajja, mhux qed jingħata l-importanza li tixraqlu, sew mill-għalliema kif ukoll mill-ġenituri. Hawn l-ideja illi t-tagħrif dwar il-ħajja għandu jingħata "across the curriculum". Waqt li naqbel li din l-attitudni hija tajba, u li kull għalliem għandu jkollu l-atteġġament u d-dispożizzjoni għall-PSD f'kull ħin fil-klassi, ma narax kif nistgħu niġġustifikaw li ma jkunx hemm ħin stipulat għall-PSD. Minn studju li sar mill-istess dipartiment tal-PSD, jidher illi l-għalliema tal-primarji m'humiex lesti illi joqgħodu jidħlu fil-"coping skills' illi tant għandhom bżonn t-tfal tagħna. L-għalliema tas-Sekondarja mbagħad jgħidulek illi biex ilaħħqu

s-sillabu m'hemmx ħin li jieqfu fuq sitwazzjonijiet tal-ħajja illi qed jgħixu l-istess studenti li għandhom quddiemhom. Dan juri l-bżonn ta' ħin fil-ġurnata ta' l-iskola meta l-istudenti jistgħu jaqsmu dak li għaddejjin minnu u jitgħallmu l-mod kif jaġixxu f'kull sitwazzjoni, permezz ta' diskussjonijiet, role-plays u oħrajn.

F'dawn l-aħħar tlett snin iddaħħal il-PSD fl-iskejjel primarji tal-Gvern. Dan kien pass 'il quddiem. Għadu ma ddaħħalx fl-iskejjel kollha ta' Malta. Fl-iskejjel sekondarji mbagħad jiġi mgħallem għal siegħa jew tnejn fil-ġimgħa sal Form 4. Hija ħasra li s-sena d-diehla sejra tonqos lezzjoni fil-Form 3 meta dawn l-aktar li għandhom bżonnha. Huwa mportanti illi kapijiet ta' l-iskola jagħtu l-akbar sapport għal dan is-suġġett. Illum l-istudenti ma jistgħux jgħaddu mingħajr il-PSD! X'jiswa li nimlew it-tfal bit-tagħrif akkademiku, meta l-ewwelnett għandhom bżonn ikunu jafu kif jaġixxu quddiem l-isfidi kbar li s-soċjeta qed toffrilhom. Dan ma jsirx 'across the curriculum', imma billi l-istudenti jpoġġu bilqiegħda ma' min huwa ppreparat biex jgħinhom, u jingħataw ħin għad-diskussjoni.

Imur kontra d-drittijiet tagħhom għal edukazzjoni holistika, u allura kontra l-ispirtu tal-KMN, jekk it-tfal tagħna, sew fil-primarja kif ukoll fis-sekondarja, jiċċaħdu mil-lezzjonijiet tal-PSD u minn għalliema mħarrġa apposta f'dan il-qasam.

**Media Education**

Il-'Media Education' jgħin lill-istudenti jgħarfu dak li hu tajjeb u dak li hu ta' ħsara fil-mezzi tax-xandir. Dan is-suġġett jidher biss f'xi skejjel tal-knisja u oħrajn privati sal-Form 2.

Pajjiżi oħra bħad-Danimarka qed jagħmlu minn kollox biex it-tfal ma jinġarrux mal-kurrent tal-mezzi tax-xandir. F'Malta qed nissugraw li dak kollu li għallimniehom l-iskola u d-dar jisfa' fix-xejn, minħabba li t-tfal jispiċċaw iġibu ruħhom skond dak li jaraw fuq it-TV jew jaqraw fuq l-internet.

Il-Media Education huwa nteressanti ħafna bħala suġġett, speċjalment meta l-istudenti jidħlu fl-aspett prattiku tiegħu u jitgħallmu kif jipproduċu huma stess programmi għal fuq il-mezzi tax-xandir. Huwa wieħed mis-suġġetti illi jqajjem interess ġenwin fl-iskola.

Meta lill-istudenti tagħna qed niċħduhom minn das-suġġett, qegħdin mhux biss naqtgħulhom lezzjoni illi għandha rilevanza diretta mal-ħajja tagħhom, imma mhux qed nippreparawhom għall-forza tremenda illi l-mezzi tax-xandir għandhom fuq ħajjithom. Ikun għalxejn illi ġenituri u għalliema jibgħatuhom għat-tagħlim nisrani, u jgħallmuhom ir-reliġjon fl-iskejjel. Il-Media qed tkun tant qawwija li kapaċi tkaxkar dan kollu, kif diġa qed naraw minn ċerti valuri illi t-tfal tagħna qed iħaddnu, minkejja t-trobbija u l-edukazzjoni tajba illi nippruvaw nagħtuhom.

**Suġġetti fl-iSkejjel Sekondarji**

Realta oħra li sibt fl-iskejjel illi dort fl-2004 hi l-lista ta' suġġetti li qed nippreżentaw lill-istudenti li jattendu fl-iskejjel ta' l-'area secondary'. Dawn huma l-istess bħal tal-Junior Lyceums. Xi wħud minn dawn is-suġġetti m'hux qed ikunu relevanti għalihom.

Dan ifisser illi lil dawn l-istudenti, wara li nkunu fridnihom minn sħabhom tal-Junior Lyceums u ttimbrajnihom bħala li m'humiex 'tajbin' daqshom, mbagħad nistennew minnhom li jagħmlu l-istess suġġetti u eżamijiet bħal tagħhom mingħajr ma nkunu qed nagħtuhom għajnuna addizzjonali biex jassimilaw dan il-materjal.

L-idea li jkollhom l-istess suġġetti u kurrikulu tal-Junior Lyceum hiwa biex dawk il-ftit studenti li kapaċi jersqu għall-eżamijiet tas-SEC ikollhom iċ-ċans jagħmlu dan. Ir-riżultati pero juru illi ftit huma dawk li jersqu għall-eżamijiet ta' l-aħħar, u allura l-maġġoranza ta' l-istudenti jkunu qattgħu ħames snin jistudjaw suġġetti u jsegwu sillabi li ma jinteressawhomx.

Fl-istess ħin ma tajniehomx iċ-ċans li jinġibdu lejn l-iskola u t-tagħlim, billi noffrulhom suġġetti aktar prattiċi illi mhux biss jogħġbuhom imma kapaċi jġibu xi ċertifikat fihom. Nemmen illi jekk ikollhom sillabu relevanti, jonqsu ħafna mill-problemi ta' dixxiplina illi hemm bħalissa fl-Area Secondaries, għaliex tonqos ħafna mill-frustrazzjoni illi aħna stess qed noħolqulhom.

Dan li għidt huwa mniżżel ċar fit-tieni prinċipju tal-KMN:

> *Il-Kurrikulu Minimu Nazzjonali jimpenja lill-Istat biex jassigura l-aħjar esperjenzi edukattivi possibbli lil istudenti kollha, huma x'inhuma r-realtajiet soċjali u l-ħiliet tagħhom.*
>
> *Kull skola hi mogħnija b'repertorju vast ta' ħiliet, esperjenzi u bżonnijiet. Din id-diversità, mlaqqgħa mad-differenzi individwali u soċjali li jsawru lill-istudenti, titlob pedagoġija li tirrispetta u tiċċelebra l-kalejdoskopju ta' realtajiet u stejjer personali li jiddefinixxu kull klassi f'kull skola f'Malta.*
>
> *Ir-riċerka lokali u internazzjonali tfakkarna li kulfejn kien hemm tentattiv biex ikun standardizzat il-proċess edukattiv li jikkonċentra fuq il-kontenut aktar milli fuq l-istudent, dan dejjem ħoloq leġjuni ta' studenti li nfatmu mis-sistema edukattiva għax ma ħassewhiex relevanti għall-ħtiġijiet tagħhom u spiċċaw mingħajr l-għodda neċessarja biex jgħixu b'mod sħiħ u effettiv fis-soċjetà.*
>
> (KMN pġ 30)

Ħafna mill-istudenti ta' l-'area secondary' qed joħorġu mill-iskejjel mingħajr ċertifikati f'suġġetti akkademiċi, u mingħajr tagħrif bażiku tas-snajja. Konsegwenza t'hekk, la jkunu ppreparati biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol u l-anqas ikollhom bażi akkademika tajba biex ikomplu xi programm ta' taħriġ.

Fl-'area secondary' għandna nagħmlu aktar użu mill-assessjar informali. Hemm modi oħra kif nagħtu ċertifikati lil dawn l-istudenti mhux biss fil-ħiliet akkademiċi matul il-ħames snin fis-sekondarja, imma wkoll ħiliet tekniċi, soċjali, artistiċi u oħrajn, bħal fil-volontarjat u għajnuna lil sħabhom jew lis-soċjetà. Dawn għandhom jiġu nkoraġġiti billi jiġu pprovduti ċertifikati għal dawn l-inizjattivi u ħiliet. Xi whud mill-iskejjel diġa qed jieħdu inizjattivi simili.

## 2a.5 L-Illitteriżmu

Il-persentaġġ ta' l-illitteriżmu f'Malta huwa ta' 11.25% mill-adulti kollha illi spiċċaw l-iskola. Ħafna minn dawn in-nies bdew b'diffikultajiet fil-Primarja u baqgħu tilgħin għas-Sekondarja u saħansitra waslu biex jitilqu l-iskola  b'dawn id-diffikultajiet. Dawn il-persuni ġejjin l-aktar mill-familji fqar ta' Malta. (Ara doc.'Il-Faqar u l-Esklużjoni Soċjali, b'enfasi speċjali fuq it-Tfal' ta' Dr. Angela Abela u Dr.Charles Tabone O.P. Diċembru 2004)

Il-fatt li l-ETC, l-Istitut Paolo Freire u għaqdiet volontarji oħra illum qed jorganizzaw korsijiet bażiċi fil-kitba u l-qari għal dawk li jkun għadhom kif ħarġu mill-iskejjel hija ħaġa sabiħa, imma wkoll ta' tħassib. X'ħadu dawn in-nies minn 12-il sena skola?

Naf illi din il-problema hija magħrufa u qed tiġi ndirizzata bi programmi bħal "ħilti" u oħrajn, imma jidher illi għadna mhux qed nilħqu l-istudenti kollha għax għadhom qed jispiċċaw l-iskola ħafna tfal mingħajr ma jkunu jafu jiktbu u jaqraw.

Ir-raġunijiet huma diversi, u waħda minnhom hija l-istess ġenituri li jżommu t-tfal id-dar meta dawn suppost qiegħdin l-iskola. Hawn naraw illi l-illitteriżmu huwa marbut ħafna ma l-assentijiżmu. Ħadt pjaċir naqra illi għadu kif twaqqaf 'taskforce' biex jindirizza l-problema ta' l-assentejiżmu.

## 2a.6 Għajnuna lill-istudenti li jeħtieġuha

Minn ftit tas-snin il hawn, tfal b'diżabilità qed ikollhom servizz ta' facilitator. Din is-sistema, li ghenet sabiex ħafna tfal ikunu jistgħu jattendu l-iskola, għandha l-limitazzjonijiet tagħha.

Huwa ta' min jara wkoll kemm dawn il-facilitators huma ttrenjati sew biex jieħdu ħsieb lit-tfal afdati f'idejhom, li jista' jkollhom diversi bżonnijiet.

Mill-facilitators li ltqajt magħhom sirt naf li dawn mhux kollha għamlu l-istess kors, u li billi ma ġewx ppreparati għal sitwazzjonijiet differenti, spiss ikollhom jużaw dak li jgħidilhom is-sens komun.

Hija ħasra wkoll illi meta l-facilitator ma tiġix, l-iskola ċċempel lill-familja tal-istudent/a u tgħidilhom biex ma jġibux it-tifel jew lit-tifla l-iskola. B'hekk l-istudenti qatt m'huma ċerti jekk hux sejrin skola jew le, u l-familja tagħhom diffiċli tagħmel pjanijiet sakemm it-tfal jaslu l-iskola.

Xtaqt nikkummenta wkoll fuq ir-regola li l-ebda għalliem jew Kap ta' l-iskola ma għandu jagħti mediċini lill-tfal li jkunu jeħtieġuhom. Dan jista' jsir biss min-Nurse ta' l-iskola meta din ikun imissha żżur dik l-iskola.

F'sitwazzjonijiet bħal dawn, tfal li jkunu jeħtieġu mediċini fuq bażi regolari ma jkollhom lil ħadd biex jgħaddilhom dawn il-mediċini, u jkollhom jibqgħu d-dar jekk ħadd mill-familja tagħhom ma jkun jista' jattendi l-iskola biex jagħti l-mediċina lit-tfal.

Waqt li rrid nirrikonoxxi l-istudji li qed isiru dwar l-edukazzjoni inklussiva fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, u l-implikazzjonijiet li jista' jkun hemm meta għalliema jieħdu l-inizjattiva' biex jagħtu mediċini lit-tfal, tajjeb ukoll li nsibu soluzzjoni kif lil dawn it-tfal ma nkunux qed inċaħħduhom mid-dritt għall-edukazzjoni minħabba n-nuqqas ta' linji gwida f'dan ir-rigward.

## 2a.7 Bullying

Dan il-fenomenu huwa komuni ħafna f'Malta, bħalma hu f'pajjiżi oħrajn.

L-Anti bullying team qed jaħdem bla waqfien u jżur l-iskejjel, kemm biex imexxi programmi ta' prevenzjoni, kif ukoll biex jgħin ħalli jissolvew xi każi diffiċli.

Qed isir ukoll xogħol siewi ħafna mid-Drama Unit, tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, fejn bħalissa qed idur l-iskejjel bi proġett fuq bullying, biex jgħin lill-istudenti permezz ta' role plays u diskussjonijiet.

Jidher ċar li mhux dejjem qed nagħmlu differenza bejn bullying u nuqqas ta' dixxiplina.

Meta jkun hemm nuqqas ta' dixxiplina kemm fil-klassi kif ukoll fl-iskola inkunu qed inħallu spazju biex ikun hemm aktar każi ta' bullying. L-aktar li qed ikun hemm bullying huwa waqt il-ħinijiet tal-brejk, u fuq il-vannijiet u l-coaches li jwasslu t-tfal l-iskola.

Għalhekk jidhirli illi l-amministrazzjoni tal-iskola flimkien ma' l-għalliema għandhom jagħmlu ħilithom kollha biex, barra milli jassiguraw li fl-iskola jkun hemm id-dixxiplina, jippruvaw jintervjenu l-ewwel huma biex isolvu dawn il-problemi, avolja jidher illi qed ikunu spissi. Huwa dnub illi dawn il-każi ta' bullying qed jitħallew jieħdu fit-tul, tant li jaslu biex jindaħlu l-ġenituri, u saħansitra jitkomplew barra l-iskola.

## 2a.8 Servizzi soċjali fl-iskejjel

Dan is-servizz, li jinkludi fih il-Guidance u l-Counselling, huwa wieħed mill-aktar meħtieġa fl-iskejjel tagħna llum. Dan l-aħħar ilqajna bil-ferħ il-publikazzjoni tal-'Quality Service Charter' kemm tal-Guidance u l-Counselling kif ukoll ta' l-iskola 'Għożża'. Jiena ċerta li meta kulħadd jibda jikkommetti ruħu b'dan il-mod l-istudenti tagħna jkollhom servizz aħjar.

Fl-istess ħin għandna persentaġġ għoli ħafna ta' studenti illi qed jiġu l-iskola minn sitwazzjonijiet diffiċli ħafna fil-familji tagħhom. Ukoll, ma nistgħux inħallu barra lil numru mhux żgħir ta' tfal li jkunu ġejjin mid-djar tat-tfal.

Għandna skejjel fejn 25% tat-tfal fil-klassi jkunu ġejjin minn familji separati. Ħafna mill-ġenituri ta' dawn it-tfal, minkejja li jkunu għaddejjin minn ħafna tbatijiet, jagħmlu ħilithom biex it-tfal ikomplu jgħixu ħajjithom mill-aħjar possibbli. Iżda hemm ħafna ġenituri li bir-rabja li għandhom lejn xulxin, jużaw lit-tfal bħala arma biex iweġġgħu lil xulxin, u kultant jużaw diskors kontra xulxin li ma jkun xejn adattat għal quddiem it-tfal.

Ħafna mit-tmenin każ li ġew l-uffiċċju din is-sena kienu dwar tfal vittmi ta' sitwazzjonijiet familjari. Għandna tfal li qed jinżammu d-dar għax ommhom marida b'dipressjoni jew mard ieħor, oħrajn għax ommhom 'single mother' u jridu jieħdu ħsieb ħuthom sakemm hi toħroġ taħdem. Għandna tfal mbagħad illi huma vittmi ta' abbuż domestiku, u tipi oħrajn ta' abbuż.

Tfal oħra qegħdin jattendu l-iskola minn sitwazzjonijiet familjari fejn hemm abbuż ta' xorb jew droga.

Għandna tfal illi minħabba ħajja xejn regolari tal-ġenituri tagħhom jitilfu l-iskola sikwit, għax il-ġenituri ma jlestulhomx l-uniformi jew jinsew iqajjmuhom għall-iskola.

Għandna tfal ta' kull età u li jattendu kull tip ta' skola, li ma nistgħux nistennew minnhom xogħol ta' l-iskola daqs ta' min ġej minn familja stabbli fejn isib l-għożża u l-imħabba.

Is-Social Workers tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni huma dawk li jagħtu għajnuna mmedjata meta jinqala' xi każ serju illi l-guidance teachers u l-counsellors tal-iskola jaraw illi mhux ta' idejhom. Bħalissa pero', tant hemm każijiet soċjali fl-iskejjel illi jridu attenzjoni, illi forsi jkun aħjar jekk kull skola jkollha social worker tagħha, anki biex l-iskola ma jkollhiex għalfejn tirreferi kull każ għall-aġenzija Appoġġ, fejn is-social workers huma limitati wkoll. Huwa importanti wkoll illi dawn il-problemi tat-tfal jiġu ndirizzati minn metà jkunu fil-Primarja, ħalli l-problema ma tilħaqx tikber.

Fejn jidħol it-taħriġ ta' l-għalliema, minkejja li dawn qed joħorġu mill-Università ppreparati u mħarrġa tajjeb fis-suġġett tagħhom, inħoss li minħabba d-diversità ta' problemi soċjali li għandna

fl-iskejjel, mhux dejjem qed jiġu ppreparati biżżejjed biex jifhmu u japprezzaw dak kollu illi għaddejjin minnu l-istudenti tagħhom. .

Dan la jgħin lilhom u wisq anqas lit-tfal afdati f'idejhom, illi jridu min jifhimhom daqs kemm iridu min jgħallimhom.

It-trawmi li jgħaddu minnhom ħafna tfal jidher fix-xogħol tagħhom ta' l-iskola. Ħafna drabi dan jitlob il-bżonn ta' nterventi mill-psikoloġi tad-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Preżentament għall-iskejjel ta' l-istat għandna biss 6 psikoloġi, fejn kull wieħed minnhom huwa responsabbli għal madwar 15,000 student.

Ħafna tfal illum, qed ifittxu fl-iskejjel dak li mhux qed isibu d-dar. Għandhom bżonn mhux biss għalliema imma wkoll 'carers'. Dan qed ipoġġi pressjoni qawwija fuq dawk l-iskejjel illi għalihom ir-riżultati akkademiċi għadhom il-kejl ta' kemm huma skejjel tajbin. Iridu jibqgħu għaddejjin bir-ritmu ta' lezzjonijiet qisu kull student quddiemhom m'għandux problemi.

Min-naħa l-oħra ma jistax ikun illi l-kurrikulu jitħalla fil-ġenb u kull skola nagħmluha 'APPOĠĠ' ieħor. Jeħtieġ li nsibu bilanċ, biex dawk li jifilħu jistudjaw isibu t-tagħlim xieraq, waqt li dawk li għandhom bżonn ħafna aktar minn tagħlim akkademiku, isibu it-triq tal-fejqan mill-weġgħat tagħhom, waqt li jkunu ukoll jistgħu ikompli jiżviluppaw l-intelliġenza u t-talenti li għandhom.

## 2a.9 Konklużjoni

Nagħlaq din il-parti tar-rapport billi nerġa' nirreferi għall-KMN. Għandna dokument sabiħ ħafna li qiegħed joffri sfida lis-sistema edukattiva ta' pajjiżna u li issa ilu li daħal fis-seħħ minn Ottubru 2000.

Fortunatament, xi wħud qed jagħmlu profitt kbir minn dan id-dokument f'diversi aspetti tant li t-tfal u ż-żgħażagħ qed jiggwadanjaw ħafna, madankollu fadal diversi prinċipji u għanijiet li jeħtieġ li jiġu ndirizzati.

Il-KMN m'huwiex biss dokument ta' stqarrija imma fuq kollox huwa dokument ta' mpenn. Fl-isfond tat-tiġdid li nsibu fl-ewwel paġni tal-KMN hemm biċ-ċar id-dmirijiet u d-drittijiet ta' l-istat f'dan ir-rigward.

Huwa pass pożittiv ħafna li l-iskejjel qed jagħmlu l-'Pjan Ta' Żvilupp għall-Iskola', u li dan jintbagħat lid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Tajjeb imma, illi jkun hemm 'monitoring' biżżejjed dwar dak li fil-fatt qed jiġi mplimentat.

Għandi tama sħiħa illi l-pjan ta' tiġdid tas-sistema edukattiva, illi għandu jiġi mħabbar ma jdumx, ser jindirizza l-problemi illi semmejt. Sadattant, nawgura illi l-proġetti validi u nteressanti illi huma maħsuba biex iħajru l-istudenti aktar għall-istudju, u li diġa qed jintużaw fl-iskejjel, jibqgħu jsibu l-istaff u s-sapport meħtieġ.

# b. It-**tfal** u l-**ġustizzja**

F'din il-parti tar-rapport, ser nagħti ħarsa lejn aspetti differenti tas-sistema tal-ġustizzja f'Malta u kif din tista' titjieb fl-aħjar interess tat-tfal. Dan qed nagħmlu wara diversi laqgħat mal-Prim Imħallef, ma' l-Imħallef tal-Qorti tal–Familja, mal-Maġistrat tal-Qorti tal-Minorenni, u ma' diversi probation officers u social workers f'dan il-qasam. Għamilt ukoll żjara fil-Qorti tal-Minorenni waqt smigħ ta' diversi każi, u żort ukoll il-Qasam tal-Minorenni fil-Faċilità Korrettiva ta' Kordin.

## 2b.1 Il-Qorti tal-Minorenni (Juvenile Court)

Fis-sena 2004 ġie appuntat Maġistrat ġdid għall-Qorti tal-Minorenni, li beda jaħdem fil-bidu ta' Marzu. Wara s-sajf, din il-Qorti mxiet minn Santa Venera għall-Belt Valletta, fi ħdan il-Qorti tal-Familja. Mill-49 kas illi nqatgħu fil 2004, 12 inqatgħu f'Santa Venera minn Marzu sa Ġunju, u s-37 l-oħra, inqatgħu l-Belt minn Settembru sa Diċembru. Mill-każijiet tal-2004, baqgħu pendenti biss 2.

Għad hemm però nuqqasijiet illi jridu jiġu ndirizzati:

- Jidher illi diversi każijiet illi tressqu ma kienux serji u għalhekk imisshom ġew solvuti fl-għasses tal-pulizija, ħalli l-Qorti tkun tista' tagħti aktar attenzjoni lill-każijiet gravi.
- Il-Qorti tal-Familja għadu mingħajr faċilità ta' "video conferencing" u tagħmir ieħor bżonnjuż.
- L-istaff jeħtieġ taħriġ dwar kif jaġixxi mat-tfal. Ikun tajjeb ukoll illi jkun hemm spettur u spettura tal-post illi jkunu mħarrġa f'dan il-qasam.

- Tinħass ukoll il-ħtieġa illi meta każ jasal il-Qorti, ikun hemm tim ta' nies professjonisti bħal social workers, psikoloġi, probation officers u oħrajn illi jfornu lill-Maġistrat bir-rapporti tagħhom, ħalli hu diġa' jkollu ħjiel taċ-ċirkustanzi illi wassal il-każ sal-qorti. Dan l-assessment bħalissa qed isir minn social worker waħda biss. Ikun ideali illi l-assessment jibda jsir sew qabel, kif ukoll, waqt u wara is-sentenza.
- Żgħażagħ bejn is-16-il sena u t-18-il sena qed jidhru quddiem il-Qorti tal-Maġistrati, u mhux fil-Qorti tal-Minorenni. Dawn għadhom minorenni kif issostni ukoll il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal.
- F'każijiet fejn tfal ta' diversi etajiet jiġu mixlija bl-istess rejat, tajjeb illi jkun hemm separazzjoni tal-ġudizzju u mhux jispiċċaw iż-żgħar, anke ġieli ta' 14-il sena u iżjed, jidhru fil-qrati ta' l-adulti.
- L-aktar importanti pero' huwa l-bżonn li jiġi rivedut Kapitlu 287 tal-Liġijiet ta' Malta, bi preparazzjoni għal tfassil ta' liġi kompletament ġdida għat-tfal.

## 2b.2 Il-Qorti Kriminali

Fil-Qorti Kriminali din is-sena kellna progress kbir meta ġiet appuntata l-Maġistrat Padovani Grima biex mit-22 ta' Novembru 2004 tieħu l-każijiet kollha ġodda ta' abbuż fuq it-tfal. Il-Maġistrat saħansitra għandha tagħmel kors apposta dwar każijiet ta' abbuż sesswali fuq tfal u żgħażagħ, u ġiet identifikata Maġistrata oħra biex tieħu l-każijiet meta il-Maġistrat Padovani Grima tkun assenti.

Naturalment, dan mhux ser jgħin lil fuq minn 40 każ ta' abbuż fuq tfal u żgħażagħ li għadhom pendenti l-qorti, uħud minnhom mill-1997.

## 2b.3 Il-Qorti tal-Familja

Il-Qorti tal-Familja ġiet imwaqqfa fl-2004. Ħadd ma jiddubita li dan kien pass tassew 'il quddiem. Naturalment, billi għadha fil-bidu, hemm ċerti aspetti li għad iridu jiġi indirizzati. Medja ta' 450 każ kull sena jidħlu fil-Qorti tal-Familja. L-Imħallef wieħed li hemm għandu dawn il-każijiet kif ukoll numru konsiderevoli ta' kawżi ċivili, kawżi oħra li kien wiret mill-Imħallef ta' qablu, u r-rikorsi li ta' kull sena jlaħħqu mal-1200.

Issemmiet il-ħtieġa ta' mill-inqas Imħallef ieħor, pero ma jidhirx illi hemm ħsieb għal dan, u hemm dubju dwar jekk l-infrastruttura eżistenti tiflaħx għal ieħor. Barra minn dan, hawnhekk ukoll l-

Imħallef għandu bżonn urġenti ta' "back-up team" magħmul minn psikoloġi, psikjatri tat-tfal, social workers,u nies ċertifikati fid-DNA testing, kif ukoll aktar assistenti ġudizzjarji. Bħalissa minn dan kollu hemm biss żewġ social workers illi naturalment mhux qed ilaħħqu bix-xogħol.

Dan kollu qed jirriżulta f'dewmien eżaġerat ta' kawżi ta' separazzjoni u oħrajn, bil-konsegwenza ta' tbatijiet inimaġinabbli għat-tfal u l-partijiet ikkonċernati. Iħossuhom iddiskriminati wkoll dawk il-koppji illi bdew proċeduri għal separazzjoni qabel it-twaqqif tal-Qorti tal-Familja, fejn ma hemmx servizzi ta' medjaturi. Hemm każijiet minn dawn illi ilhom ukoll snin twal pendenti, b'konsegwenzi iebsin għal kull membru ta' dik li darba kienet familja.

Jidher illi s-servizzi ta' l-Avukat tat-Tfal mhumiex magħrufa mal-pubbliku. Bħalissa hemm tlett avukati li qed joffru dan is-servizz u li jiġu appuntati ġeneralment mill-Imħallef. Tajjeb li jkun hemm aktar tagħrif dwar dan is-servizz.

## 2b.4 Is-Sezzjoni għat-tfal u żgħażagħ ġewwa il-Faċilità Korrettiva ta' Kordin (YOURS)

Illum hemm sezzjoni ġdida fil-ħabs ta' Kordin fejn jitqiegħdu tfal u żgħażagħ sa 21 sena. Din diġa' tagħti lok biex tfal ta' 14-il sena jkunu ma' persuni ħafna akbar minnhom li jkunu wettqu atti kriminali. Barra minn hekk, ġieli kien hemm każijiet, anke riċenti, fejn inżammu f'din is-sezzjoni rġiel ta' 'l fuq minn 21 sena, minħabba li s-sigurta personali tagħhom setgħet tkun mhedda li kieku tqegħdu f'sezzjonijiet oħra ma' adulti.

Idealment, dawn jinqasmu fi gruppi ta' dawk li għandhom bejn id 9 u 16 il-sena, u dawk li għandhom min 17-il fuq. Il-Correctional Officers li jaħdmu magħhom huma ftit, u mhumiex imħarrġa għal dan ix-xogħol partikolari ma' tfal u żgħażagħ.

Fost iż-żgħażagħ, hemm dawk li diġa' nqatgħetilhom is-sentenza u dawk li għadhom qed jistennewha. Din tagħti lok għal nuqqas ta' interess fil-lezzjonijiet edukattivi li jiġu offruti lilhom. Sfortunatament għal uħud li xtaqu jitgħallmu xi snajja ma nstabux instructors u allura dawn iż-żgħażagħ iqattgħu l-ħin jpejpu u jaraw it-TV, bla ebda riabilitazzjoni ta' xejn. Dan huwa 'l bogħod ħafna mill-kunċett ta' "correctional facility" u jagħti lok għal trawwim ta' kriminali li joħorġu mill-ħabs agħar milli jkunu daħlu.

Ħaġa oħra li Malta għadha ma kkunsidratx huwa dak li ntqal mill-Kumitat tal-Ġnus Magħquda għad-Drittijiet tat-Tfal f'Ġunju 2000 dwar ir-rapport ta' Malta ta' Diċembru 1997 u l-liġijiet nazzjonali li jpoġġu l-età kriminali (mischievous intent) ta' tfal minn 9 snin.  Din l-età, jgħid ir-rapport, hija baxxa wisq.

## 2b.5 Sistemi alternattivi għar-riabilitazzjoni ta' "young offenders"

F'Malta ma jeżistux sistemi alternattivi ta' riabilitazzjoni għal "young offenders", ħlief fil-qasam tad-droga. Xi snin ilu kien hawn il-programm ta' Formula One illi falla għal diversi raġunijiet. Illum f'każ ta' tfal jew żgħażagħ illi għandhom imġieba kriminali, l-alternattivi huma li jitqiegħdu taħt probation jew li jintbagħtu l-ħabs, bil-konsegwenzi li għadni kif semmejt.

Dawn it-tfal u ż-żgħażagħ mhux qed jiġu mgħejjuna jegħlbu t-tendenzi u l-passat li setà kien ikrah tagħhom. Għaldaqstant, meta joħorġu mill-ħabs, ma jkollhom l-ebda ħjiel ta' ħajja differenti minn dik li jkunu ħallew qabel daħlu. Fil-fatt, bħalissa hemm rata ta' reċidiviżmu ta' 87%. Hemm bżonn ninvestu fir-riabilitazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ, l-ewwelnett għall-ġid tagħhom kif ukoll għall-ġid tas-soċjetà li tonfoq Lm150 kuljum meta dawn jerġgħu lura l-ħabs.

# C. It-tfal u s-saħħa

## 2C.1 Tipjip

Din kienet sena tajba għat-tfal u ż-żgħażagħ. Kienet is-sena meta daħlet fis-seħħ il-Liġi biex ma jsirx tipjip f'postijiet pubbliċi, inkluż f'ristoranti u ħwienet tax-xorb. Dan fisser illi t-tfal u żgħażagħ, minn dawk li għadhom f'ġuf ommhom, għal dawk li jżuru postijiet ta' divertiment mal-ġenituri tagħhom, kif ukoll dawk li jkunu ġewwa discos u ħwienet tax-xorb, m'għadhomx iridu jissaportu d-duħħan ta' dawk li jpejjpu, mingħajr ma jistgħu jgħidu xejn. Min jaf kemm tfal u żgħażagħ li jbatu bl-asthma u problemi oħra tan-nifs, ħadu r-ruħ!... u żgur qatt m'aħna ser inkunu nafu kemm tfal evitaw li jimirdu b'xi marda kerha, bis-saħħa ta' din il-liġi. Prosit tassew lill-Ministeru tas-Saħħa u fuq kollox lid-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa talli baqgħu jistinkaw sakemm għaddiet il-liġi. Issa nittamaw illi min hu nkarigat mill-infurzar jagħmel xogħolu tajjeb. ħafna huma l-istabbilitmenti tad-divertiment li mhux qed isegwu din il-liġi.

## 2C.2 It-Tarbija fil-Ġuf

Is-sena 2004 wkoll rat bidu ta' kampanja ta' tagħrif dwar id-drittijiet tat-tarbija fil-ġuf. Hija ħaġa tassew li tagħmilna kburin illi Malta tkompli tiddefendi lil dawn it-trabi sew f'Malta u sew fl-Unjoni Ewropea.

Sar pero' pass ieħor 'il quddiem bis-saħħa tal-Moviment għat-Tarbija fil-ġuf, (grupp ta' 36 organizzazzjoni, bil-kollaborazzjoni tal-Uffiċċju tiegħi u tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali). Dan il-Moviment organizza tlett Seminars fuq skala nazzjonali f'Ġunju, Diċembru u Frar 2005, fejn ġew diskussi u studjati l-ħarsien, il-protezzjoni u s-saħħa tat-tarbija fil-ġuf. Il-

Malta Union of Professional Psychologists (MUPP) ingħaqdet ukoll fix-xogħol ta' dan il-grupp u ġabet kelliema minn barra illi taw dawl ġdid fuq l-effetti li jkollha tqala tajba, jew tqala mimlija stress u problemi, fuq l-iżvilupp tat-tfal.

Ftit minnha kienu jafu li "High antenatal maternal anxiety is related to ADHD symptoms, Externalising Problems, and Anxiety in 8 and 9 year-olds" . Tgħid stajna evitajna illi llum ikollna daqstant tfal b'sintomi ta' ADHD, aġir anzjus u problematiku? Ma nħarsux lura, imma 'l quddiem. Issa li nafu b'dan l-istħarriġ, irridu nwassluħ lill kull omm li qed iġġorr tarbija fil-ġuf, u ngħinuha biex ikollha tqala bl-inqas stress possibbli.

Beda wkoll il-proċess ta' tħejjija għal-leġiżlazzjoni biex tħares il-ħajja sa mill-bidunett tagħha. Nawgura illi din ma ddumx ma tkun lesta biex titressaq quddiem il-Parlament.

## 2C.3 Il-Breastfeeding

L-Organiżżazzjoni Dinjija tas-Saħħa (World Health Organisation – WHO), fuq parir ta' esperti mill-qasam internazzjonali, stqarret illi l-aħjar ikel illi t-trabi jista' jkollhom fl-ewwel 6 xhur huwa l-ħalib tal-omm, u lilu biss. Wara dan iż-żmien jista' jibda jingħata ikel ieħor mingħajr ma' l-omm tieqaf tredda'.

Il-'breastfeeding' f'Malta għadu mhux popolari daqs f'pajjiżi bħall-Olanda u l-Irlanda. Meta jitilqu mill-isptar, 53% biss tal-ommijiet Maltin ikunu qed ireddgħu lit-tarbija tagħhom, u uħud minnhom jieqfu meta ma jsibux l-għajnuna tal-missierijiet, tal-familjari tagħhom, u tat-tobba.

Diversi entitajiet tal-Gvern u privati qed jħeġġu l-ommijiet biex jagħtu dak li hu l-aħjar lit-tfal tagħhom. Dawn l-entitajiet qed jaħdmu biex tinħoloq dejjem aktar "kultura ta' breastfeeding'', u dan qed jagħmluh b'diversi mezzi. Id-deċiżjoni dwar il-breastfeeding tibqa' waħda tal-ġenituri. Fl-istess ħin, irridu nżommu f'moħħna illi xorta hawn żieda fin-numru ta' ommijiet illi jagħżlu l-breastfeeding.

## 2C.4 Is-saħħa tat-tfal u ż-żgħażagħ ta' l-iskola

(Rapport imħejji mill-WHO )

Fis-sena 2002, saret riċerka internazzjonali dwar is-saħħa fiżika, mentali u psikoloġika tat-tfal li għandhom 11, 13 u 15 il-sena. Ir-rapport li ħareġ jismu : "Young People's Health in Context: Health Behaviour in School-Aged Children". Malta ħadet sehem għall-ewwel darba f'din ir-

riċerka illi ssir kull 4 snin. F'Novembru li għadda, dan ir-rapport ġie pubblikat. Naturalment jagħti stampa tat-tfal Maltin ta' sentejn ilu, pero' hemm indikazzjonijiet ċari dwar dak li għandna nserrħu moħħna fuqu, u dak li għandu jinkwetana u jġegħelna nagħmlu xi ħaġa.

Riżultati pożittivi:

- It-tfal Maltin jieklu kwantità suffiċjenti ta' frott (pġ 113)
- Fil-maġġoranza huma tfal b'saħħithom (pġ 188)
- Huma tfal pjuttost kuntenti (pġ 187)
- Ipejjpu ħafna inqas minn tfal ta' pajjiżi oħra (pġ 65)
- Huma fost l-inqas illi jpejpu l-cannabis (pġ 86)
- Huma fost l-inqas li jaraw siegħat twal ta' televiżjoni (pġ 100)
- M'hawnx numru kbir ta' tfal iffissati fuq il-piż (pġ 122)
- Jużaw il-komputer daqs il-medja tat-tfal l-oħra (pġ 102/103)
- Isibu ħafna għajnuna mingħand sħabhom (pġ 46)
- Ma jbatux minn bullying daqs sħabhom f'pajjiżi oħra (pġ 138)
- Iħobbu l-iskola, speċjalment fil-primarja (pġ 44)
- Jużaw it-telefon, emails u messaġġi bil-telefon ċellulari daqs il-medja ta' l-oħrajn (pġ 41)
- Ma jsibuhiex bi tqila ħafna li jitkellmu b'mod miftuħ ma' l-ommijiet tagħhom (pġ 31)

Riżultati negattivi:

- L-istudenti Maltin huma fost l-aktar illi jħossuhom 'stressed' l-iskola (pġ 48)
- Huma fost l-aktar illi huma mogħtija xogħol għad-dar (pġ 105)
- Il-maġġoranza tat-tfal u ż-żgħażagħ Maltin ma jieħdux breakfast (pġ 112)
- Iż-żgħażagħ Maltin ta' 13-il sena huma fost l-aktar qawwijin (pġ 125)
- Ma jħobbux jieklu il-ħaxix (pġ 114)
- L-inqas li jaħslu snienhom aktar minn darba kuljum (pġ 131)
- Huma fost l-iktar illi jikkunsmaw xorb alkoħoliku (pġ 75)
- Dawk ta' 11 u 13-il sena l-aktar li jieklu ħelu fid-dinja! (pġ 117)
- Huma fost l-inqas li jikkomunikaw ma' missierijiethom (pġ 32)
- Huma fost l-inqas li jagħmlu ftit eżerċizzju kuljum (pġ 93)
- Huma fost l-aktar illi jixorbu soft drinks (pġ 116)

Id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa, fi ħdan il-Ministeru tas-Saħħa, qed jaħdem bir-riżultati ta' dan ir-rapport bħala l-bażi għall-ippjanar ta' kampanja favur is-saħħa tat-tfal u ż-żgħażagħ għas-snin li ġejjin. Filwaqt illi qed jipprepara biex jieħu sehem fi stħarriġ ieħor bħal dan fis-sena 2006.

## 2C.5 Iż-Żgħażagħ u d-droga

Filwaqt li nafu li ż-żgħażagħ fl-iskejjel ma jabbużawx mid-droga daqs żgħażagħ ta' l'eta tagħhom f'pajjiżi oħra, minn records illi Caritas Malta għandha dwar id-droga fost persuni ta' taħt it-18-il sena, jidher illi d-droga hija presenti f'ħafna skejjel, sew dawk ta' l-istat kif ukoll dawk privati u tal-knisja. In-numru ta' studenti li daħlu f'dan il-vizzju qiegħed dejjem jiżdied, u t-tmexxija tad-droga qed issir fl-inħawi viċin ħafna ta' l-iskejjel, fl-istess btieħi ta' l-iskejjel u postijiet oħra.

L-Aġenzija Sedqa, minn statistika li għandha dwar il-klijenti li jużaw id-Detox jew id-Drug Community Centres, din is-sena kellha esperjenza differenti. Kien hemm inqas żgħażagħ ta' taħt it-18-il sena li użaw id-droga fil-2004 milli fil-2003. Lanqas m'għandhom prova li l-età ta' min qed jabbuża mid-droga qegħda tonqos.

Dan jurina bżonn ta' aktar statistika miġbura fuq bażi nazzjonali fejn dawk kollha li jaħdmu f'dan il-qasam jikkontribwixxu l-informazzjoni li jkollhom, sabiex iservi ta' qafas. Iż-żewġ rapporti iżda jikkonfermaw il-fatt illi għandna tfal u żgħażagħ li qegħdin jabbużaw mid-droga.

Hawnhekk jidher kemm hu mportanti li nagħtu kull sapport lill-programmi ta' prevenzjoni illi qed jagħmlu l-Caritas u l-Aġenzija Sedqa fl-iskejjel. Biex wieħed pero jilqa' minn quddiem għall-fatt illi l-età tad-drogati qiegħda dejjem aktar tiċkien, il-Caritas jinsistu illi hemm bżonn ta' programm indirizzat speċjalment għaż-żgħażagħ fejn il-ħtiġijiet tagħhom sew fisiċi, kif ukoll psikoloġiċi, edukattivi, u familjari jiġu ndirizzati. Dan il-programm għandu jiġi mmexxi minn social workers, facilitators, għalliema u psikoloġi li jkunu mħarrġa speċjalment għal maż-żgħażagħ. Huwa ta' tħassib illi minħabba l-età żgħira tagħhom, ħafna miż-żgħażagħ li jabbużaw mid-droga ma jeħdux il-prekawzjonijiet meħtieġa, u ta' sikwit jissellfu labar u ħwejjeġ oħra li jista' jwassalhom biex jimirdu bil-Hepatite jew bil- HIV.

Għalkemm ħafna minn dawk iż-żgħażagħ li jersqu għall-għajnuna jkunu diġa stabbiliti fl-abbuż tagħhom tad-droga, qed jersqu wkoll tfal li jkunu missew mad-droga għall-ewwel darba. Bdiet tidher ukoll il-problema ta' tfal drogati li huma tfal ta'ġenituri li jabbużaw mid-droga, u li allura għandhom bżonn ta' ħafna għajnuna.

Kien għalhekk illi quddiem il-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati, jien iddefendejt is-suġġeriment illi jkun hemm differenza fil-liġi bejn 'drug trafficking' u 'drug sharing', ħalli

dawk iż-żgħażagħ illi jinqabdu jabbużaw mid-droga għall-ewwel darba meta jkunu ma' sħabhom, ma jintefgħux mill-ewwel fil-ħabs fejn johorġu mbagħad mhux biss drogati imma wkoll kriminali, iżda jkollhom ċans għall-għajnuna u għar-riabilitazzjoni. Jinħass ukoll f'dan il-kamp il-bżonn ta' "drug court" fejn nies minn professjonijiet differenti jaħdmu flimkien għall-ġid tad-drogati. Dan diġa' jsir b'mod informali.

## 2C.6 L-Imġieba Sesswali

Fis-sena 2003 Roderick Bugeja f'isem id-Dipartiment tal-Promozzjoni tas-Saħħa għamel survey bħala parti minn studju ta' 'Health Behaviour in School-aged Children (HBSC)', dwar l-imġieba sesswali fost tfal ta' 13 sa 15-il sena hawn Malta. Huwa qassam kwestjonarju lill-1310 studenti, 573 subien u 737 bniet.

44.05% tat-tfal kitbu illi huma "sexually active" (għalkemm b'dan ma fissrux li kien hemm bilfors il-penetrazzjoni), u 19% qalu illi bdew meta kellhom minn 11 sa 13 il-sena.

Din is-sitwazzjoni, fi 17.58 mill-każijiet, hija kkumplikata bl-użu tal-alkohol u d-droga. Fuq 65% qalu illi għandhom biżżejjed informazzjoni dwar is-sess, u qalu wkoll illi jippreferu jitgħallmu l-aktar mingħand sħabhom, mbagħad mingħand it-teacher tal-PSD, u fl-aħħar mingħand il-ġenituri.

Xi rakkomandazzjonijiet illi saru huma dawn:

- illi jsiru programmi ta' tagħrif miż-żgħażagħ għaż-żgħażagħ.
- illi l-ġenituri jitgħallmu kif jaġixxu quddiem din ir-realta'
- illi kumpanniji jqisu aktar l-età tal-klijenti tagħhom fil-bejgħ ta'xorb eċċ.
- illi l-organizzazzjonijiet taż-żgħażagħ jaħsbu aktar biex jipprovdu divertiment alternattiv
- illi l-iskejjel iqisu sew ir-rwol tagħhom f'dan il-qasam
- illi l-mezzi tax-xandir jkunu aktar responsabbli fit-tixrid tal-messaġġi tagħhom
- illi jingħataw raġunijiet liż-żgħażagħ għaliex huwa tajjeb illi wieħed jistenna fil-ħajja għal ċerti affarijiet
- illi ż-żgħażagħ jkunu mgħarrfa iżjed dwar il-konsegwenzi ta'attività sesswali, bħalma huma l-STI (sexually transmitted infections).

## 2c.7 Il-Qasam taż-Żgħażagħ fl-iSptar Monte Karmeli (YPU)

Il-YPU (Young People's Unit), bħalma jindika l-isem tiegħu, huwa l-qasam taż-żgħażagħ u t-tfal tal-isptar li jispeċjalizza fil-kura ta' mard jew disturb mentali.

Il-YPU twaqqaf oriġinarjament biex żgħażagħ bi problemi mentali ma jitħalltux ma' adulti li jkunu għall-kura. Il-YPU jinsab f'waħda mid-djar li hemm fit-triq li tagħti għall-isptar prinċipali. Qiegħed barra mill-ħitan ta' l-isptar, imma viċin biżżejjed biex tobba u professjonisti oħra ta' l-isptar jistgħu jilħquh f'qasir żmien jekk ikun hemm bżonn. Dan igawdi mis-servizzi kollha ta' l-iSptar Monte Carmeli (SMC), inkluż dawk ta' staff, kċina, trasport, u oħrajn.

Illum il-YPU jidher illi kellu jaddatta għall-bżonnijiet tal-preżent, u f'dan il-proċess spiċċajna xorta waħda bi tfal ta'14-il sena jagħmlu perjodi ġewwa l-isptar prinċipali. Ir-raġuni għal dan spjegah Dr. Joe Saliba, direttur tal-SMC, u direttur tal-YPU. Huwa jara differenza kbira naturalment bejn tfal ta' 4 snin li jiġu għall-kura, u dawk ta' 15-il sena. Barra minn hekk il-mard jew disturb jaf ikun differenti ħafna. Hemm biss biss id-differenza bejn, disturb fil kondotta jew fl-emozzjonijiet bħala parti mill-iżvilupp, mard gravi psikotiku, fejn l-individwu jitlef kuntatt mar-realta, dak magħġun ħaġa waħda mal-karattru ta' l-individwu, u dak li mhux, bħal dipressjoni. Jiġifieri, hemm mard u disturb mentali li s-sintomi u l-kura tagħhom huma differenti ħafna. Hemm żvantaġġi, allura li tpoġġi tfal ta' etajiet different, u bi bżonnijiet differenti taħt saqaf wieħed, speċjalment meta fil-YPU hemm biss 8 sodod, 4 għas-subien u 4 għall-bniet. Min-naħa l-oħra, f'pajjiż żgħir bhal Malta, kemm in-numru ta' żagħżagħ t'eta waħda u b'tip wieħed ta' disturb, kif wkoll ir-riżorsi umani huma limitati ħafna biex wieħed iħaddem numru akbar ta' units b'tipi differenti ta' żagħżagħ.

Bħala dar, il-YPU għandha partijiet attraenti, bħall-parti ta' ġewwa fejn bl-għajnuna ta' sponsors ġie miżjud craftsroom ġdid u ġew modernizati u attrezzati aħjar il-klassi u l-ġnien, ta' l-aħħar bi ftit annimali u playground żgħir. Jinħass pero' il-bżonn ta' kamra fejn jistgħu jilgħabu t-tfal, kamra privata fejn jistgħu jiltaqgħu mal-familjari tagħhom, kamra fejn isiru l-case conferences, għamara moderna u sabiħa u, fuq kollox, programmi terapewti_i għat-tfal għal wara nofs in-nhar u fil-għaxija.

Il-YPU għandu konsulent psikjatra ieħor, Dr. Joe Cassar. In-Nursing Officer tħobb ħafna lit-tfal u x-xogħol li tagħmel magħhom, u hemm team ta' tabib, social worker, psychologist, occupational therapist u żewġ teachers. ħlief għan-nurse, pero', dawn mhumiex residenti, u ta' sikwit, bhal fil-weekends u filgħaxija, jekk jkun hemm bżonn ta' team members oħra, dawn ma jkunux hemm. Fil-fatt, fil-YPU ikun hemm biss żewġ nurses, u t-tabib jissejjah jekk hemm bżonn. Dr Saliba infurmani li, f'pajjiżi oħra, units bħal dawn ikollhom intervent aktar intensiv ta' psychologist u occupational therapist iżda f'Malta hija ħaġa tas-soltu li fil-għaxija u fil-weekends jkun hemm biss nurses u jittawwal tabib jekk jinqala l-bżonn.

Kultant, minħabba n-nuqqas ta' post, xi każijiet li jiġu rreferuti għall-YPU jiddaħħlu fuq 'day programmes', jiġifieri jmorru d-dar filgħaxija. Iżda bħala regola, ir-raġuni għad-"day programme" tkun waħda pjanata biex iż-żagħżugħ ma' jinqatax mid-dar. Kemm jista' jkun, it-tfal ikomplu jmorru l-iskola regolari tagħhom minn hemmhekk, iżda jkun hemm ħafna każijiet fejn parti integrali mit-terapija tirrikjedi perjodu ta' osservazzjoni u intervent fil-klassi tal-YPU bħala mudell ta' "total environment".

Matul l-2004, smajt b'ħafna każijiet illi ġew irreferuti għall-YPU. Iltqajt ma' tifel hemmhekk li kellu biss 5 snin. ħafna mit-tfal qed jintbagħtu hemm meta l-familji, l-iskejjel, u anke id-djar tat-tfal ma jsibux tarfhom minħabba aġir aggressiv. ġewwa l-YPU jsirilhom programm bil-għan li titjieb l-imġieba tagħhom. Dan għalija juri diversi fatturi:

1. Il YPU mhux qiegħed jitratta biss tfal strettament morda, imma huwa mistenni li jilqa' għandu tfal ukoll b'imġieba diffiċli. L-ispjegazzjoni li ingħatajt hija li dawn iż-żgħażagħ isofru min disturb mentali li jaqa taħt dijanjożi bħal "Conduct Disorder", "Hyperkinetic Conduct Disorder" u "Mixed Conduct and Emotional Disorder" (WHO International Classification of Diseases). Dawn, fl-opinjoni tiegħi, posthom mhuwiex ġewwa sptar tal-moħħ, imma fi programm apposta għalihom. Dr Saliba spjegali, illi fil-prattika, jista' jkun diffiċili ħafna illi tgħin tfal bħal dawn mingħajr riżorsi bħalma hi l-SMC. Infatti jkun hemm drabi fejn żgħażagħ jkollhom bżonn jiġu osservati ġewwa SMC qabel ma jintbagħtu fil-YPU, jew inkella jiġu trasferiti lura ġewwa l-SMC għal perjodu ta' żmien. Fl-opinjoni ta' Dr Saliba, waħda mil-limitazzjonijiet ta' Dar Fejda u Formula One (li fil-fatt kellha tagħlaq) hija li ma joffrux dan il-livell ta' kontroll.

2. La darba qed jintbagħtu l-YPU juri li dan huwa l-uniku post illi għandna fejn nieħdu ħsieb dawn il-ħafna tfal bi problemi ta' imġieba. Xejn ma' ħa post il-programm 'Formula One' li kien jindirizza din il-problema. Iżda għandna nsaqsu wkoll għala, proġett issussidjat apposta bħal dan kellu jagħlaq, waqt illi l-YPU (miftuħ u miżmum b-riżorsi interni ta' SMC) irnexxielu jibqa' joffri servizz siewi. L-erba' sodod illi huma offruti f'Dar Suriet il-Bniedem mhumiex biżżejjed, għax dawn it-tfal mhux sodod iridu imma programm apposta għalihom, jew aktar taħriġ u sapport lil min diġa' qed jieħu ħsiebhom fid-djar tat-tfal, u fl-iskejjel.

3. Meta nibgħatu tfal il-YPU qed ninsew illi dan il-post għadu marbut ma' stigma kerha, u mhux faċli li t-tfal jispjegaw għalfejn "telgħu hemm fuq". Dan minkejja li meta jitwasslu l-iskola, biex jiġi evitat l-istigma, SMC juża karozzi illi għandhom targa biss, u mkien (l-anqas fuq l-istess targa) ma jissema xi sptar ħlief li in-number plates għandhom l-ittri SMC (dan japplika għal vetturi kolla li jintużaw minn dan l-isptar).

4. Minkejja li l-maġġoranza kbira ta' dawn iż-żgħażagħ jerġgħu lura jew għand il-familji tagħhom jew f'istituzzjonijiet (St Patricks, San ġużepp) fejn il-progress tagħhom jibqa' jiġi segwit, jinħass il-bżonn ta' statistika formali biex naraw jekk il-maġġoranza ta' tfal b'imġieba diffi_li li jkunu qattgħu żmien fil-YPU jkunux biddlu jew żammew il-progress tagħhom meta jerġgħu lura d-dar jew l-iskola.

5. Hemm numru sostanzjali ta' nurses mhumiex imħarrġa b'mod formali biex jieħdu ħsieb tfal b'imġieba anti-soċjali, iżda (speċjalment fil-YPU), kisbu l-esperjenza fuq il-post tax-xogħol. It-tobba, social workers, psychologists u occupational therapists huma kolla gradwati mill-Università iżda li rċevew biss taħriġ limitat f'dawn it-tipi ta problemi. Fil-kas tal-YPU, Dr Saliba ġie mħarreġ l-Ingilterra fil-problemi tat-tfal u żgħażagħ sa livell ta' kunsulent. Għaldaqstant, għandu l-esperjenza biex l-għanijiet tat-team tal-YPU jkunu konformi ma' kif ġie mgħallem.

6. Ħafna tfal anki t'eta żgħira qed jiġu mhedda illi jintbagħtu l-YPU, meta l-għalliema jew il-carers tagħhom jitilfu l-kontroll fuqhom. Dr Saliba jindikali li hija ħaġa aċċettabli li t-tfal u ż-żgħażagħ jiġu avżati, għal ġid tagħhom illi jekk ma jikkoperawx mal-kura, l-istess imġieba tagħhom tista' twassal għal YPU (kif ġieli jiġu avżati anke pazjenti b'mard fiżiku), iżda din il-prassi għandha issir biss b'mod posittiv, kostruttiv, f'kuntest ta' pjan ta' kura u mhux sempli_ement bħala theddida liż-żagħżugħ.

Madankollu, jiena bl-ebda mod ma' qed innaqqas mill-mertu ta' dawk li qed jaħdmu fil-YPU. Il-punt tiegħi hu illi l-YPU qed jiġi mistenni jagħmel ħafna aktar minn dak li kien imwaqqaf għalih, bil-konsegwenza illi dawk it-tfal li għandhom bżonn ta' programm imfassal apposta għalihom qegħdin, mingħajr għażla, jkollhom jieħdu din l-għajnuna fl-SMC. Dan minħabba li la jeżistu alternattivi fil-komunità u anqas ma hemm biżżejjed bnadi fejn jistgħu jintbagħtu wara l-programm, biex ma jdumux wisq ġewwa l-isptar. Hija wkoll inkwetanti li kull tant, ta' bil-fors, tfal ta' 14-il sena jkollhom jagħmlu perjodi qosra fl-isptar prinċipali, jitħalltu ma' l-adulti, għax l-imġieba tagħhom tkun qed tħarbat u titħarbat wisq ma' żgħażagħ oħra tal-YPU.

# d. It-**tfal** u s-**servizzi** li jeħtieġu

Id-dritt tat-tfal għal servizzi soċjali ħadd ma jiċħdu. Il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, li huwa l-aqwa dokument legali f'dan il-qasam, jgħid illi l-familja tipprovdi l-aħjar ambjent biex it-tfal jikbru u jiżviluppaw, u li l-gvernijiet għandhom jagħtu l-aħjar għajnuna possibbli lill-familji biex dawn jaqdu dmirijiethom. Il-Konvenzjoni tgħid ukoll illi fejn ma jkunx hemm familja li tista' tagħmel dan, l-iStat għandu jidħol responsabbli  għat-tfal.

Malta għandha storja twila ta' għajnuna lill-tfal, żgħażagħ u persuni oħra fil-bżonn. Kienet l-ewwel il-Knisja illi waqqfet djar u ħeġġet kongregazzjonijiet biex jieħdu ħsieb speċifikament ta' tfal, nisa, morda, ħabsin, fqar u oħrajn. Ma' dawn ingħaqdu nies oħra filantropiċi illi għenu kemm setgħu biex itaffu t-tbatijiet li raw madwarhom. Illum, flimkien mal-Knisja li għada toffri ħafna djar u riżorsi umani, huwa l-Gvern li jipprovdi servizzi lil min hu fil-bżonn. Dan qed jagħmlu l-aktar permezz tal-Ministeru tal-Familja u s-Solidarjetà Soċjali, permezz tar-riżorsi illi jingħataw sew għall-proġetti tiegħu kif ukoll lill dawk privati jew tal-Knisja, u billi jħejji ħaddiema f'dan il-qasam fl-Università ta' Malta.

Irridu niżguraw li s-servizzi soċjali għat-tfal igawdu prijorità f'kull żmien. Hawn ma nistax ma naħsibx fin-numru kbir ta' tfal illi llum qed jitolbu l-għajnuna ta' family therapist, ta' social worker, ta' psikologu…u dawn il klijenti jitqegħdu biss fuq waiting list għax minn dawn il-professjonisti għandna ftit wisq.  Fl-aħħar tas-sena 2004, kellna 326 tfal u żgħażagħ illi kienu talbu l-għajnuna lill-Aġenzija APPOĠĠ, u ma kienx hemm min isegwi l-każ tagħhom. Hawn toħroġ ukoll il-ħtieġa ta' social worker "on call" li jkun jista' jsegwi dak li jinqala' wara l-ħin tax-xogħol u fil-weekend. Il-bżonnijiet ta' dawn it-tfal ma jistgħux jistennew, u jekk ma ngħinuhomx malajr, fil-futur is-soċjetà ser ikollha tħallas għal dan in-nuqqas b'ħafna iżjed fondi milli jistgħu jintefqu issa. Is-soċjetà ser tkun qed tħallas għal aktar sptarijiet, servizzi soċjali, ħabsijiet u oħrajn, illi l-ispejjes tagħhom setgħu jiġu evitati jew imnaqqsa.

Waħda mill-aktar problemi serji illi għandna bħalissa hija ta' tfal, minn kull qasam tas-soċjetà, mimlijin rabja u ddiżappuntati bil-ħajja tagħhom, li qed jinfexxu f'imġieba diffiċli u aggressiva, kultant anki kriminali. Dawn isibuha diffiċli jintegraw fl-istrutturi eżistenti. Skejjel, djar tat-tfal u familji qed jirrikorru fejn jistgħu għall-għajnuna, imma mkien m'għandna programmi adattati ta' rijabilitazzjoni professjonali għal dawn it-tfal u ż-żgħażagħ. Sa sentejn ilu kien hawn il-programm 'Formula One' ta' l-Aġenzija APPOĠĠ, iżda dan is-servizz għalaq għal diversi raġunijiet, fosthom nuqqas ta' riżorsi. Li qed jiġri bħalissa hu li dawn it-tfal u żgħażagħ qed jintbagħtu l-YPU (l-Isptar Monte Karmeli) jew il-YOURS (parti mill-Faċilità Korrettiva ta' Kordin). Hemm bżonn naraw min ser jieħu l-inizjattiva biex jitfassal programm terapeutiku serju, b'riżorsi adegwati, li jkun indirizzat għal dawn it-tfal b'imġieba hekk diffiċli.. L-APPOĠĠ ser tagħti prijorità lil dawn iż-żgħażagħ li qegħdin f'riskju kbir (APPOĠĠ Biennial Report 2001-2003, pġ 15). Ma naħsibx pero illi għandna nħallu lil din l-Aġenzija, illi diġa' qed tagħti ħafna servizzi oħra lil tfal u żgħażagħ, illi tieħu l-piż kollu ta' proġett bħal dan. Hija problema nazzjonali, u hemm bżonn illi l-Knisja, li qed tmiss din il-problema kuljum fid-djar tat-tfal, il-qasam ta' l-edukazzjoni fejn din il-problema hija realta' fl-iskejjel, u l-għaqdiet mhux governattivi, jingħaqdu ma' l-APPOĠĠ biex jitfassal programm adattat. B'hekk l-Aġenzija APPOĠĠ tkun qed tikkoordina programm b'kollaborazzjoni ma' entitajiet oħra. Hemm ħafna minn dawn il-programmi barra minn Malta, u uħud minnhom il-ħaddiema soċjali tagħna diġa' żaruhom. Jekk infejjqu lil dawn it-tfal issa għandna ċans ta' aktar familji stabbli u ferħana 'l quddiem.

Jekk le, ser inkunu aħna stess illi 'l quddiem nimlew it-triqat tagħna bil-problemi.

Min-naħa l-oħra kellna diversi suċċessi fil-kamp ta' l-abbuż tat-tfal. B'dan ma rridx infisser illi l-abbużi naqsu, imma li bil-kampanja ta' tagħrif u 'empowerment' illi ingħataw sew permess tal-ftuħ tal-linja tat-telefon 179, kif ukoll permess ta' programmi edukattivi bħal "Babes" imwassla fl-iskejjel mill-aġenzija Sedqa, it-tfal qed iċemplu mill-ewwel għall-għajnuna meta jiġu abbużati, u ma jistennewx snin twal, bħalma kienu jagħmlu qabel, biex jikxfu lil min abbuża minnhom. żdiedet ukoll il-kooperazzjoni bejn l-iskejjel u l-Aġenzija APPOĠĠ, biex każijiet jiġu riferuti malajr. Fl-istess ħin qiegħed jingħata servizz siewi ħafna miċ-'Child Safety Services' fi ħdan id-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni. Dawn mhux biss jinvestigaw każijiet fl-iskejjel fejn hemm suspett ta' abbuż, imma jagħtu programmi ta' taħriġ lill-istudenti u l-ġenituri tagħhom dwar dan is-suġġett, u jgħinu lil min ikun għadda minn esperjenza ta' abbuż.

Il-Liġi tal-Vjolenza Domestika, illi nittama dalwaqt titlesta, għandha tkompli tgħin biex tħares lill-vittmi ta' l-abbuż u tikkastiga lill min jabbuża minn oħrajn.

Liġi oħra illi qed nistenna, u li naf li diġa' beda xogħol fuqha, hija dik dwar il-Fostering. Dan hu servizz li qed jingħata minn koppji b'ħafna mħabba u sagrifiċċju, u li qed jiġi segwit minn team iddedikat ħafna ġewwa l-APPOĠĠ.

Hemm ħafna servizzi oħra illi t-tfal u ż-żgħażagħ qed jingħataw. Il Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità taħdem kontinwament biex tagħti lit-tfal b'diżabilità l-istess opportunitajiet daqs sħabhom. Il-Fondazzjoni Vincenzo Bugeja u l-Fondazzjoni Suriet il-Bniedem, illi joffru kenn u programmi ta' għajnuna għal minuri bi problemi jew mingħajr dar. Il-YMCA fetħet xelter ġewwa l-Belt għal nies bla dar jew mingħajr familja. L-Aġenzija Sedqa, il-Fondazzjoni Oasi u l-Caritas Malta jaħdmu maż-żgħażagħ li jabbużaw mid-droga. Il-Fondazzjoni Eden, ir-Razzett tal-Ħbiberija, il-Fondazzjoni Arka, l-Equal Partners u oħrajn jgħinu lil tfal b'diżabilità. L-iskola Ghozza, fid-Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni, u Dar Ġużeppa Debono f'Għawdex, jagħtu sapport sħiħ lil tfajliet li joħorġu tqal barra miż-żwieġ. L-Ghabex, Dar Qalb ta' Ġesù, u Dar Merħba Bik jilqgħu tfal, żgħażagħ u ommijiet li huma vittmi ta' vjolenza domestika. Ma' dawn hemm ħafna aktar servizzi, l-aktar fi ħdan l-Aġenzija APPOĠĠ, illi jsegwu problemi diversi tat-tfal, żgħażagħ u l-familji tagħhom.

Id-Djar tat-Tfal u l-Foster Carers huma ż-żewġ alternattivi illi hawn għal tfal illi ma jistgħux jibqgħu jgħixu mal-familji tagħhom. Is-servizz tal-Foster Carers qabad ħafna u bħalissa għandna madwar 165 tifel u tifla li qed jgħixu ma' dawn il-familji fejn il-koppji għamlu taħriġ intensiv, u jibqgħu jieħdu l-għajnuna meħtieġa mill-Aġenzija APPOĠĠ. Bħalissa n-numru ta' tfal u żgħażagħ li qed jagħmlu użu mis-servizzi tad-Djar tat-Tfal huwa ta' 330. L-età ta' dawn is-subien u bniet tvarja minn trabi tat-twelid sa xebbiet u ġuvintur ta' 18-il sena. It-tfal u ż-żgħażagħ jitilqu mill-familji tagħhom għal diversi raġunijiet, l-aktar minħabba problemi soċjali. Kultant ma tkunx problema waħda imma ħafna problemi flimkien illi jqumu qabel ma it-tfal jittieħdu mill-familja, u dawn il-problemi jġibu ħafna uġigħ, rabja, u sentimenti ta' konfużjoni u ta' "rejection" fit-tfal. It-tfal, meta jittieħdu mill-familja, jieħdu magħhom bagalja sħiħa ta' problemi ta' kull tip, u speċjalment fl-ewwel żmien li jaslu fid-djar, ibatu ħafna mit-tifkiriet ta' ġrajjiet koroh illi għadhom kif għaddew minnhom, mill-firda minn mal-ġenituri u familjari oħra, u mill-ambjent u nies ġodda li jsibu madwarhom.

It-trawmi li jgħaddu minnhom t-tfal kultant isarrfuhom f'imġieba aggressiva ħafna, tant li jkollhom bżonn ta' attenzjoni kontinwa. Dan qed jingħata fid-djar tat-tfal minn carers tal-High Support Service, pprovdut mill-Aġenzija APPOĠĠ. Dawn il-carers pero' mhumiex imħarrġa biżżejjed għal din it-tip ta' mġieba, u għalhekk mhux dejjem jistgħu ikunu ta' għajnuna. Il-proċess illi bih jintgħażlu dawn il-carers ukoll mhux strett biżżejjed, u jista' jagħti lok ukoll għal abbuż.

F'Marzu ta' l-2004, id-Direttur tad-Dipartiment għall-Ħarsien tal-Familja ħareġ rapport dwar is-sitwazzjoni tal-abbuż fid-djar tat-tfal. Huwa ħares lejn kull tip ta' abbuż, u l-prekawzjonijiet flimkien mas-soluzzjonijiet li dawn qed jingħataw. Fir-rakkomandazzjonijiet, fost ħwejjeġ oħra, huwa jħeġġeġ li jkun hemm taħriġ aħjar għal kull min jaħdem mat-tfal, kif ukoll illi jkun hemm aktar 'screening' u supervizjoni tagħhom. Qal li hemm bżonn ukoll ta' miżuri aktar stretti li jittieħdu kontra min jabbuża mill-pożizzjoni tiegħu fir-rigward tat-tfal.

Din is-sena ħarġu għall-konsultazzjoni ir-regolamenti tad-'Day Care Centres'. L-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal, flimkien ma' uffiċċji oħrajn, ħareġ ir-reazzjonijiet tiegħu għal dawn il-proposti. Ir-regolamenti ġew maħduma b'ħafna studju u attenzjoni u jiena sodisfatta illi jekk jirnexxielna nżommu l-livell ta' dak li ġie propost, ser ikollna servizzi kif jixraq għat-tfal ta' dawk il-ġenituri li jagħżlu li joħorġu jaħdmu.

Servizzi għat-tfal hawn ħafna. Huwa fatt pero' illi s-servizzi li jiżdiedu, jibqgħu ma' jlaħħqux mad-domanda għalihom. Ir-raġunijiet huma diversi, imma tajjeb illi nippruvaw nagħlqu l-vit li joqtor flok li nibqgħu nixxuttaw l-ilma li jaqa' fl-art. Hawnhekk nemmen illi l-mezzi tax-xandir għandhom responsabilità kbira fit-tip ta' programmi li qed ixandru, u l-opinjonijiet illi qed iwasslu. U għalhekk li ninsisti fuq l-importanza li jiġi inkluż Media Education fl-iskejjel. Jekk it-tfal u ż-żgħażagħ tagħna jimxu fuq il-mudelli ta' vjolenza, promiskwità, u egoiżmu  li qed jaraw bħalissa fuq il-media, ser jibqgħu ma jimmaturawx, u jikbru f'adulti irresponsabbli li jkomplu jikkawżaw problemi lilhom nfushom u lill-oħrajn. Dawn jinqabdu f'ċirku vizzjuż, u t-tfal tagħhom ma tantx ikollhom ċans joħorġu aħjar minnhom. Għal problemi bħal dawn hemm bżonn azzjoni immedjata.

# 3.

# **Rakkomandazzjonijiet** dwar **bidla** ta' **leġiżlazzjoni** u **policies**



# 3.

# **Rakkommandazzjonijiet** dwar il-ħtieġa ta' **bidla** ta' **leġiżlazzjoni** u **policies**

## a. Il-**Liġi tat-Tfal** (Children Act)

Malta rratifikat il-Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar id-Drittijiet tat-Tfal fl-1990. F'Mejju 2002, l-Onorevoli Helen D'Amato, bħala ċ-Chairperson tal-Kumitat tal-Affarijiet Soċjali tal-Kamra tad-Deputati, ipparteċipat fis-27 Sessjoni Speċjali tal-Ġnus Magħquda li kienet l-Assemblea Ġenerali fuq it-Tfal.

Fid-diskors tagħha, l-Onorevoli D'Amato spjegat illi f'Malta kienu qed jittieħdu aktar miżuri favur it-tfal. Semmiet ukoll il-ħsieb li jitwaqqfu l-Uffiċċju ta' l-Avukat tat-Tfal, il-Qorti tal-Familja, u l-Uffiċċju tal-Kummissarju għat-Tfal. Tkellmet ukoll fuq il-ħsieb li Malta jkollha Liġi tat-Tfal li tkun tiġbor fiha il-liġijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mat-tfal, u li ssaħħaħ ir-regolamenti

esistenti. Abbozz ta' din il-Liġi kien diġa f'idejn il-Ministeru tal-Politika Soċjali, u saret riferenza għalih fir-rapporti ppreżentati lill-Kumitat għad-Drittijiet tat-Tfal tal-Ġnus Magħquda. Dan il Kumitat pero' kellu l-impressjoni illi l-abbozz kien diġa tqiegħed quddiem il-Kamra tar-Rappreżentanti u fir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-iStat Malti, il-Kumitat għamel aċċenn pożittiv dwar l-istess liġi.

Fil-fatt, minn dak semmiet l-Onorevoli D'Amato, kollox sar, ħlief il-Liġi tat-Tfal. Fl-2004, il-Kummissarju għat-Tfal iddiskutiet il-Liġi mal-Kunsill għat-Tfal u flimkien waslu għal konklużjoni illi din il-Liġi għandha titressaq bħala liġi waħda biex tindirizza l-problemi kollha tat-tfal f'Malta. Ir-raġunijiet ewlenija għalfejn il-Liġi tat-Tfal għandha titressaq bħala liġi waħda huma li:

- il-Liġi nkitbet bħala liġi waħda u għalkemm il-Liġi hija ġabra ta' liġijiet, kull ideja torbot fuq oħra, u ċerti provvedimenti jorbtu ma' xulxin;
- il-bżonn ta' ġabra waħda ta' liġijiet li jirrigwardjaw lit-tfal għandha żgur tirriżulta fi protezzjoni aħjar tat-tfal. Dan il-bżonn ilu jinħass partikolarment minn dawk in-nies li jaħdmu mat-tfal u li bħalissa jridu jfittxu f'diversi liġijiet li jirreferu għat-tfal;
- il-Liġi tat-Tfal hija verament fl-aħjar interess tat-tfal għaliex tagħti għarfien ta' kemm is-soċjetà tagħna lesta li tagħti importanza lit-tfal.

Biex dan iseħħ hemm bżonn li l-Liġi tiġi riveduta minħabba li l-abbozz inkiteb 5 snin ilu.

Il-Kummissarju u l-Kunsill għarfu ukoll li għad m'hemmx l-istrutturi kollha meħtieġa mil-Liġi, u allura huma pproponew li dawk is-sezzjonijiet tal-Liġi li għalihom għad iridu jitwaqqfu strutturi jistgħu jidħlu fis-seħħ f'dati differenti mill-bqija tal-Liġi.

Kif hemm miktub fir-rapport ta' l-ewwel sena ta' ħidma tal-Kunsill għat-Tfal, il-Kummissarju, flimkien ma' delegazzjoni mill-Kunsill, kellha laqgħa mal-Ministru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali fejn ġiet diskussa l-Liġi tat-Tfal u spjegat il-pożizzjoni tal-Kummissarju u tal-Kunsill.

Il-pożizzjoni tal-Ministru hija li l-Liġi tat-Tfal m'għandiex titressaq fil-Parlament bħala ġabra sħiħa ta' liġijiet, iżda kull liġi titressaq għaliha. Fil-fatt, bħalissa qed tiġi mfassla l-liġi li tirregola l-fostering, li hija waħda mill-partijiet fl-abbozz tal-Liġi tat-Tfal.

Hi ħaġa pożittiva li dalwaqt ser titlesta il-liġi tal-fostering, imma l-bżonn ta' Liġi komprensiva li tindirizza l-problemi kollha tat-tfal Maltin, jibqa' hemm, u għalhekk li l-Kummissarju tibqa' żżomm din il-pożizzjoni.

# b. It-tfal u ż-żgħażagħ immigranti

F'dan l-aħħar xahar il-gvern ressaq għad-diskussjoni l-politika li qed jipproponi f'dan il-qasam: 'Il-Politika tal-Gvern dwar l-Immigranti Irregolari, Refuġjati u Integrazzjoni.' Fil-fatt, din it-taqsima inkitbet fil-kuntest ta' dawn il-proposti Governattivi. Għaldaqstant, nittama li l-politika nazzjonali li finalment ser jaddotta l-Gvern tieħu in konsiderazzjoni dawn ir-rakkomandazzjonijet.

## 3b.1 Is-sitwazzjoni preżenti, u l-iżviluppi li saru f'dan il-qasam

### 3b.1.1 Minuri mhux akkumpanjati mill-familja tagħhom (Unaccompanied Minors)

Immigranti li huma minuri separati mill-familji tagħhom huma partikolarment vulnerabbli. Huma iżjed suxxettibbli għall-mard u 'injury' minn immigranti adulti. Ċertament huma neqsin minn protezzjoni fiżika, u minn sapport psikoloġiku u emozzjonali. Kemm il-vjaġġ u l-ħajja ta' kuljum isibuha iebsa ħafna.

Fost ir-raġunijiet partikolari għalfejn tfal u żgħażagħ mhux akkumpanjati jaħarbu minn pajjiżhom hemm it-traffikar ta' persuni, sfurzar biex jaħdmu minn età żgħira, sfurzar biex jingħaqdu mal-militar tal-pajjiż jew gruppi armati u anke skjavitu. Persuni minuri li jkunu għaddew minn dawn l-esperjenzi jista' jkollhom trawma u għalhekk jinħtieġu kura u ħarsien speċjali.

Mal-wasla tagħhom Malta huma jkollhom jaffrontaw waħedhom il-proċess ta' asil li għalihom, ħafna drabi, jkun kumpless wisq biex jifhmuh. Il-maġġor parti tal-minuri mhux akkumpanjati li waslu Malta kienu żgħażagħ bejn l-14 u 17-il sena. Il-kundizzjonijiet fiċ-ċentri ta' detenzjoni mhumiex tajbin u ħafna drabi ma jkollhomx aċċess għal ikel xieraq, edukazzjoni u għas-servizzi tas-saħħa. Huma jkunu akkomodati flimkien ma' immigranti adulti, u f'ċerti ċentri ma' sessi

differenti fl-istess kamra jew tinda. Tajjeb li wieħed isemmi li tfajliet minuri mhux akkumpanjati jkunu partikolarment vulnerabbli għal esplojtazzjoni sesswali u abbuż. Il-vittmi, speċjalment meta jkunu għadhom minuri, jħossu li m'għandhomx għażla u jkollhom joqgħodu għal abbuż.

F'din l-aħħar sena huma kienu qed iqattgħu minn xahar sa sitt xhur fid-detenzjoni. It-tul tal-perjodu jiddependi prinċipalment minn tlett fatturi:

1. mill-każ individwali,
2. minn meta ssir l-intervista għal verifikazzjoni ta' l-età,
3. minn jekk ikunx hemm post Dar is-Sliem.

Il-minuri jiġu mogħtija l-formola ta' PQ (Preliminary Questionnaire) għall-Uffiċċju tar-Refuġjati bħall-immigranti l-oħra. Il-formola tikkonsisti f'diversi mistoqijiet bażiċi bħall-isem, il-kunjom, in-nazzjonjalità, isem il-ġenituri, ir-raġunijiet għalfejn telqu minn pajjiżhom kif ukoll l-età. Il-formola tingħata wara ftit żmien lill-immigranti mis-suldati jew pulizija, u wara li timtela, tintbagħat lill-Uffiċċju tal-Kummissarju għar-Refuġjati.

Il-formola hija bl-Ingliż, u m'hemm ħadd li jfiehem lill-immigranti din il-formola għal xiex isservi u/jew jgħinhom jimlewha. Ħafna drabi huma l-immigranti li diġa' għaddew xi żmien fiċ-ċentru ta' detenzjoni stess li jgħinhom jimlewha. Ta' sikwit, din l-istess għajnuna tiswa' agħar minħabba li jingħataw pariri ħżiena u ġieli jitniżżlu ineżattezzi fuq il-PQ li mbagħad jiġu interpretati bħala gideb u xhieda tan-nuqqas ta' affidabilità tal-minuri!

Meta l-Kummissarju tar-Rifuġjati jirċievi PQ, li titqies ukoll applikazzjoni għall-asil minn persuna li tgħid li għandha inqas minn 18-il sena, huwa jirreferiha lill-awtoritajiet tal-Gvern. Dawn jintervistaw lill-applikant bil-għan li jistabilixxu l-età tagħha.

S'Awissu 2004 l-intervisti kienu jsiru minn social workers tad-Dipartiment tal-Ħarsien tal-Familja. Dawn l-uffiċjali kienu jagħmlu intervista intensiva lil persuna, jiktbu rapport u jirrikkmandaw jekk il-Ministru għandhiex tieħdu taħt il-ħarsien tagħha (care order). F'Awissu 2004 l-intervisti bdew isiru minn social workers tas-Servizzi għar-Refuġjati ta' l-APPOĠĠ. L-intervista baqgħet issir bl-istess mod, bid-differenza li kienu jsiru numru ta' intervisti ikbar anke bl-għajnuna ta' uffiċjali oħra. Għalhekk, fl-ewwel intervista, tlett uffiċjali kienu jmorru u flimkien jiddeterminaw jekk il-minuri għandux inqas minn 18-il sena. It-tieni intervista kienet issir ma' social worker. Din kienet tkun aktar intensiva u fiha l-immigrant jiġi mistoqsi jirrakkonta l-istorja personali tiegħu, dejjem bl-għan li wieħed jiddetermina l-età tiegħu. It-tielet intervista kienet issir biss jekk l-uffiċjal ta' l-APPOĠĠ iħoss li għad hemm xi informazzjoni nieqsa jew xi informazzjoni li trid tiġi ċċarata.

Il-fatt li din il-verifikazzjoni qed issir minn persuni b'taħriġ soċjali professjonali hija importanti, prtikolarment għâx il-persuni intervistati huma minuri.

Dar is-Sliem hija żvilupp importanti ħafna li juri li l-Gvern mhux biss għaraf il-vulnerabilità tat-tfal u żgħażagħ mhux akkumpanjati, imma waqqaf faċilità residenzjali biex taqdi l-bżonnijiet partikolari ta' dan il-grupp. Dan il-proġett huwa iffinanzjat kompletament mill-gvern u jidher biċ-ċar li l-għażla tal-Ministeru kien li joffri servizz mill-aħjar lil minuri mhux akkumpanjati. L-istandard milħuq f'Dar is-Sliem kien mfaħħar mir-rappreżentanti tal-UNHCR.

Dar is-Sliem mhix sempliċement forma ta' akkomodazzjoni, imma taqdi ukoll il-bżonnijiet kulturali u tgħin liż-żgħażagħ fl-iżvilupp ħolistiku tagħhom. Dar is-Sliem bħalissa tikkonsisti f'żewġt idjar li bejniethom jistgħu jakkomodaw 60 immigrant minuri. Darba fil-ġimgħa tabib iżur Dar is-Sliem u ż-żgħażagħ ikunu akkumpanjati regolarment għal follow-up ta' appuntamenti mediċi l-isptar jew iċ-Ċentri tas-Saħħa.

Meta immigrant jagħlaq 18-il sena huwa ma jibqax taħt il-protezzjoni tal-Ministru tal-Familja permezz ta' l-ordni tal-ħarsien (care order). Dan ifisser li meta ż-żgħażagħ ta' Dar is-Sliem jagħlqu 18-il sena, jitlfu l-protezzjoni u jiġu trasferiti ma' adulti f'ċentri miftuħa jew djar oħra. Huma jkollhom jgħixu b'mod indipendenti kif ukoll imantnu lilhom infushom, mingħajr l-ebda struttura ta' APPOĠĠ. Jekk huma jingħataw stat ta' rifuġjat jew protezzjoni umanitarja, ikollhom permess għax-xogħol, imma sakemm l-applikazzjoni tagħhom għall-asil tkun qed tiġi kkunsidrata, jew jekk l-applikazzjoni tagħhom għall-asil ma tiġix aċċettata huma ma jkollhomx permess għax-xogħol. Dan qed jaffettwa b'mod ħażin l-iżvilupp sħiħ u psiko-soċjali tar-residenti ta' Dar is-Sliem, u iħossu aktar in-nuqqas ta' sigurta' tas-sitwazzjoni tagħhom.

Huwa fatt inkwetanti li ftit li xejn insibu żgħażagħ li qed jistudjaw. Kif ukoll nkwetanti li dawk il-ftit li kienu bdew xi forma ta' studju jew taħriġ, ma komplewx. Għal dawn iż-żgħażagħ is-sistema edukattiva f'Malta mhix addattata għax ħafna minnhom jew ma kellhomx esperjenza ta' edukazzjoni formali jew, jekk kellhom, din kienet differenti ħafna mis-sistema ewropea li nħaddnu f'Malta.

Minuri mhux akkumpanjati japplikaw għal asil wara li ssirilhom l-intervista għal verifikazzjoni ta' l-età. F'dan il-proċess tfal u żgħażagħ taħt l-età ikunu żvantaġġati minħabba l-età għax huma jkunu anqas kapaċi jew tkun iżjed diffiċli għalihom li jġibu provi kredibbli għall-ħarba tagħhom u għal identifikazzjoni tagħhom. Ikun hemm drabi ukoll fejn id-deċiżjoni biex jaħarbu mill-pajjiż l-anqas ikunu ħaduha huma stess imma tkun ħaditha l-familja tagħhom – u għalhekk ir-raġunijiet għal ħarba tagħhom jkunu anqas ċari għalihom stess!

### 3b.1.2 Minuri akkumpanjati

Minuri akkumpanjati minn membri tal-familja tagħhom, ukoll jigu detenuti mal-wasla tagħhom. L-etajiet ta' minuri akkumpanjati li waslu Malta tul dawn l-aħħar snin ivarja minn trabi li għadhom

kif twieldu ghal żgħażagħ ta' 17-il sena. Ghalhekk l-effett tad-diffikulatijiet li jsibu ruħhom fihom ikun differenti. Il-politika eżistenti hija li kull immigrant li jidħol f'Malta b'mod irregolari jiġi detenut irrispettivament mill-età tiegħu. Fejn ikun hemm minuri akkumpanjati, is-sena li għaddiet il-Kummissarju tar-Rifuġjati kien jaghti prijorita lill-familji li jkollhom tfal taħt l-età. Għalkemm fl-aħħar sena sar ħafna progress fl-ipproċessar ta' l-identifikazzjoni tal-familji ta' dawn il-minuri sabiex jinħelsu fi żmien iqsar, xorta waħda l-medja ta' l-2004 tibqa' ta' xi 8 ġimgħat fiċ-ċentri ta' detenzjoni (minħabba id-dewmien fl-ewwel xhur tas-sena). Mill-aħħar informazzjoni li għandna jidher li din il-medja ser tonqos sew, għax is-sistema fl-aħħar xhur ta' l-2004 bdiet taħdem b'mod iżjed effiċjenti.

Nisa tqal jinżammu fiċ-ċentri ta' detenzjoni sakemm l-applikazzjoni għall-asil tagħhom tiġi proċessata. Il-Kummissarju għar-Rifuġjati kien qed jagħmel mezz li jħaffef il-proċess ta' l-applikazzjoni għall-asil.

Nisa tqal, trabi u tfal żgħar għandhom diversi bżonnijiet partikolari li ma jiġux milħuqa fiċ-ċentri tad-detenzjoni, bħal ikel adattat, faċilitajiet sanitarji, indafa, kif ukoll il-fatt li ċ-ċentri ta' detenzjoni huma mmexxija mill-Armata u l-Pulizija.

Tfal u żgħażagħ li huma akkumpanjati mill-familja li applikaw għall-asil, jew ingħataw protezzjoni umanitarja, jew stat ta' refuġjat għandhom dritt għall-edukazzjoni u taħriġ statali. Fis-sena 2004 il-Ministeru ghall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali flimkien ma' l-NGO FORUM (li twaqqaf mill-istess Ministeru) ddiskuta u ħareġ bi strateġija sabiex jiżgura li t-tfal ta' persuni li qed ifittxu l-asil jidħlu fl-iskejjel. Din is-sistema ħadmet tajjeb u filfatt dawn it-tfal bdew jattendu l-iskola. It-tfal ingħataw l-uniformijiet, il-kotba meħtieġa u affarijiet oħra ta' bżonn b'donazzjoni mill-NGOs, mill-APPOĠĠ u mill-iskejjel ta' l-istat stess.

It-tfal u żgħażagħ minuri għandhom ukoll dritt ghal servizz u kura medika statali. Filfatt huma meta jaslu Malta huma jagħmlu testijiet mediċi u dawk it-tfal u żgħażagħ li jkollhom bżonn jingħataw servizzi tas-saħħa b'xejn. Il-Ministeru ghall-Familja u s-Solidarjetà irranġa mal-Kulleġġ Malti tat-Tobba li qed jipprovdu numru ta' tobba li jaghmlu vizti Dar il-Kenn f'Ħal Balzan u iċ-ċentru Miftuħ ta' ħal Far. It-tfal ul-familji tagħom huma ukoll offruti trattament mediku b'xejn mill-ċentri tas-saħħa tal-gvern.

Familji li jiġu meħlusa jiġu inizjalment akkommodati fiċ-ċentru miftuħ ta' Ħal Far u fil-Barracks ta' Lyster. Dawn mhumiex postijiet addattati speċjalment għal tfal żgħar, kemm minħabba r-riżorsi minimi li hemm, il-lokalità u l-iffullar. Filfatt familji jingħataw prijorità ghal akkommodazzjoni f'ċentri u residenzi oħra mmexxija minn Dar l-Emigranti u mill-Laboratorju tal-Paċi. Il-faċilità tal-Bon Pasteur ta' ħal Balzan hija mexxija minn Dar l-Emigrant u l-gvern jipprovdi coverage ghal 24 siegħa biex jiżgura s-sigurta tar-residenti u tal-premises. Il-gvern ta il-kontribut finanzjarju tiegħu ghal dan il-proġett.

L-aktar żviluppi li kellna matul l-aħħar sena kienu l-aktar marbuta mal-welfare tat-tfal u żgħażagħ immigranti wara Ġunju 2004 meta l- Ministeru ghall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali kienet inkarigata minn dan il-qasam. żviluppi posittivi oħra ta' min wieħed isemmi huma:

It-twaqqif tas-Servizz tar-Refuġjati fi ħdan l-APPOĠĠ, li bħala parti mill-ħidma tieghu di is-sena inkluda 73 ordni tal-ħarsien (f'sitt xhur), u ħa ħsieb jagħmel l-arranġamenti neċessarji biex jiġu akkommodati tfal, żgħażagħ u l-familji tagħhom.

L-APPOĠĠ u l-NGO Forum qablu li tfal akkumpanjati ghandhom jgħaddu l-btajjel tal-Milied mal-familji tagħhom u fejn ikun hemm familji Maltin li jistiednu lit-tfal ghandhom ghal Milied, wieħed għandu jinkoraġġixxi stedina lill-familja kollha.

L-APPOĠĠ u l-NGO Forum qablu ukoll li tfal u żgħażagħ li jiġu 'fostered' ghadhom jghaddu mill-proceduri li jgħaddu minnhom tfal Maltin. Għalkemm tfal ta' persuni li qed ifittxu l-asil qatt m'għandhom jittieħdu mill-familji naturali tagħhom ħlief jekk dan ma jkunx fl-aħjar interess tat-tfal

Il-Ministeru għall-Familja u s-Solidarjetà Soċjali waqqaf working group li qed jifformola l-politika tal-Ministeru fuq il-minuri mhux akkumpanjati.

Il-Forum ta' l-NGOs, flimkien ma' l-APPOĠĠ, qed jaħdmu fuq leaflet ta' informazzjoni għal ġenituri ta' minuri akkumpanjati biex ikunu nfurmati fuq is-servizzi tas-saħħa, l-edukazzjoni u l-kura ġenerali tat-tfal.

Fil-Konferenza Nazzjonali fi Frar 2005, it-tfal u ż-żgħażagħ (akkumpanjati u mhux akkumpanjati) kienu parti mid-diskussjoni.

## 3b.2 Reazzjonijiet tal-Kummissarju għat-Tfal għad-dokument 'Il-Politika tal-Gvern dwar l-Immigranti Irregolari, Refuġjati u Integrazzjoni'

- Id-detenzjoni ta' minuri anke għal perjodu minimu jmur kontra id-drittijiet tat-tfal u żgħażagħ ta' taħt 18-il sena.
- Il-proċeduri u s-servizzi għandhom ikunu kollha b'mod li l-minuri jħossuhom komdi (child/youth-friendly)

- Eżamijiet xjentifiċi ta' verifika ta' l-età li huma użati f'xi pajjiżi oħra ġew ikkritikati għax il-marġini ta' żball tagħhom huwa wisq wiesgħa biex ikun ġust. Ukoll il-fatt li dawn l-eżamijiet jużaw l-x-ray hija ta' ħsara minħabba l-konsegwenzi negattivi tar-raġġi.

- Meta l-immigranti jaslu Malta għandhom bżonn ta' persuni mħarrġa apposta biex jittrattaw ma' tfal u żgħażagħ b'diffikulatjiet, fuq komunikazzjoni interkulturali, u fuq id-drittijiet tagħhom. Dawn għandhom jispjegawlhom id-drittijiet tagħhom b'mod ċar u adattat għall-età tagħhom.

- Sabiex l-aħjar interessi tal-minuri mhux akkumpanjati jiġu mħarsa, huma jridu jkunu assistiti adegwatament minn social worker li jakkumpanjahom f'kull stadju tal-proċess ta' l-asil. B'hekk huma jkollhom għajnuna meta qed japplikaw, jinżammu infurmati bl-istat ta' l-applikazzjoni tagħhom, u l-istess social worker tkun ta' APPOĠĠ għalihom.

- Il-minuri stess għandu jiġi mismugħ u jitħalla jipparteċipa meta jkunu ser jittieħdu deċiżjonijiet li jaffettwaw lilu, u biex jinstab verament l-aħjar interess tiegħu.

- Għalkemm il-proċeduri amministrattivi biex jiġu idenfikati u rilaxxati minuri jeżistu, dawn m'għandhomx jiddeterminaw il-perjodu ta' detenzjoni mingħajr ma jiġi stabbilit perjodu massimu li persuna minuri tista' tinżamm fiċ-ċentri ta' detenzjoni.

- Social workers' contact person li jkomplu jieħdu ħsiebhom bejn l-età ta' 18 u 21 sena.

- Għandhom jitwaqqfu strutturi b'nies mħarrġa apposta li jinħatru bħala tutur legali għal minuri li qegħdin taħt ordni tal-ħarsien. Sa ftit ta' żmien ilu kienet għaqda mhux governattiva li kienet ħadet dan l-inkarigu, u assumiet l-ispejjes hi.

- Għandha ssir riċerka u monitoring tas-sitwazzjoni ta' dawn il-minuri kemm biex jgħin fit-tfassil tal-policies, kif ukoll għax huma f'riskju doppju ta' poverta' u eskluzjoni soċjali u ġejjin minn sistemi soċjali u edukattivi differenti.

- Għandha ssir b'mod regolari evalwazzjoni tas-servizzi offruti lil dawn il-minuri, bil-parteċipazzjoni tagħhom.

- Il-kuntatt mal-familja għat-tfal u ż-żgħażagħ huwa mportanti għall-aħjar tagħhom. Il-politika għandha tagħraf dan il-bżonn biex it-tfal u ż-żgħażagħ jiġu megħjuna jistabilixxu u jżommu kuntatt mal-familja tagħhom

[Ara Dok. E]

# 4.

**Reazzjonijiet**
li saru
**lill-Uffiċċju**
**tal-Kummissarju**
skond l-att
dwar
il-Kummissarju
għat-Tfal



# 4. **Reazzjonijiet** li saru **lill-Uffiċċju tal-Kummissarju** skond l-Att dwar il-Kummissarju għat-Tfal

Fil-messaġġ tiegħi fil-bidu ta' dan ir-rapport, semmejt illi l-kariga tal-Kummissarju għat-Tfal trid iż-żmien biex tindara u tinftiehem. Kien għalhekk illi rċevejt diversi reazzjonijiet matul din is-sena, illi ġew indirizzati lili għaliex in-nies ma kienux jafu fejn imorru, jew għaliex ma kienx għad fadlilhom fejn imorru.

F'xi ċirkustanzi, per eżempju, ġejt mitluba illi nikteb rapporti jew niġbor u nagħti statistika, illi hawn diversi entitajiet oħra illi għandhom min jagħmel dan ix-xogħol.

Il-kuntatti ma' l-Uffiċċju f'dak li għandu x'jaqsam ma' ilmenti dwar allegat ksur tad-drittijiet tat-tfal ma naqsux. Meta dħalt għall-ewwel ġurnata xogħol fit-2 ta' Jannar 2004, sibt żewġ każi jistennewni. Kienu lmenti dwar dewmien esaġerat fil-qorti ta' kawża ta' abbuż sesswali fuq minuri, u dwar aċċess għat-tfal f'kawża ta' separazzjoni. It-tnejn kienu, u għadhom il-qorti, u għalhekk ftit li xejn stajt nagħmel dwarhom direttament.

Kienu però dawn iż-żewġ każi li fetħuli għajnejja għall-problemi enormi li jinħolqu meta kawżi fejn hemm il-minuri nvoluti, idumu l-qorti, u meta fl-aċċess li jingħata lill-ġenituri għat-tfal tagħhom jiġi kkunsidrat aktar d-dritt tal-ġenituri illi jaraw lit-tfal, milli d-dritt tat-tfal li jaraw lill-ġenituri.

Bis-saħħa ta' l-insistenza ta' min ippreżentali l-ewwel każ, tax-xogħol li għamilt indirettament fuq każijiet simili, u tal-kunsiderazzjoni tal-Prim Imħallef, illum għandna Maġistrata illi minn Novembru li għadda ġiet mitluba tieħu biss il-każijiet ta' abbuż fuq minuri u li għal dan ser ikollha taħriġ speċjali kif jixraq.

Daħlu b'kollox 82 ilment jew talba għall-għajnuna, u kull wieħed fetaħli għajnejja għal xenarji ġodda fil-ħajja tat-tfal f'Malta llum. Id-domanda għall-għajnuna u x-xogħol li kull rikjesta ġġenerat kien wieħed sostanzjali. Dan ħa ħafna mill-ħin tiegħi partikolarment meta wieħed jikkunsidra li meta nħtart ġejt mitluba nagħmel dan ix-xogħol fuq bażi 'part-time'. Minħabba dan, jiena tlabt għal-'Case Officer' biex ikun jista' jaħdem miegħi fuq kull każ ħalli ma nibdiex naqa' lura fl-għoti ta' għajnuna illi tiġi mitluba, u li huwa kompitu tiegħi skond il-Liġi. Sfortunatament, għal raġunijiet illi semmejt fil-messaġġ tal-ftuħ, dan ma kienx possibbli li jingħata.

Hawn taħt issegwi l-lista ta' talbiet għall-għajnuna illi waslu fl-Uffiċċju matul l-2004:

| | | Kwantità |
|---|---|---|
| Abbuż fuq it-tfal | | 8 |
| Każijiet tal-Qorti – dewmien u problemi relatati | | 38 |
| Talba għall-għajnuna: ġparirħ – ġenerali | | 1 |
| Sigurtà soċjali | | 2 |
| Djar | | 1 |
| Talba biex titneħħa 'Ordni tal-ħarsien' | | 2 |
| Fostering | | 1 |
| Familji li telaqhom ir-raġel, missier | | 1 |
| Diffikultajiet relatati ma l-Edukazzjoni: | | 7 |
| Ilmenti oħra: | Bullying | 6 |
| | Imġieba anti-soċjali | 3 |
| Traskuraġni minn Professjonisti | | 1 |
| 'Puppet Show' mhux addattat għat-tfal | | 1 |
| Rivista indiċenti esposta fuq xkaffa ta' ħanut b'affarijiet aċċessibli għat-tfal | | 1 |
| Proċeduri tal-Pulizija | | 1 |
| L-Istampa u t-tfal | | 1 |
| Sigaretti mibjugħin lit-tfal | | 1 |
| Trasport ta' l-iskola | | 1 |
| Nuqqas ta' spazju, u periklu f'postijiet ta' rikrejazzjoni għat-tfal | | 2 |
| Talba għal rikonoxximent ta' tfal tajbin ħafna fl-iskola | | 1 |
| Problemi konnessi ma' nanna mhux Maltija | | 1 |
| Rigal tal-Milied mhux adattatt mill-iskola għall-istudenti | | 1 |
| **Total:** | | **82** |

# Referenzi


- APPOĠĠ Biennual Report, 2003 – 2004
- Care system for Children in Residential and Foster Care, Report by the Director of Family Welfare Annual Report, March 2004
- Childcare Guidelines Proposal, Ministry for the Family and Social Solidarity, 2004
- Children in Residential and Foster Care, Report to the Director of Family Welfare, 2004
- Children's Rights in the EU – A Call for Action, Save the Children, 2002
- Child Immigration Project: Final Report, Fondazione Censis – Centro Studi Investimenti Sociali, 2001
- Concluding observations of the Committee on the Rights of the Child: Malta, United Nations Committee on the Rights of the Child, 24th Session, 2000
- Diskors ta' Mr Michael Bonello, Gvernatur tal-Bank Centrali, etc…
- KNPD Annual Report, 2004
- Kurrikulu Minimu Nazzjonali, Ministeru ghall-Edukazzjoni, Dicembru 1999
- Il-Politika tal-Gvern dwar l-Immigranti Irregolari, Refuġjati u Integrazzjoni, Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern u Ministeru ghall-Familja u s-Solidarjetċ Socjali, Jannar 2005
- Matsec Annual Report, 2004
- National Action Plan on Poverty and Social Inclusion, 2004
- Poverty in Malta, Kummissjoni Nazzjonali Family, 2004
- Rapport tal-PSD, Ministeru ta' l-Edukazzjoni, Żgħażagh u Impjiegi, 2004
- Sec Annual Report, 2004
- Statistika dwar iż-Żghażagħ u d-Droga, Sedqa, 2003-2004
- UNHCR revised guidelines on applicable criteria and standards relating to the detention of asylum seekers, Feb 1999
- United Nations Convention on the Rights of the Child

# Appendiċi

## Dokument **A**

20 ta' Novembru 2004

### Preżentazzjoni tal-Logo tal-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004

Jiena Francesca Bezzina li għandi 14-il sena. Dan il-Logo pinġejtu biex jirrappreżenta x-xogħol tal-Kummissarju għat-Tfal. Jien qbadt xi punti importanti mix-xogħol tagħha u daħħalthom fil-Logo.

Użajt ħafna kuluri differenti f'daqqa għax it-tfal u ż-żgħażagħ huma attratti lejn taħlita ta' kuluri. Għalhekk il-logo huwa iżjed interessanti għat-tfal u ż-żgħażagħ. Il-kuluri differenti ifissru ukoll li t-tfal u żgħażagħ kollha għandhom d-drittijiet hi x'inhi s-sitwazzjoni tagħhom. Per eżempju min għandu ġenituri u min m'għandux, min hu sinjur u min hu fqir, fost oħrajn.

Wieħed mill-figuri għamiltu b'idejh twal biex nuri kemm huwa importanti li t-tfal b'diżabilità nittrattawhom bħal tfal oħra. Filfatt il-figura qiegħed ma' l-oħrajn u mhux għalih waħdu. Id-diversità hija importanti għax aħna ngħixu f'dinja waħda u kulħadd jiġi bżonn lil xulxin.

Iċ-ċirku, li huwa bla trufijiet, juri li bejn it-tfal għandu jkun hemm imħabba li ma tispiċċa qatt. Għalhekk huwa tajjeb li aħna t-tfal u ż-żgħażagħ nirrispettaw lil xulxin, ngħinu lil xulxin, ma niġġieldux bejnietna, naqbżu għal xulxin u b'hekk inkunu magħqudin.

L-isfumatura tirrappreżenta l-imħabba għax it-tfal u ż-żgħażagħ kollha għandhom bżonn l-imħabba u li jħobbu lil xulxin. Ukoll, l-isfumaturi ġbidthom lejn in-nofs biex nuri li kulħadd għandu jaqsam l-imħabba u l-affarijiet tiegħu ma' l-oħrajn.

Ħafna drabi l-ġenituri jew min ikun qed jieħu ħsieb lit-tfal u ż-żgħażagħ, jagħmlu sagrifiċċji għat-tfal għax iħobbuhom. U għalhekk hemm l-ispazju abjad bejn l-isfumaturi.

Il-Kummissarju għat-Tfal jara li d-drittijiet tat-tfal ma jinkisrux. Dawn id-drittijiet qegħdin jgħinu lilna t-tfal u ż-żgħażagħ biex ngħixu ħajja aħjar.

Francesca Bezzina, 14

# Dokument **B**

20 ta' Novembru 2004

## Messaġġ tal-Kummissarju għat-Tfal għall-Jum Dinji tat-Tfal 2004

Kien 15-il sena ilu fl-20 ta' Novembru 1989 li ġiet adottata il-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal. Malta ffirmat u rratifikat fl-1990. Minn dak iż-żmien ingħaqdu il-pajjiżi kollha tad-dinja, barra tnejn.

Din il-Konvenzjoni hija importanti ħafna għalina għax tirrikonoxxi b'iżjed qawwa li t-tfal u żgħażagħ għandhom dritt għall-provizjonijiet bażiċi għal ħajjithom u għall-iżvilupp tagħhom, kif ukoll għandhom dritt għal protezzjoni speċjali. Il-Konvenzjoni tirrikonoxxi li t-tfal u ż-żgħażagħ għandhom ħafna x'jagħtu lis-soċjetà.

Malta mxiet ħafna 'l quddiem fejn jidħlu d-drittijiet tat-tfal u s-servizzi li huma offruti lit-tfal. Din is-sena kienet waħda speċjali għat-tfal Maltin: Għaddiet il-liġi li biha llum għandna Kummissarju għat-Tfal biex jippromwovi u jara li jiġu mħarsa d-drittijiet tat-tfal; ġew eletti tfal għall-ewwel darba fuq il-Kunsill għat-Tfal fejn leħinhom jista' tassew jiġi mismugħ u jistgħu jagħtu kontribut lejn deċiżjonijiet nazzjonali li jirrigwardaw it-tfal; ġie maħtur maġistrat biex jara speċifikament każijiet ta' abbuż tat-tfal li ilhom pendenti l-qorti; daħal il-video conferencing fil-qrati biex t-tfal jiġu mismugħa mingħajr ma jiġu esposti għall-awli tal-qorti; tneħħa t-tipjip minn ħafna postijiet li huma jżuru; ngħataw aktar social workers lill-qasam tal-Fostering, u baqgħu jiżdiedu l-opportunitajiet għalihom fil qasam tal-edukazzjoni.

Fl-istess ħin nixtieq nieħu l-okkażjoni ta' dan il-Jum speċjali u nsemmi xi punti li naħseb għandhom jiġu ndirizzati aħjar fl-aħjar interess tat-tfal u żgħażagħ.

1. Hawn ħafna tfal li qed ibatu minħabba dewmien fil-Qorti tal–Familja. Hawnhekk hawn bżonn urġenti li jkun hemm aktar minn Imħallef wieħed.

2. Nixtieq nitlob li l-proposti eżistenti għal Liġi tat-Tfal jibdew jiġu diskussi formalment bl-iskop li dan il-qasam jiġi rikonoxxut kif jixraqlu.

3. Nħoss li hemm bżonn ta' tishieħ fis-servizzi li qed jingħataw lit-tfal fil-bżonn ta' protezzjoni u kura. Tfal li għaddew minn trawmi ma jistgħux jitpoġġew fuq waiting lists, waqt li t-tfal u ż-żgħażagħ li għandhom xi challenging behaviour għandhom bżonn aktar għajnuna terapewtika u professjonali milli

għandhom aċċess għaliha llum. Dan sew fl-interess tagħhom, kif ukoll tal-familji, skejjel u istituzzjonijiet li jgħixu fihom.

4. Wasal iż-żmien ukoll li naraw mill-qrib, jekk dak li ħafna mit-tfal tagħna qed jitgħallmu fl-iskejjel hux qed jqajjem fihom ħerqa għat-tagħlim, u jippreparahom tassew għall-ħajja. F'dinja fejn il-mezzi tax-xandir tant jinfluenzaw dak li nagħmlu, l-uniċi tfal li qed jiġu ppreparati għal dan il-fenomenu huma tfal f'numru żgħir ta' skejjel li għandhom media education. L-oħrajn m'għandhom l-ebda tip ta' protezzjoni f'dan il-qasam.

Għall-Jum Dinji tat-Tfal, l-Uffiċċju tiegħi organiżża u ħeġġeġ attivitajiet varji fl-iskejjel, fil-Parroċċi, fl-għaqdiet u fil-Kunsilli Lokali. Waħda min dawn l-attivitajiet kienet ukoll kompetizzjoni għall-Logo tal-Kummissarju għat-Tfal li ġie ddisinjat minn żgħażugħa u magħżul minn tfal u żgħażagħ stess. Illum magħna għandna lir-rebbieħa, Francesca Bezzina, li ser tispjegalna l-ħsieb wara dan il-Logo.

Fl-ispirtu ta' din l-okkażjoni, nixtieq nappella lit-tfal u ż-żgħażagħ kollha biex jingħaqdu magħna għall-Mixja tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-11 ta' Diċembru 2004. Niltaqgħu fl-10:30am fejn Kristu Re, il-Furjana.

Sonia Camilleri
Kummissarju għat-Tfal.

---

L-MP3/radio player li ġie preżentat lil Francesca Bezzina kien ġentilment moghti minn STV Electonics.

# Dokument Ċi

## Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004 għall-iskejjel Sekondarji

Malta

**Kummissarju għat-Tfal**
Commissioner for Children

**Messaġġ mis-Sinjura Sonia Camilleri,**
**Kummissarju għat-Tfal**
**fl-okkażjoni**
**tal-Jum Dinji tat-Tfal**

Il-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2004

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL,
PALAZZO FERRERIA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA
TELEPHONE: (356) 2590.3105; FAX: (356) 2590.3101

**Għeżież Studenti,**

Għada, 20 ta' Novembru, huwa l-Jum Dinji tat-Tfal.

Bħala tfal u żgħażagħ intom għandkom id-drittijiet tagħkom. Il-Jum Dinji tat-Tfal huwa propju fuq hekk. Biex tgawdu dawn id-drittijiet tajjeb li tkunu tafu sewwa x'inhuma.

Nistgħu niġbru dawn id-dritijiet f'erba' gruppi:

1 It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom id-dritt għall- affarijiet basiċi tal-ħajja, bħalma hu d-dritt tal-ħajja nnifisha, dritt għal familja, għall-imħabba, għall-ikel, għal dar, għall-ilbies, għal kura medika.

2 It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom dritt għal protezzjoni minn kull abbuż, anki dak tal-mezzi tax-xandir.

3 It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom id-dritt li jiżviluppaw l-intelliġenza tagħhom, il-personalità u t-talenti tagħhom. Għalhekk għandkom dritt għall-edukazzjoni u għall-mistrieħ.

4 It-tfal u ż-żgħażagħ għandhom id-dritt li jitkellmu dwar dak li għandu x'jaqsam magħhom, u li l-opinjonijiet tagħhom għandhom jiġu mismugħa u apprezzati. Dan jissejjaħ d-dritt għall-parteċipazzjoni.

Għaliex huma importanti dawn id-drittijiet?

Hija ħaġa magħrufa illi fejn ikun hemm ir-rispett għad-drittijiet u d-dinjita' tal-bnedmin kollha, ikun hemm il-post għall-ġustizzja, liberta' u paċi vera fid-dinja. Naf li din hija ħaġa li lkoll tixtiequ.

Irċevejna iżjed minn 600 disinn għall-kompetizzjoni tal-Logo li organiżżajna, u ħareġ ċar ħafna illi t-tfal u ż-żgħażagħ iridu l-paċi u ċ-ċans illi jgawdu s-sbuħija tad-dinja, speċjalment fin-natura. Intom dan tistgħu tgħinu biex iseħħ jekk taħdmu flimkien biex tirrispettaw d-drittijiet ta' xulxin. Dawn id-drittijiet huma tat-tfal kollha, u għalhekk jiena nistedinkom biex iżżommu moħħkom u qalbkom miftuħin għal tfal illi forsi mhumiex ħbieb tagħkom, jew li mhumiex parti mill-familja tagħkom.

Ikun inutli li nitkellmu fuq id-drittijiet jekk ma nqisux id-drittijiet ta' dawk kollha li hemm madwarna, u għalhekk huwa mportanti li nżommu f'moħħna r-responsabiltajiet tagħna meta nitkellmu fuq id-drittijiet.

Illum ser niċċelebraw din il-Jum b'kunċert illi ħafna minnkom ġejjin għalih. Fil-weekend mbagħad il-Kunsilli Lokali tagħkom u l-parroċċi ġew mistiedna jorganizzaw attivitajiet għalikom.

Għada, f'konferenza stampa, jien ser inħabbar id-disinn rebbieħ tal-Logo ta' l-Uffiċċju tiegħi u l-persuna żagħżugħa li pinġietu ser tagħti spjega tiegħu.

Nawguralkom weekend sabiħ, u nagħtikom l-isbaħ xewqat għall-Jum Dinji tat-Tfal!

## Sonia Camilleri

Kummissarju għat-Tfal

# Dokument Ċii

## Messaġġ mill-Kummissarju għat-Tfal fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tat-Tfal 2004 għall-iskejjel Primarji

Malta

Kummissarju għat-Tfal
Commissioner for Children

Messaġġ mis-Sinjura Sonia Camilleri,
Kummissarju għat-Tfal
fl-okkażjoni
tal-Jum Dinji tat-Tfal

Il-Ġimgħa, 19 ta' Novembru 2004

UFFIĊĊJU TAL-KUMMISSARJU GĦAT-TFAL,
PALAZZO FERRERIA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA
TELEPHONE: (356) 2590.3105; FAX: (356) 2590.3101

## Għeżież Studenti,

Għeżież Studenti,

Għada l-20 ta' Novembru huwa l-Jum Dinji tat-Tfal!

Huwa Jum speċjali għat-Tfal tad-dinja kollha għax 15-il sena ilu l-Ġnus Magħquda qalu lill-gvernijiet tad-dinja li huma jridu jieħdu ħsieb it-tfal tal-pajjiż tagħhom b'mod speċjali, u dan għax it-tfal huma speċjali.

It-tfal huma speċjali għax kull wieħed huwa uniku. Dan ifisser li ħadd minnkom m'huwa kopja ta' xi ħadd ieħor. Kull wieħed minnkom għandu kwalitajiet speċjali, talenti speċjali,sbuħija speċjali u ntelliġenza speċjali. M'hemm ħadd bħalek fid-dinja kollha.

Intom mhux biss speċjali, imma wkoll żgħar, u għalhekk għandkom bżonn persuni akbar minnkom bħal ġenituri, carers, tobba, għalliema u oħrajn biex jgħinukom issiru adulti speċjali.

Illum qed niċċelebraw din il-mixja sabiħa li intom qegħdin tgħixu ġurnata b'ġurnata.

Xi drabi ġieli jkun hemm xi nies kbar u anke tfal li jippruvaw iħassrulkom din l-avventura sabiħa tal-ħajja, billi jweġġgħukom, jinjorawkom jew ma jieħdux ħsiebkom.

Il-Jum Dinji tat-Tfal ifakkar lil dawn in-nies li intom għandkom id-dritt għall-imħabba u l-protezzjoni, u li hemm adulti li qed jaraw li dawn id-drittijiet tagħkom jiġu mħarsa.

Intom għandkom ħafna ideat u enerġija li tistgħu taqsmu ma l-oħrajn. Għamlu mill-aħjar li tistgħu biex intkom tkunu minn ta' l-ewwel biex tieħdu ħsieb ħajjitkom. It-tfal kollha huma speċjali u għalhekk tajjeb li tieħdu ħsieb lil xulxin waqt li tkunu titkellmu, tilgħabu u tistudjaw flimkien l-iskola.

It-tpinġijit li baghttuli għall-Kompetizzjoni tal-Logo kienu verament sbieħ. Nieħu gost nara li intom taqblu mad-dritt li tgħixu fil-paċi u li tkunu ferħana.

Nawguralkom Jum it-Tfal mill-isbaħ.

## Sonia Camilleri

Kummissarju għat-Tfal

# Dokument **D**

20 ta' Novembru 2004

## Messaġġ għall-Jum Dinji tat-Tfal

Jiena jisimni Mark Anthony u għandi 11-il sena. Jiena membru tal-Kunsill għat-Tfal li huwa mwaqqaf bil-liġi biex jgħin lil Kummissarju għat-Tfal.

Aħna f'Malta verament fortunati li għandna ħafna nies li jieħdu ħsibna u jaraw li ma ssirilniex ħsara. Aħna t-tfal u żgħażagħ, ukoll fortunati għax illum għandna l-opportunità li ngħaddu messaġġ lil kulħadd.

Hawn ftit punti li nixtieq naqsam magħkom:

Biex aħna t-tfal ikollna ħajja sabiħa, l-opinjonijiet tagħna għandhom ikunu mismugħa. Jekk inkunu nixtiequ xi ħaġa u din ma jagħtuhilniex, l-ġenituri għandhom jispjegawlna għalfejn ma jistax ikollna din ix-xewqa, forsi għax tagħmlilna l-ħsara jew għaliex tkun għalja wisq.

Jekk it-tifel qiegħed iħossu mdejjaq fl-iskola, id-dar eċċ., il-problema għandha tkun eliminata mal-ewwel, ħalli t-tifel ma jħossux iktar mdejjaq.

Tkun ħaġa sabiħa kieku jkollna aktar ħin biex nilgħabu u nistrieħu mix-xogħol ta' l-iskola ħalli jkollna ħin għat-talenti tagħna u dak li jogħġobna. B'hekk ukoll nkunu qed inżidu "s-self esteem" tagħna. Smajt illi f'pajjizi bħal Ġermanja l-istudenti għandhom ħafna inqas 'homework' mit-tfal ta' Malta.

Għandna opportunità li f'Malta għandna tfal u żgħażagħ minn pajjiżi oħra b'kulturi differenti, li bis-saħħa tagħhom qegħdin nitgħallmu fuq pajjiżhom. Qed naraw ukoll kemm huma tfal ferrieħa minkejja l-problemi fil-pajjiżi tagħhom.

Illum qiegħed inkellimkom bil-mezzi tax-xandir. Xewqa li għandna aħna hija li jkollna programm ta' informazzjoni għalina - qishom aħbarijiet għat-tfal, fejn ikun hemm aħbarijiet li jinteressaw lilna , li nkunu nistgħu nifhmuhom, u li ma jkunux mimlijin vjolenza.

Aħna t-tfal ilkoll għandna d-drittijiet. Dawn id-drittijiet fuq kollox jgħallmuna l-importanza li nirrispettaw lil xulxin. Jien nappella lit-tfal u żgħażagħ biex isiru jafu iżjed fuq id-drittijiet - u fuq kollox jibdew jgħixuhom. Aħna stess għandna nirrispettaw id-drittijiet tat-tfal u żgħażagħ l-oħra, kif ukoll tal-ġenituri, ta' l-għalliema u ta' kull min jieħu ħsiebna.

Nawguralkom li jkollkom ġurnata sabiħa u ma ninsewx illi llum huwa l-jum tat-tfal tad-dinja kollha!!

Mark Anthony Sammut, 11
Membru, Kunsill għat-Tfal

# Dokument **E**

## 1. Liġijiet u Politika Internazzjonali li ntużaw fil-kapitlu 3b: it-tfal u żgħażagħ immigranti

### 1.1 Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda fuq id-Drittijiet tat-Tfal

Din il-Konvenzjoni tiddeskrivi d-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażagħ ta' taħt it-18-il sena, u għalhekk għandha tittieħed bħala l-bażi għal kull politika li hija ndirizzata lill-minuri.

Insibu diversi artikli fil-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal li jsaħħu dan:

Artiklu 2 jitlob li l-iStati jieħdu l-miżuri xierqa kollha sabiex it-tfal ikunu protetti minn kull forma ta' diskriminazzjoni jew kastig minħabba l-istat tagħhom, jew l-attivitajiet, l-opinjonijiet jew it-twemmin tal-ġenituri, tuturi jew membri tal-familja tagħhom;

Artiklu 3 jipprovdi li kull azzjoni mittieħda mill-iStati li tikkonċerna lit-tfal trid tkun dejjem fl-aħjar interessi tat-tfal;

Artiklu 9 jagħti d-dritt lit-tfal li ma jkunux separati mill-ġenituri tagħhom kontra r-rieda tagħhom;

Artiklu 22 jitlob mill-iStat li jittieħdu miżuri biex il-minuri li qed japplikaw għal stat ta' refuġjat jew li ġew mogħtija dan l-istat, kemm jekk ikunu akkumpanjati sew jekk le, jingħataw protezzjoni u assistenza;

Artiklu 37 jitlob mill-iStat li d-detenzjoni ta' minuri trid tkun l-aħħar forma ta' miżura u tkun għal żmien qasir.

### 1.2 Konvenzjoni tal-Ġnus Magħquda dwar ir-Refuġjati

Artiklu 31. Rifuġjati li jidħlu f'pajjiż b'mod illegali:

1. L-iStati m'għandhomx jimponu penali fuq rifuġjati li jidħlu jew jinstabu f'pajjiż b'mod illegali, meta dawn ikunu ġejjin minn territorji fejn ħajjithom jew il-liberta' tagħhom tkun mhedda, u meta huma jkunu avviċinaw l-awtoritajiet ikkonċernati mingħajr dewmien u jkollhom raġuni tajba għall-fatt li jkunu daħlu b'mod illegali.
2. L-iStati m'għandhomx japplikaw restrizzjonijiet fuq dawn ir-rifuġjati ħlief dawk li jkunu assolutament neċessarji, u jekk jingħataw restrizzjonijiet dawn għandhom

ikunu applikati biss sakemm l-istat tagħhom fil-pajjiż jiġi regolarizzat jew jitħallew jidħlu f'pajjiż ieħor. L-iStati għandhom jagħtu perjodu raġonevoli u l-faċilitajiet kollha biex huma jkunu f'pożizzjoni li jitħallew jidħol f'pajjiż ieħor.

## 1.3 Linji Gwida tal-UNHCR fuq id-detenzjoni ta' l-1999 u fuq il-Protezzjoni u l-Kura ta' Tfal Rifuġjati

Skond il-linji gwida tal-UNHCR, minuri mhux akkumpanjati m'għandhomx ikunu detenuti, bħala regola ġenerali. Fil-kuntest fejn ikun hemm diġa membri tal-familja tal-minuri fil-pajjiż, il-UNHCR tirrikomanda li għandu jsir arranġament biex imur fil-kura tagħhom. Fejn dan mhux possibli, arranġamenti alternattivi għandhom isiru biex il-minuri jingħataw akkomodazzjoni u kura minn awtoritajiet li jieħdu ħsieb il-minuri. B'hekk l-iżvilupp tagħhom, kemm fiżiku u mentali ikun assigurat.

Fil-każ ta' tfal akkumpanjati mill-familja tagħhom, il-UNHCR tispeċifika li kull alternattiva għad-detenzjoni għandha tkun ikkunsidrata. Għalhekk il-UNHCR tgħid li t-tfal u l-familja ('primary caregivers') tagħhom m'għandhomx jiġu detenuti ħlief jekk dan ikun l-uniku mezz li tinżamm il-familja magħquda.

Il-UNHCR tisħaq fuq Artiklu 37 tal-Konvenzjoni tad-Drittijiet tat-Tfal, fil-każ li l-iStat iżomm minuri f'detenzjoni.

Anke fil-każ li minuri jkunu detenuti, huma xorta għandhom id-dritt għall-edukazzjoni preferibbilment barra mid-detenzjoni, biex b'hekk ukoll tiġi ffaċilitata il-kontinwazzjoni ta' l-edukazzjoni tagħhom meta jinħelsu. Minuri f'detenzjoni għandhom jingħataw possibilita għal rikrejazzjoni u logħob li huma essenzjali għall-iżvilupp mentali tal-minuri, kif ukoll jgħin lil minuri li għandhom stress u trawma.

Fl-aħħar, il-UNHCR titlob li għal kull minuri mhux akkumpanjat għandu jiġi appuntat tutur legali jew adviser.

## 1.4 L-Att tal-Kummissarju għat-Tfal, 2003

Artiklu 10 tal-Liġi:

10. Il-Kummissarju għandu jkollu bi gwida dawn il-prinċipji ġenerali li ġejjin:

(a) li l-aqwa interessi tat-tfal u tal-familja jiġu l-ewwel u qabel kollox
(b) li t-tfal kollha għandhom jiġu trattati b'dinjità, rispett u sens ta' ġustizzja
(ċ) li t-tfal b'diżabilità, jew tfal li jgħixu f'ċirkostanzi familjari jew soċjali żvantaġġati għandhom igawdu l-istess kwalità ta' ħajja bhal tfal oħra;

(d) li t-tfal u l-familji tagħhom għandu jkollhom kull opportunità li jipparteċipaw f'deċiżjonijiet li jolqtuhom u fid-definizzjoni, l-ippjanar u l-evalwazzjoni ta' servizzi lit-tfal;

(e) li l-gvern, il-familja u l-komunitajiet jaqsmu kull responsabilità għal promozzjoni ta' l-iżvilupp u l-ġid tat-tfal

## 1.5 L-Att dwar ir-Rifuġjati, 2000

Artiklu 12. Tfal u Żgħażagħ

Tifel jew żagħżugħ taħt l-età ta' tmintax-il sena li jaqa' fl-ambitu ta' dan l-Att li jinstab taħt ċirkostanzi li jkunu jindikaw ċar li jkun tifel jew żagħżugħ fil-bżonn ta' ħarsien, għandu jitħalla japplika għal asil, u għall-finijiet ta' dan l-Att, għandu jkun assistit skond ma hemm fl-Att dwar it-Tfal u Żgħażagħ (Ordnijiet għall-Ħarsien) bħallikieku kien xi tifel jew żagħżugħ taħt dak l-Att.